Il-Kummissjoni Ewropea

#SOTEU

# L-ISTAT TAL-UNJONI 2021

IL-15 TA' SETTEMBRU

**MINN URSULA VON DER LEYEN**
Il-President tal-Kummissjoni Ewropea

ec.europa.eu/soteu2021

Ta' kull sena f'Settembru, il-President tal-Kummissjoni Ewropea jagħmel Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni quddiem il-Parlament Ewropew, fejn janalizza r-riżultati li ntlaħqu fis-sena ta' qabel u jippreżenta l-prijoritajiet għas-sena li ġejja. F'dan id-diskors, il-President jistabbilixxi wkoll il-mod kif il-Kummissjoni Ewropea se tindirizza l-iktar sfidi urġenti li qed tiffaċċja l-Unjoni Ewropea. Dan id-diskors jiġi segwit minn diskussjoni plenarja. Din tagħti bidu għal djalogu mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill sabiex jitħejja l-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għas-sena ta' wara.

Id-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni, li għandu l-bażi tiegħu fit-Trattat ta' Lisbona, huwa stipulat fil-Ftehim Qafas tal-2010 dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, u jirrekjedi wkoll li l-President jibgħat Ittra ta' Intenzjoni lill-President tal-Parlament Ewropew u lill-Presidenza tal-Kunsill fejn jippreżenta fid-dettall l-azzjonijiet li l-Kummissjoni Ewropea tkun biħsiebha tieħu permezz ta' leġiżlazzjoni kif ukoll permezz ta' inizjattivi oħra sal-aħħar tas-sena ta' wara.

Ursula von der Leyen, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, għamlet it-tieni Diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni fil-15 ta' Settembru 2021.

Il-materjal kollu huwa disponibbli fuq http://ec.europa.eu/soteu2021.

# WERREJ


DISKORS 2021 ... 3

ITTRA TA' INTENZJONI LILL-PRESIDENT DAVID MARIA SASSOLI U LILL-PRIM MINISTRU JANEZ JANŠA ... 21

IL-KISBIET ... 26

1. INWITTU T-TRIQ BIEX NOĦORĠU MILL-KRIŻI GLOBALI TAS-SAĦĦA ... 29
2. IL-WEGĦDA STORIKA TAN-NEXTGENERATIONEU ... 35
3. NIBNU EWROPA AKTAR EKOLOĠIKA, AKTAR DIĠITALI U AKTAR SOĊJALMENT ĠUSTA ... 42
4. IL-ĠEOPOLITIKA F'DINJA POST-PANDEMIKA ... 56
5. INSAWRU L-FUTUR TAL-EWROPA, FLIMKIEN ... 62

KRONOLOĠIJA ... 63

L-ISTAT TAL-UNJONI

# DISKORS 2021

# INSAĦĦU R-RUĦ TAL-UNJONI TAGĦNA

## Introduzzjoni



Sur President,
Onorevoli Membri,

Ħafna huma n-nies li jħossu li ħajjithom kienet wieqfa filwaqt li d-dinja kienet miexja 'l quddiem b'mod mgħaġġel.

Il-ħeffa tal-avvenimenti u l-enormità tal-isfidi xi kultant huma diffiċli biex wieħed jifhimhom.

Dan kien ukoll żmien ta' ħsieb profond. Minn persuni li jerġgħu jivvalutaw ħajjithom sa dibattiti usa' dwar il-kondiviżjoni tat-tilqim u dwar valuri kondiviżi.

**Iżda hekk kif inħares lura lejn din is-sena li għaddiet, jekk inħares lejn l-istat tal-Unjoni llum, nara ruħ qawwija f'dak kollu li nagħmlu.**

Kien Robert Schuman li qal: L-Ewropa *teħtieġ ruħ, ideali, u r-rieda politika biex isservi dan l-ideal.*

> Huwa meta tiġi l-prova quddiemek li l-ispirtu tiegħek – ir-ruħ tiegħek – juru tassew x'inhuma.

L-Ewropa tat il-ħajja lil dawk il-kelmiet f'dawn l-aħħar tnax-il xahar.

*Fl-akbar kriżi tas-saħħa globali għal seklu*, għażilna li naħdmu flimkien sabiex kull parti tal-Ewropa jkollha l-istess aċċess għal vaċċin li jsalva l-ħajja.

*Fl-aktar kriżi ekonomika globali profonda għal għexieren ta' snin*, għażilna li naħdmu flimkien permezz ta' NextGenerationEU.

*U fl-agħar kriżi planetarja ta' kull żmien*, għal darb'oħra għażilna li naħdmu flimkien permezz tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

**Għamilna dan flimkien bħala Kummissjoni, bħala Parlament, bħala 27 Stat Membru. Bħala Ewropa waħda. U nistgħu nkunu kburin b'dan.**

Iżda ż-żmien tal-Corona għadu ma ntemmx.

Għad hemm ħafna wġigħ fis-soċjetà tagħna hekk kif il-pandemija għadha għaddejja. Hemm qlub li qatt ma nistgħu nerġgħu nsewwu, stejjer tal-ħajja li qatt ma nistgħu ntemmuhom u żmien li qatt ma nistgħu nagħtu lura liż-żgħażagħ tagħna. Qed niffaċċjaw sfidi ġodda u dejjiema f'dinja li qed tirkupra — u titkisser — b'mod irregolari.

Għalhekk m'hemm l-ebda dubju: is-sena d-dieħla se tkun test ieħor ta' karattru.

**Iżda nemmen li huwa meta tiġi l-prova quddiemek li l-ispirtu tiegħek – ir-ruħ tiegħek – juru tassew x'inhuma.**

**Kif inħares madwar l-Unjoni tagħna, naf li l-Ewropa se tgħaddi minn dak it-test.**



U dak li jagħtini l-fiduċja huwa l-ispirazzjoni li nistgħu nieħdu miż-żgħażagħ tal-Ewropa.

Minħabba li ż-żgħażagħ tagħna jqiegħdu tifsira fl-empatija u s-solidarjetà.
Huma jemmnu li għandna responsabbiltà lejn il-pjaneta.
U filwaqt li huma anzjużi dwar il-futur, huma determinati li jagħmluh aħjar.

**L-Unjoni tagħna se tkun aktar b'saħħitha jekk tkun aktar bħall-ġenerazzjoni li jmiss tagħna: riflessiva, determinata u jimpurtaha. Imsejsa fuq il-valuri u kuraġġuża fl-azzjoni.**

Dan l-ispirtu se jkun aktar importanti minn qatt qabel matul it-tnax-il xahar li ġejjin. Dan huwa l-messaġġ fl-Ittra ta' Intenzjoni li bgħatt dalgħodu lill-President Sassoli u lill-Prim Ministru Jansa biex niddeskrivi l-prijoritajiet tagħna għas-sena li ġejja.

## EWROPA MAGĦQUDA FL-AVVERSITÀ U L-IRKUPRU



Onorevoli Membri,

Sena hija żmien twil f'pandemija.

Meta kont quddiemkom 12-il xahar ilu, ma kontx naf meta – jew saħansitra jekk – kienx se jkollna vaċċin sikur u effettiv kontra l-COVID-19.

**Iżda llum, u minkejja l-kritiċi kollha, l-Ewropa hija fost ta' quddiem nett fid-dinja.**

Aktar minn 70 fil-mija tal-adulti fl-UE huma kompletament imlaqqma. Konna l-uniċi li qsamna nofs il-produzzjoni tat-tilqim tagħna mal-bqija tad-dinja. Ipprovdejna aktar minn 700 miljun doża lill-poplu Ewropew, u pprovdejna aktar minn 700 miljun doża lill-bqija tad-dinja, lil aktar minn 130 pajjiż.

**Aħna l-uniku reġjun fid-dinja li kiseb dan.**

Pandemija hija maratona, mhux tiġrija qasira.

> Għamilna dan bil-mod it-tajjeb, għaliex għamilnieh bil-mod Ewropew.

Imxejna max-xjenza.
Irnexxielna nagħtu r-riżultati għall-Ewropa. Irnexxielna nagħtu r-riżultati għad-dinja.

**Għamilna dan bil-mod it-tajjeb, għaliex għamilnieh bil-mod *Ewropew*. U rnexxielna!**

Iżda filwaqt li għandna kull raġuni biex inkunu kunfidenti, m'għandna l-ebda raġuni biex inkunu kompjaċenti.

**L-ewwel prijorità tagħna – u l-aktar waħda urġenti – hija li nħaffu t-tilqim globali.**

B'inqas minn 1% tad-dożi globali amministrati f'pajjiżi bi dħul baxx, l-iskala ta' inġustizzja u l-livell ta' urġenza huma ovvji. Din hija waħda mill-kwistjonijiet ġeopolitiċi l-kbar ta' żmienna.

It-Tim Ewropa qed jinvesti biljun euro biex inżidu l-kapaċità tal-produzzjoni tal-mRNA fl-Afrika. It-Tim Ewropa diġà impenja ruħu li jikkondividi 250 miljun doża.



Illum nista' nħabbar li l-Kummissjoni se żżid donazzjoni ġdida ta' 200 miljun doża oħra sa nofs is-sena d-dieħla.

Dan huwa investiment fis-solidarjetà – iżda wkoll fis-saħħa globali.

**It-tieni prijorità hija li nkomplu bl-isforzi tagħna hawnhekk fl-Ewropa.**

Qed naraw diverġenzi inkwetanti fir-rati tat-tilqim fl-Unjoni tagħna.

Għalhekk jeħtieġ li nżommu r-ritmu.

U l-Ewropa hija lesta. Għandna 1.8 biljun doża addizzjonali miksuba. Dan huwa biżżejjed għalina u għall-viċinat tagħna meta jkunu meħtieġa dożi booster. Ejjew nagħmlu dak kollu possibbli biex niżguraw li dan ma jinbidilx f'pandemija ta' dawk mhux imlaqqma.

**Il-prijorità finali hija li nsaħħu l-istat ta' tħejjija tagħna għall-pandemiji.**

Is-sena l-oħra, għidt li kien wasal iż-żmien li nibnu Unjoni Ewropea tas-Saħħa. **Illum dan qegħdin inwettquh. Bil-proposta tagħna qed nistabbilixxu l-awtorità tal-HERA.**

Din se tkun ass enormi li jgħinna nindirizzaw it-theddid għas-saħħa futur aktar kmieni u aħjar.

Għandna l-innovazzjoni u l-kapaċità xjentifika, l-għarfien tas-settur privat, u awtoritajiet nazzjonali kompetenti. U issa jeħtieġ li nlaqqgħu dan kollu flimkien, inkluż finanzjament massiv.

Minħabba dan l-isforz konġunt, filwaqt li l-bqija tad-dinja ddiskutietu, l-Ewropa wettqitu.

Għalhekk qed nipproponi **missjoni ġdida ta' tħejjija u ta' reżiljenza għas-saħħa għall-UE kollha**. U din għandha tkun appoġġata minn investiment ta' EUR 50 biljun ta' Tim Ewropa sal-2027.

**Biex niżguraw li l-ebda virus qatt ma jibdel epidemija lokali f'pandemija globali.** M'hemmx redditu fuq l-investiment aħjar minn dan.

Onorevoli Membri,

Il-ħidma fuq l-Unjoni Ewropea tas-Saħħa hija pass kbir 'il quddiem. U nixtieq nirringrazzja lil din il-Kamra għall-appoġġ tagħkom.

Urejna li meta naġixxu flimkien, aħna kapaċi naġixxu malajr.

**Ħu ċ-ċertifikat diġitali tal-UE:**

**Illum ġew iġġenerati aktar minn 400 miljun ċertifikat madwar l-Ewropa. 42 pajjiż f'erba' kontinenti huma inklużi**.

Dan ipproponejnieh f'Marzu.

Intom appoġġajtuh!
Tliet xhur wara, kien qed jaħdem.

**Minħabba dan l-isforz konġunt, filwaqt li l-bqija tad-dinja ddiskutietu, l-Ewropa wettqitu.**







Għamilna ħafna affarijiet kif suppost. Imxejna malajr biex noħolqu SURE. Dan appoġġa aktar minn 31 miljun ħaddiem u 2.5 miljun kumpanija madwar l-Ewropa.

Tgħallimna l-lezzjonijiet mill-passat meta konna wisq maqsuma u domna wisq.

U d-differenza hija qawwija: l-aħħar darba għaddew tmien snin biex il-PDG taż-żona tal-euro jerġa' lura għal-livelli ta' qabel il-kriżi.

Din id-darba qed nistennew li 19-il pajjiż ikunu fil-livelli ta' qabel il-pandemija din is-sena bil-bqija jagħmlu dan is-sena d-dieħla. **It-tkabbir fiż-żona tal-euro qabeż kemm tal-Istati Uniti kif ukoll taċ-Ċina fl-aħħar kwart tas-sena.**

Dan għadu biss il-bidu. U t-tagħlimiet mill-kriżi finanzjarja għandhom iservu bħala ġrajja li nitgħallmu minnha: l-Ewropa ddikjarat ir-rebħa kmieni wisq u ħallset prezz għal dan. U m'aħniex se nirrepetu l-istess żball.

**L-aħbar it-tajba hija li permezz ta' NextGenerationEU issa se ninvestu kemm f'irkupru fuq** *żmien qasir* **kif ukoll fil-prosperità *fit-tul*.**

Aħna se nindirizzaw kwistjonijiet strutturali fl-ekonomija tagħna: mis-swieq tax-xogħol fi Spanja, sar-riformi tal-pensjonijiet fis-Slovenja jew ir-riforma tat-taxxa fl-Awstrija.

B'mod mingħajr preċedent, se ninvestu fil-5G u fil-fibra. Iżda huwa daqstant ieħor importanti l-investiment f'ħiliet diġitali. Din il-ħidma teħtieġ l-attenzjoni tal-mexxejja u djalogu strutturat fl-ogħla livell.

Ir-rispons tagħna jipprovdi direzzjoni ċara kemm lis-swieq kif ukoll lill-investituri.

Iżda, hekk kif inħarsu 'l quddiem, jeħtieġ li nirriflettu wkoll dwar kif il-kriżi affettwat is-sura tal-ekonomija tagħna – minn żieda fid-dejn, sa impatt mhux uniformi fuq setturi differenti, jew modi ġodda ta' ħidma.

Biex nagħmel dan, il-Kummissjoni se tniedi mill-ġdid id-diskussjoni dwar ir-Rieżami tal-Governanza Ekonomika fil-ġimgħat li ġejjin. L-għan huwa li jinbena kunsens dwar it-triq 'il quddiem sew qabel l-2023.

> Għall-irkupru tagħna, is-Suq Uniku huwa l-ixprun tal-impjiegi tajba u tal-kompetittività.

Onorevoli Membri,

Dalwaqt se niċċelebraw 30 sena tas-Suq Uniku. Għal 30 sena dan kien il-faċilitatur il-kbir tal-progress u l-prosperità fl-Ewropa.

Fil-bidu tal-pandemija, iddefendejnieh kontra l-pressjonijiet tal-erożjoni u l-frammentazzjoni. Għall-irkupru tagħna, is-Suq Uniku huwa l-ixprun tal-impjiegi tajba u tal-kompetittività.

Dan huwa partikolarment importanti fis-suq uniku diġitali.

Għamilna proposti ambizzjużi fl-aħħar sena.

Li nikkontrollaw is-setgħa ta' gwardjan tal-pjattaformi ewlenin;

Li nirfdu r-responsabbiltà demokratika ta' dawk il-pjattaformi;

Li nrawmu l-innovazzjoni;

U li nidderieġu s-saħħa tal-intelliġenza artifiċjali.

**Id-diġitali hija l-kwistjoni deċiżiva**. U l-Istati Membri huma tal-istess fehma. L-infiq diġitali f'NextGenerationEU saħansitra se jaqbeż il-mira ta' 20 % li stabbilejna.

Dan jirrifletti l-importanza tal-investiment fis-sovranità teknoloġika Ewropea tagħna. Irridu nsaħħu l-isforzi tagħna biex infasslu t-trasformazzjoni diġitali tagħna skont ir-regoli u l-valuri tagħna stess.

Ippermettuli niffoka fuq is-semikondutturi, dawk iċ-ċipep żgħar li bihom jaħdem kollox: minn smartphones u skuters elettriċi sa ferroviji jew fabbriki intelliġenti sħaħ.

M'hemmx diġitali mingħajr ċipep. U filwaqt li qed nitkellmu, linji tal-produzzjoni sħaħ diġà qed jaħdmu b'veloċità mnaqqsa - minkejja ż-żieda fid-domanda - minħabba nuqqas ta' semikondutturi.




Iżda filwaqt li d-domanda globali splodiet, is-sehem tal-Ewropa tul il-katina tal-valur kollha, mid-disinn sal-kapaċità tal-manifattura naqas. Aħna niddependu fuq ċipep tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku mmanifatturati fl-Asja.

Għalhekk din mhijiex biss kwistjoni tal-kompetittività tagħna. Din hija wkoll kwistjoni ta' sovranità teknoloġika. Għalhekk ejjew niffukaw b'mod sħiħ fuqha.

**Se nippreżentaw Att Ewropew ġdid dwar iċ-Ċipep.** Jeħtieġ li ngħaqqdu flimkien il-kapaċitajiet tagħna ta' riċerka, disinn u ttestjar ta' klassi dinjija. Jeħtieġ li nikkoordinaw l-investiment tal-UE u dak nazzjonali tul il-katina tal-valur.

L-għan huwa li flimkien noħolqu ekosistema Ewropea taċ-ċipep bl-aħħar teknoloġija, inkluża l-produzzjoni. Dan jiżgura s-sigurtà tal-provvista tagħna u jiżviluppa swieq ġodda għal teknoloġija innovattiva Ewropea.

Iva, dan huwa kompitu diffiċli. U naf li xi wħud jgħidu li dan ma jistax isir.

Iżda kienu qalu l-istess ħaġa dwar Galileo 20 sena ilu.

U ara x'ġara. Irnexxielna niksbu suċċess. Illum is-satelliti Ewropej jipprovdu s-sistema ta' navigazzjoni għal aktar minn 2 biljun smartphone madwar id-dinja. Aħna mexxejja dinjija. **Mela ejja nerġgħu nkunu kuraġġużi, din id-darba bis-semikondutturi.**

Onorevoli Membri,

Il-pandemija ħalliet marki profondi – b'impatt qawwi fuq l-ekonomija soċjali tas-suq tagħna.

> Irridu nsaħħu l-isforzi tagħna biex infasslu t-trasformazzjoni diġitali tagħna skont ir-regoli u l-valuri tagħna stess.

Serata wara oħra, konna hemm, fit-twieqi tagħna, quddiem il-bibien tagħna – biex inċapċpu lill-ħaddiema li kienu fuq quddiem. Kollha kemm aħna rajna kemm niddependu fuq dawn il-ħaddiema. Fuq dawk li jiddedikaw ruħhom għal paga inferjuri, inqas protezzjoni u inqas sigurtà.



**Iċ-ċapċip forsi waqaf, imma l-qawwa tal-emozzjonijiet tagħna jeħtieġ li tibqa'.**

Huwa għalhekk li t-twettiq tal-**pilastru Ewropew tad-drittijiet soċjali** huwa daqshekk importanti. Dan ifisser impjiegi diċenti, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, kura tas-saħħa aħjar u ekwilibriju tajjeb tal-ħajja.

Jekk il-pandemija għallmitna xi ħaġa, din kienet il-valur tal-ħin. U li m'hemm l-ebda ħin daqshekk prezzjuż daqs dak li niddedikawh għall-qraba tagħna.

**Huwa għalhekk li se nipproponu strateġija ġdida Ewropea dwar il-kura**.

Sabiex kull mara u kull raġel jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-aħjar kura possibbli u jsibu l-aħjar ekwilibriju tal-ħajja. Iżda l-ekwità soċjali mhijiex biss kwistjoni ta' ħin iżda wkoll kwistjoni ta' ekwità fiskali.

Fl-ekonomija soċjali tas-suq tagħna, huwa tajjeb li l-impriżi jagħmlu l-qligħ. *Iżda jekk huma jagħmlu l-qligħ,* dan huwa bis-saħħa tal-kwalità tal-infrastrutturi tagħna, tas-sigurtà soċjali tagħna u tas-sistemi edukattivi tagħna.

Għalhekk, hija l-inqas ħaġa li jistgħu jagħmlu li jħallsu l-kontribuzzjoni ġusta tagħhom. Huwa għalhekk li se nkomplu niġġieldu kontra l-evażjoni u l-frodi fiskali.
Se nipproponu abbozz ta' liġi li jkollu fil-mira tiegħu l-qligħ moħbi wara kumpaniji fantażma. U se niddedikaw il-ħidma tagħna kollha biex nissiġillaw il-ftehim storiku mondjali dwar ir-rata minima tat-taxxa fuq il-kumpaniji.

**Li wieħed iħallas ammont ġust ta' taxxi mhijiex biss kwistjoni ta' finanzi pubbliċi, iżda fuq kollox kwistjoni sempliċi ta' ekwità.**

Onorevoli Membri,

Aħna lkoll ibbenefikajna mill-bażijiet tal-ekonomija soċjali tas-suq Ewropew tagħna. U rridu nagħmlu mod li l-ġenerazzjoni li jmiss tkun tista' tibni l-futur tagħha.

Ninsabu fil-preżenza ta' ġenerazzjoni ġdida edukata ħafna, b'ħafna talenti u motivata ħafna. Ġenerazzjoni li ssagrifikat tant biex tippreżerva s-sigurtà ta' ħaddieħor.

Iż-żgħożija hija – normalment – żmien l-iskoperta. Wieħed ikollu esperjenzi ġodda. Wieħed isib il-ħbieb ta' ħajtu. Wieħed jiskopri t-triq tiegħu. Imma x'intalab miż-żgħażagħ ta' llum? Li jżommu d-distanzi soċjali, li jibqgħu ġewwa u li jattendu l-iskola minn djarhom. Għal iktar minn sena.

> Se nipproponu li s-sena 2022 tkun is-Sena taż-Żgħażagħ Ewropej. Sena ddedikata għat-tisħiħ ta' dawk li tant iddedikaw lill-oħrajn.

Huwa għalhekk li dak kollu li qed nagħmlu mill-Patt Ekoloġiku sa NextGenerationEU – huwa maħsub biex jipproteġi l-futur tagħhom.

Huwa għalhekk li NextGenerationEU trid tiġi ffinanzjata minn **riżorsi proprji ġodda** li qegħdin naħdmu fuqhom.

Iżda rridu wkoll noqogħdu attenti li ma noħolqux qasmiet ġodda. Għaliex l-Ewropa għandha bżonn iż-żgħażagħ kollha tagħha.

Irridu ninkoraġġixxu lil dawk li jaqgħu lura. Lil dawk li m'għandhomx impjieg. Lil dawk li mhuma qegħdin isegwu la edukazzjoni u lanqas taħriġ.

Għalihom, **se noffru programm ġdid – ALMA**.

ALMA se joffri lil dawn iż-żgħażagħ il-possibiltà ta' esperjenza professjonali temporanja fi Stat Membru ieħor.

Għaliex huma wkoll jixirqilhom li jgħixu esperjenza bħall-Erasmus. Biex jiksbu l-kompetenzi, biex joħolqu kuntatti u jistabbilixxu l-identità Ewropea tagħhom.

**Iżda, sabiex insawru l-Unjoni tagħna fis-sura tagħhom, iż-żgħażagħ iridu jkunu jistgħu jsawru l-futur tal-Ewropa. L-Unjoni tagħna jrid ikollha ruħ u viżjoni li jkellmuhom.**

Kif kien darba staqsa Jacques Delors: *Kif se nsawru l-Ewropa jekk iż-żgħażagħ ma jarawx fiha proġett kollettiv u rappreżentazzjoni tal-futur tagħhom stess?*

**Huwa għalhekk li qed nipproponu li nagħmlu l-2022 s-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ**.



Sena ddedikata għall-valorizzazzjoni taż-żgħażagħ li ssagrfikaw tant għall-oħrajn U ż-żgħażagħ iridu jmexxu d-dibattiti tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa.

**Huwa l-futur tagħhom u din għandha tkun il-konferenza tagħhom.**

U kif għidna fil-bidu tal-mandat, il-Kummissjoni se tkun lesta li tagħti segwitu għal-punti li se jiġu deċiżi mill-Konferenza.



## EWROPA MAGĦQUDA FIR-RESPONSABBILTÀ

Onorevoli Membri,

Din hi ġenerazzjoni li għandha kuxjenza. Qed jimbuttawna biex immorru aktar ’il bogħod u b’aktar ħeffa biex nindirizzaw il-kriżi klimatika.

U l-avvenimenti tas-sajf servew biex jispjegaw għaliex. Rajna għargħar fil-Belġju u fil-Ġermanja. U nirien fil-foresti mill-gżejjer Griegi sal-għoljiet fi Franza.

U jekk ma nemmnux dak li qed jaraw għajnejna, kemm naraw x’tgħid ix-xjenza.

Dan l-aħħar in-NU ppubblikat ir-rapport tal-IPCC, il-Grupp Intergovernattiv ta’ Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima. Dan huwa l-awtorità dwar ix-*xjenza* tat-tibdil fil-klima.

Ir-rapport ma jħalli l-ebda dubju. It-tibdil fil-klima huwa kkawżat mill-bniedem. Iżda peress li huwa kkawżat mill-bniedem, nistgħu nagħmlu xi ħaġa dwaru.

Kif smajt jintqal dan l-aħħar: **Dan tisħin. Huwa aħna. Ċerti minn dan. Huwa ħażin. Iżda nistgħu nsewwuh.**

U dik il-bidla diġà qed isseħħ.

Fl-ewwel nofs ta’ din is-sena ġew irreġistrati aktar vetturi elettriċi milli karozzi diżil fil-Ġermanja. Il-Polonja issa hija l-akbar esportatur tal-UE ta’ batteriji tal-karozzi u ta’ karozzi tal-linja elettriċi. Jew nieħdu l-**Bauhaus Ewropea l-Ġdida** li wasslet għal splużjoni ta’ kreattività ta’ periti, disinjaturi, inġiniera madwar l-Unjoni tagħna.

> Se naraw li t-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika jimxi id f’id mat-tisħiħ tal-ambizzjoni soċjali. Din għandha tkun tranżizzjoni ekoloġika ġusta.

*Għalhekk huwa ċar li xi ħaġa qed tiċċaqlaq.*

U dan huwa l-qofol tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.



Fid-diskors tiegħi tas-sena li għaddiet, ħabbart il-mira tagħna li sal-2030 innaqqsu mill-inqas 55 % tal-emissjonijiet.

Minn dakinhar ’l hawn, flimkien ittrasformajna l-objettivi klimatiċi tagħna f’obbligi legali. **U aħna l-ewwel ekonomija maġġuri li qed tippreżenta leġiżlazzjoni komprensiva sabiex dan iseħħ.**

Rajtuha l-kumplessità tad-dettall. Iżda l-għan huwa wieħed sempliċi. Se nagħtu prezz lit-tniġġis. Se nnaddfu l-enerġija li nużaw. Se jkollna karozzi aktar intelliġenti u ajruplani aktar nodfa.

U se niżguraw li t-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika jimxi id f’id mat-tisħiħ tal-ambizzjoni soċjali. **Din għandha tkun tranżizzjoni ekoloġika ġusta. Din hija r-raġuni għaliex ipproponejna Fond Soċjali għall-Klima ġdid** li jindirizza l-faqar enerġetiku li diġà jolqot lil 34 miljun Ewropew.

Issa f'idejn il-Parlament u l-Istati Membri biex iżommu, kemm il-pakkett kif ukoll l-ambizzjoni tiegħu.

**L-Ewropa jista' jkollha rwol kbir** f'dak li għandu x'jaqsam mat-tibdil fil-klima u mal-kriżi tan-natura. U se tgħin lill-oħrajn. Kburija li **llum qed inħabbar li l-UE se tirdoppja l-finanzjament estern tagħha għall-bijodiversità**, b'mod partikolari għall-aktar pajjiżi vulnerabbli.

Iżda l-Ewropa ma tistax taħdem għal rasha.

**Il-COP26 fi Glasgow se jkun mument ta' verità** għall-komunità dinjija.




L-ekonomiji ewlenin — mill-Istati Uniti sal-Ġappun — stabbilixxew ambizzjonijiet fir-rigward tan-newtralità klimatika fl-2050 jew ftit taż-żmien wara. Dawn jeħtieġ li jkunu appoġġjati minn pjanijiet konkreti li jiġu stabbiliti bil-lest għal-laqgħa ta' Glasgow. L-impenji ta' bħalissa għall-2030 mhumiex se jkunu biżżejjed biex it-tisħin globali jinżamm sa 1.5 Celsius.

Kull pajjiż għandu responsabbiltà x'jerfa'!

L-għanijiet li stabbilixxa l-President Xi għaċ-Ċina jagħtuna l-qalb. U nappellaw biex ikun hemm l-istess tmexxija dwar kif iċ-Ċina beħsiebha tiksibhom. Id-dinja sserraħ moħħha jekk juru li se jilħqu l-ogħla livell ta' emissjonijiet sa nofs id-deċennju — u ma jibqgħux jużaw il-faħam kemm ġewwa kif ukoll barra mill-pajjiż.

Filwaqt li kull pajjiż huwa responsabbli, l-ekonomiji ewlenin għandhom dmir speċjali fil-konfront tal-pajjiżi li huma *l-anqas* żviluppati u *l-aktar* vulnerabbli. **Il-finanzjament għall-klima** huwa essenzjali għalihom — kemm għall-mitigazzjoni kif ukoll għall-adattament.

Fil-Messiku u f'Pariġi, l-ekonomiji l-kbar impenjaw ruħhom li jipprovdu 100 biljun dollaru fis-sena sal-2025 lill-pajjiżi l-anqas żviluppati u l-aktar vulnerabbli.

> Il-messaġġ tiegħi llum huwa li l-Ewropa lesta li tagħmel aktar.

Aħna nwettqu l-impenn tagħna. **It-Tim Ewropa jikkontribwixxi 25 biljun dollaru fis-sena.** Iżda oħrajn għadhom 'il bogħod milli jilħqu l-mira globali.

Jekk nagħlqu dan id-distakk inżidu ċ-ċans tas-suċċess fi Glasgow.

Il-messaġġ tiegħi llum huwa li l-Ewropa lesta li tagħmel aktar. **Issa se nipproponu 4 biljun euro addizzjonali għall-finanzjament għall-klima sal-2027.** Iżda qed nistennew li l-Istati Uniti u s-sħab tagħna se jagħtu sehem akbar ukoll.

**Jekk naħdmu id f'id – l-Istati Uniti u l-UE – jirnexxielna niksbu l-finanzjament għall-klima, u jkun sinjal qawwi għal tmexxija globali dwar il-klima.** Wasal il-waqt li nwettqu.

Onorevoli Membri,

Din it-tmexxija klimatika u ekonomika hija ċentrali għall-objettivi globali u tas-sigurtà tal-Ewropa.

Dan jirrifletti wkoll bidla usa' fix-xena dinjija fi żmien ta' tranżizzjoni lejn ordni internazzjonali ġdid.

Deħlin f'**era ġdida ta' kompetittività kbira.**

Era li fiha xi wħud iridu jkunu influwenti akkost ta' kollox: minn wegħdiet ta' tilqim u self b'imgħax għoli, għal missili u miżinformazzjoni.



Era ta' rivalitajiet reġjonali u potenzi ewlenin li qed jiffokaw l-attenzjoni tagħhom fuq xulxin mill-ġdid.

L-avvenimenti reċenti fl-Afganistan mhumiex il-kawża ta' din il-bidla — iżda huma sintomu tagħha.

U l-ewwel u qabel kollox, irrid inkun ċara: **Aħna nappoġġjaw lill-poplu Afgan.** In-nisa ut-tfal, il-prosekuturi, il-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem.

F'moħħi għandi, b'mod partikolari, l-imħallfin nisa li issa qegħdin jinħbew mill-irġiel li bagħtu l-ħabs. Dawn tqiegħdu f'riskju minħabba l-kontribut tagħhom għall-ġustizzja u l-istat tad-dritt. Irridu nappoġġjawhom u se nikkoordinaw l-isforzi kollha mal-Istati Membri biex neħduhom f'postijiet sikuri.

U rridu nkomplu nappoġġjaw lill-Afgani kollha fil-pajjiż u fil-pajjiżi ġirien. Irridu nagħmlu dak kollu biex nevitaw ir-riskju reali ta' ġuħ u diżastru umanitarju maġġuri. U aħna se nagħmlu l-parti tagħna. Se nerġgħu nżidu l-għajnuna umanitarja li nagħtu lill-Afganistan b'100 miljun euro.

Dan se jkun parti minn **Pakkett ta' Appoġġ Afgan** ġdid u usa' li se nippreżentaw fil-ġimgħat li ġejjin biex inlaqqgħu l-isforzi kollha tagħna.

> Jeħtieġ li ninvestu fis-sħubija konġunta tagħna u li nużaw is-saħħa unika tagħna lkoll.

Onorevoli Membri,

L-avvenimenti li seħħew fl-Afganistan kienu tassew diffiċli għall-familji tal-membri tas-servizzi li taw ħajjithom.

Insellmu b'rispett is-sagrifiċċju ta' dawk is-suldati, id-diplomatiċi u l-ħaddiema umanitarji li mietu.

Biex niżguraw li s-servizz tagħhom qatt ma jintesa, irridu nirriflettu dwar kif din il-missjoni setgħet tintemm daqstant għal għarrieda.

Hemm kwistjonijiet inkwetanti ħafna li l-alleati se jkollhom jindirizzaw fi ħdan in-NATO.

M'hemm l-ebda kwistjoni marbuta mas-sigurtà u d-difiża li s-soluzzjoni għaliha hija anqas kooperazzjoni. Jeħtieġ li ninvestu fis-sħubija konġunta tagħna u li nużaw is-saħħa unika tagħna lkoll.

**Huwa għalhekk li qed naħdmu mas-Segretarju Ġenerali Jens Stoltenberg fuq Dikjarazzjoni Konġunta ġdida bejn l-UE u n-NATO li għandha tiġi ppreżentata qabel tmiem is-sena.**

Iżda din hija biss parti waħda mill-ekwazzjoni.

L-Ewropa tista' — u b'mod ċar għandha — tkun kapaċi u lesta li tieħu aktar azzjoni għal rasha. Iżda jekk irridu nagħmlu aktar, l-ewwel irridu nispjegaw għaliex. Jiena nara tliet kategoriji wiesgħa.

**L-ewwel nett**, jeħtieġ li nipprovdu stabbiltà fil-viċinat tagħna u f'reġjuni differenti.

Il-konnessjoni tagħna mad-dinja ssir permezz ta' passaġġi dojoq, ibħra mqallba u fruntieri kbar fuq l-art. Minħabba dik il-ġeografija, l-Ewropa taf aktar minn kulħadd li jekk ma tindirizzax il-kriżi f'pajjiżi oħra, din tispiċċa ssibha f'darek.

**It-tieni**, in-natura tat-theddid li qed niffaċċjaw qed tevolvi b'mod rapidu: minn attakki ibridi jew ċibernetiċi għat-tellieqa dejjem tikber tal-armi fl-ispazju.



It-teknoloġija fixkiela tagħti s-setgħa lil stati qarrieqa u gruppi mhux statali li jużaw qawwa kbira.

M'għadx għandek bżonn armati u missili biex tiġi kkawżata ħsara tal-massa. Tista' tipparalizza l-impjanti industrijali, l-amministrazzjonijiet tal-bliet u l-isptarijiet — dak kollu li għandek bżonn huwa l-laptop tiegħek. Tista' tfixkel elezzjonijiet sħaħ permezz ta' smartphone u konnessjoni tal-internet.



**It-tielet raġuni** hija li l-Unjoni Ewropea hija fornitur uniku tas-sigurtà. Se jkun hemm missjonijiet fejn in-NATO jew in-NU mhumiex se jkunu preżenti, iżda fejn l-UE għandha tkun preżenti.

Fuq il-lant, is-suldati tagħna jaħdmu spalla ma' spalla ma' uffiċjali tal-pulizija, ma' avukati u ma' tobba, ma' ħaddiema umanitarji u ma' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, mal-għalliema u mal-inġiniera.

Nistgħu nikkombinaw il-militar u l-pajżana, flimkien mad-diplomazija u l-iżvilupp — u għandna storja twila fil-bini u l-protezzjoni tal-paċi.

L-aħbar it-tajba hija li matul l-aħħar snin, bdejna niżviluppaw ekosistema tad-difiża Ewropea.

**Iżda għandna bżonn Unjoni Ewropea tad-Difiża.**

F'dawn l-aħħar ġimgħat saru ħafna diskussjonijiet dwar forzi ta' spedizzjoni. Dwar x'tip u kemm għandna bżonn: gruppi tattiċi jew forzi ta' dħul tal-UE.

Din hija bla dubju parti mid-dibattitu — u nemmen li se tkun parti mis-soluzzjoni.

Iżda l-aktar kwistjoni fundamentali hija għaliex din l-idea ma ħadmitx fil-passat.

Jista' jkollok l-aktar forzi avvanzati fid-dinja — iżda x'użu għandhom jekk qatt ma tkun lest tużahom?

Dak li żammna lura s'issa mhuwiex biss nuqqas fil-kapaċità — iżda n-nuqqas ta' rieda politika.

U jekk inrabbu r-rieda politika, hemm ħafna affarijiet li nistgħu nagħmlu fil-livell tal-UE.

Ippermettuli nagħtikom tliet eżempji konkreti:

> Nistgħu nikkombinaw il-militar u l-pajżana, flimkien mad-diplomazija u l-iżvilupp — u għandna storja twila fil-bini u l-protezzjoni tal-paċi.

**L-ewwel nett, jeħtieġ li nibnu l-pedament għat-teħid ta' deċiżjonijiet kollettivi — dan huwa dak li nsejjaħ għarfien tas-sitwazzjoni.**

Ma nkunux qed ngħinu lilna nfusna jekk l-Istati Membri li jkunu attivi fl-istess reġjun, ma jaqsmux l-informazzjoni tagħhom fil-livell Ewropew. Huwa vitali li ntejbu l-kooperazzjoni fl-intelligence.

Iżda dan ma jirrigwardax biss l-intelligence fis-sens ristrett.

Għandha l-għan li tlaqqa' l-informazzjoni mis-servizzi kollha u mis-sorsi kollha. Mill-ispazju u mingħand dawk li jħarrġu l-pulizija, minn sors miftuħ u mingħand l-aġenziji tal-iżvilupp. Xogħolhom jagħtina ambitu uniku u profondità tal-għarfien.

L-informazzjoni qiegħda hemm!

Iżda dawn l-għejun nużawhom biss biex nieħdu deċiżjonijiet infurmati bbażati fuq l-istampa sħiħa. U bħalissa dan mhuwiex il-każ. Għandna l-għarfien, iżda jinsab imferrex. L-informazzjoni hija frammentata.


© Adobe Stock

Huwa għalhekk li l-UE tista' tikkunsidra li ċ-Ċentru Konġunt ta' Għarfien tas-Sitwazzjoni tagħha stess jgħaqqad il-biċċiet ta' informazzjoni differenti kollha.

U biex inkunu mħejjija aħjar, biex ikollna l-informazzjoni kollha u biex inkunu nistgħu niddeċiedu.

**It-tieni, jeħtieġ li ntejbu l-interoperabbiltà.** Din hija r-raġuni għaliex diġà qed ninvestu fi pjattaformi komuni Ewropej, mill-ajruplani tal-gwerra sad-droni u s-settur ċibernetiku.

Iżda rridu nibqgħu naħsbu dwar modi ġodda kif nużaw is-sinerġiji kollha possibbli. Eżempju wieħed jista' jkun li tiġi kkunsidrata r-rinunzja tal-VAT meta jinxtara tagħmir tad-difiża żviluppat u prodott fl-Ewropa.

Dan mhux biss iżid l-interoperabbiltà tagħna, iżda jnaqqas ukoll id-dipendenzi tagħna.

**It-tielet, ma nistgħux nitkellmu dwar id-difiża mingħajr ma niddiskutu ċ-ċibernetiku.** Jekk kollox ikun konness, kollox ikun jista' jiġi kompromess bil-hacking. Billi r-riżorsi huma skarsi, jeħtiġilna nlaqqgħu l-forsi tagħna. Ma għandniex inkunu kuntenti biss li nindirizzaw it-theddida ċibernetika, iżda rridu nistinkaw biex inkunu fuq ta' quddiem fis-sigurtà ċibernetika.



L-għodod tad-difiża ċibernetika għandhom jiġu żviluppati fl-Ewropa. Din hija r-raġuni għaliex għandna bżonn **Politika Ewropea ta' Difiża Ċibernetika**, inkluż leġiżlazzjoni dwar standards komuni f'**Att ġdid Ewropew dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika**.

Jiġifieri hemm ħafna x'nistgħu nagħmlu fl-UE. Iżda jeħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu aktar minn hekk.

Dan jibda b'valutazzjoni komuni tat-theddid li qed niffaċċjaw u approċċ komuni biex nindirizzawh. Il-**Boxxla Strateġika** li jmiss hija pass importanti f'din id-diskussjoni.

U jeħtieġ li niddeċiedu kif nistgħu nużaw il-possibbiltajiet kollha li diġà jinsabu fit-Trattat.

Għalhekk, matul il-Presidenza Franċiża, jien u l-President Macron se nlaqqgħu **Summit dwar id-difiża Ewropea.**

Wasal iż-żmien li l-Ewropa titla' fil-livell li jmiss.

Onorevoli Membri,

F'dinja aktar ikkontestata, il-protezzjoni tal-interessi tagħkom ma tikkonċernax biss id-difiża tagħkom.

Tikkonċerna l-ħolqien ta' sħubijiet b'saħħithom u affidabbli. Dan mhuwiex lussu — huwa essenzjali għall-istabbiltà, is-sigurtà u l-prosperità futuri tagħna.

**Din il-ħidma tibda bit-tfannid tas-sħubija tagħna mal-eqreb alleati tagħna.**

Mal-Istati Uniti se niżviluppaw l-aġenda l-ġdida tagħna għall-bidla globali — mill-**Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija** l-ġdid sas-sigurtà tas-saħħa u s-sostenibbiltà.

Flimkien, l-UE u l-Istati Uniti dejjem se jkunu aktar b'saħħithom.

F'dinja aktar ikkontestata, il-protezzjoni tal-interessi tagħkom ma tikkonċernax biss id-difiża tagħkom.

Tikkonċerna l-ħolqien ta' sħubijiet b'saħħithom u affidabbli.

L-istess jgħodd għall-ġirien tagħna fil-**Balkani tal-Punent.**

Qabel tmiem ix-xahar, se nivvjaġġa lejn ir-reġjun biex nibgħat sinjal qawwi tal-impenn tagħna għall-proċess tal-adeżjoni. **Dan nafuh lil dawk iż-żgħażagħ kollha li jemmnu f'futur Ewropew.**

Huwa għalhekk li qed inżidu l-appoġġ tagħna permezz tal-pjan ekonomiku u ta' investiment il-ġdid tagħna, li jiswa madwar terz tal-PDG tar-reġjun. Għaliex l-investiment fil-futur tal-Balkani tal-Punent huwa investiment fil-futur tal-UE.

U se nkomplu ninvestu fis-sħubijiet fil-viċinat tagħna — mill-intensifikazzjoni tal-impenn tagħna fis-Sħubija tal-Lvant sal-implimentazzjoni tal-Aġenda l-ġdida għall-Mediterran u l-issoktar tal-ħidma fuq l-aspetti differenti tar-relazzjoni tagħna mat-Turkija.




Onorevoli Membri,

Jekk l-Ewropa trid issir attur globali aktar attiv, jeħtieġ li tiffoka wkoll fuq il-ġenerazzjoni ta' sħubijiet li jmiss.

**F'dan l-ispirtu, l-istrateġija l-ġdida bejn ir-reġjun tal-Indo-Paċifiku u l-UE hija pass importanti.** Din tirrifletti l-importanza dejjem tikber tar-reġjun għall-prosperità u s-sigurtà tagħna. Iżda tirrifletti wkoll il-fatt li r-reġimi awtokratiċi jużawh biex jippruvaw jespandu l-influwenza tagħhom.

Jeħtieġ li l-Ewropa tkun aktar preżenti u aktar attiva fir-reġjun.

Għalhekk se naħdmu flimkien biex napprofondixxu r-rabtiet kummerċjali, insaħħu l-ktajjen tal-provvista globali u niżviluppaw proġetti ta' investiment ġodda dwar it-teknoloġiji ekoloġiċi u diġitali.

**Dan huwa mudell għal kif l-Ewropa tista' tfassal il-mudell tagħha mill-ġdid biex tgħaqqad id-dinja.**

Aħna ninqalgħu biex niffinanzjaw it-toroq. Iżda ma jagħmilx sens għall-Ewropa li tibni t-triq perfetta bejn minjiera tar-ram li hija proprjetà taċ-Ċina u port li huwa proprjetà taċ-Ċina.

Irridu nkunu aktar intelliġenti f'dak li għandu x'jaqsam ma' dawn it-tipi ta' investimenti.

**Huwa għalhekk li dalwaqt se nippreżentaw l-istrateġija l-ġdida tagħna dwar il-konnettività msejħa Portal Globali.**

Se nibnu **sħubijiet ta' Portali Globali** ma' pajjiżi madwar id-dinja. Irridu investimenti f'infrastruttura ta' kwalità li tgħaqqad prodotti, nies u servizzi madwar id-dinja.

Se nieħdu approċċ ibbażat fuq il-valuri, li joffri trasparenza u governanza tajba lis-sħab tagħna.

Irridu noħolqu rabtiet —mhux dipendenzi!

U nafu kif dan jista' jaħdem. Mis-sajf, kejbil fibrottiku ġdid minn taħt il-baħar ikkonnettja l-Brażil mal-Portugall.

Se ninvestu mal-Afrika — biex noħolqu suq għall-idroġenu ekoloġiku li jgħaqqad iż-żewġt ixtut tal-Mediterran.

> Se nieħdu approċċ ibbażat fuq il-valuri, li joffri trasparenza u governanza tajba lis-sħab tagħna.

Il-Portal Globali jista' jsir realtà biss permezz ta' Tim Ewropa. Se nikkonnettjaw l-istituzzjonijiet u l-investiment, il-banek u l-komunità tan-negozju. U se nagħmluha prijorità għas-summits reġjonali — li jibdew mis-Summit UE-Afrika li jmiss fi Frar.

**Irridu nbiddlu l-Portal Globali f'marka fdata madwar id-dinja.**

Ippermettuli nkun ċara ħafna: in-negozju madwar id-dinja, il-kummerċ globali — dan kollu huwa tajjeb u meħtieġ. Iżda dan qatt ma jista' jsir akkost tad-dinjità u l-libertà tan-nies.

Hemm 25 miljun persuna fid-dinja li huma mhedda jew imġiegħla jaħdmu bil-forza. Qatt ma nistgħu naċċettaw li persuni jiġu mġiegħla jagħmlu prodotti — u li mbagħad dawn il-prodotti jispiċċaw għall-bejgħ fil-ħwienet hawnhekk fl-Ewropa.

**Għalhekk se nipproponu projbizzjoni fuq prodotti fis-suq tagħna li jkunu saru permezz ta' xogħol furzat.**

**Ma hemm ebda prezz li jixtri d-drittijiet tal-bniedem.**

## EWROPA MAGĦQUDA FIL-LIBERTÀ U D-DIVERSITÀ

U, Onorevoli Membri, il-bniedem mhuwiex sempliċement pedina fin-negozjati.

Ħares lejn x'ġara fil-fruntieri tagħna mal-Belarus. Ir-reġim f'Minsk tratta l-bnedmin bħala oġġetti. Huma poġġew lin-nies fuq l-ajruplani u litteralment imbuttawhom lejn il-fruntieri tal-Ewropa.

Dan qatt ma jista' jiġi ttollerat.

U r-reazzjoni rapida Ewropea turi dan. **U serrħu moħħkom, se nkomplu nappoġġaw lil-Litwanja, lil-Latvja u lill-Polonja.**

**U ejjew insejħulu b'ismu: dan huwa attakk ibridu biex jiddestabbilizza l-Ewropa.**

> Kull pajjiż għandu interess fil-bini ta' sistema Ewropea dwar il-migrazzjoni.

Onorevoli Membri,

Dawn mhumiex avvenimenti iżolati. Rajna okkorrenzi simili fi fruntieri oħra. U nistgħu nistennew li nerġgħu narawhom. Din hija r-raġuni għaliex, bħala parti mill-ħidma tagħna fuq Schengen, se nistabbilixxu modi ġodda biex nirreaġixxu għal tali aggressjoni u niżguraw l-unità fil-protezzjoni tal-fruntieri esterni tagħna.

**Iżda sakemm ma nsibux bażi komuni dwar kif nimmaniġġjaw il-migrazzjoni, l-opponenti tagħna se jkomplu jippruvaw ifixkluna.**

Sadanittant, it-traffikanti tal-bnedmin qed ikomplu jisfruttaw lin-nies permezz tar-rotot tal-mewt madwar il-Mediterran.

Dawn l-avvenimenti juruna li kull pajjiż għandu interess fil-bini ta' sistema Ewropea dwar il-migrazzjoni.

Il-**Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil** jagħtina dak kollu li għandna bżonn biex nimmaniġġjaw it-tipi differenti ta' sitwazzjonijiet li nħabbtu wiċċna magħhom.

L-elementi kollha huma hemm. Din hija sistema bbilanċjata u umana li taħdem għall-Istati Membri kollha — *ikun x'ikun il-każ*. Nafu li nistgħu nsibu bażi komuni.

Iżda sena wara li l-Kummissjoni ppreżentat il-Patt, il-progress għaddej bil-mod wisq.

**Naħseb li dan huwa l-mument għal politika *Ewropea* ta' ġestjoni tal-migrazzjoni.** Għalhekk inħeġġiġkom, f'din il-Kamra u fl-Istati Membri, biex tħaffu il-proċess.



Fl-aħħar mill-aħħar din hija kwistjoni ta' fiduċja. Fiduċja bejn l-Istati Membri. Fiduċja għall-Ewropej li l-migrazzjoni tista' tiġi ġestita. Fiduċja li l-Ewropa dejjem se tissodisfa d-dmir dejjiemi tagħha lejn dawk l-aktar vulnerabbli u l-aktar fil-bżonn.

Hemm ħafna fehmiet qawwija dwar il-migrazzjoni fl-Ewropa iżda nemmen li l-bażi komuni ma tinsabx daqstant 'il bogħod.

Għaliex jekk tistaqsi lill-maġġoranza tal-Ewropej, jaqblu li għandna nieħdu azzjoni biex innaqqsu l-migrazzjoni irregolari iżda wkoll biex nagħtu kenn lil dawk imġiegħla jaħarbu.

Jaqblu li għandna nirritornaw lil dawk li m'għandhomx id-dritt li jibqgħu. Iżda li għandna nilqgħu lil dawk li jiġu hawn legalment u li jagħtu kontribut tant vitali lis-soċjetà u lill-ekonomija tagħna.

U *lkoll* għandna naqblu li s-suġġett tal-migrazzjoni qatt ma għandu jintuża biex jiddaħħal feles bejnietna.

**Għax dan huwa l-uniku mod li bih l-Ewropa tista' tibni l-fiduċja f'dak li għandu x'jaqsam mal-migrazzjoni.**

Onorevoli Membri,

Dawk is-soċjetajiet li huma **msejsa fuq id-demokrazija u l-valuri komuni** jinsabu fuq pedament stabbli. Għandhom fiduċja fin-nies.

B'hekk jiżviluppaw ideat ġodda, isir it-tibdil, b'hekk jirbħu fuq l-inġustizzja.

Kienet din il-fiduċja f'dawn il-valuri komuni li ġabret flimkien lil missirijietna, wara t-Tieni Gwerra Dinjija.

U kienu l-istess valuri li għaqqdu lill-ġellieda għall-ħelsien li aktar minn 30 sena ilu ċarrtu l-Purtiera tal-Ħadid.



Riedu d-demokrazija.
Riedu jkunu huma li b'mod ħieles jagħżlu lill-gvern tagħhom.
Riedu l-istat tad-dritt;
kulħadd kellu jkun ugwali quddiem il-liġi.
Riedu l-libertà tal-kelma u media indipendenti.
Riedu li jispiċċa l-ispjunaġġ mill-Istat u riedu jiġġieldu l-korruzzjoni.
Riedu l-libertà li jistgħu jkunu differenti mill-maġġoranza.

> Aħna determinati li niddefendu dawn il-valuri. U m'aħna se nittraskuraw qatt din id-determinazzjoni.

Jew inkella, kif l-eks-President Ċek Vaclav Havel kien darba ppreċiża, huma riedu dawn "il-valuri kbar Ewropej" kollha. Dawn huma valuri li ġejjin mill-wirt kulturali, reliġjuż u umanistiku tal-Ewropa.

Huma parti minn ruħna, huma parti minn dak li jsawwarna llum.

Dawn il-valuri llum huma minquxa fit-Trattati Ewropej tagħna. U aħna lkoll irbatna lilna nfusna li nwettquhom hekk kif sirna, bħala Stati ħielsa u sovrana, parti minn din l-Unjoni.

**Aħna deċiżi li dawn il-valuri niddifenduhom. U m'aħna sejrin nittraskuraw qatt din id-determinazzjoni tagħna.**

Il-valuri tagħna huma ggarantiti bis-saħħa tal-ġurisprudenza tagħna u mħarsa permezz tas-sentenzi tal-**Qorti tal-Ġustizzja Ewropea**. Dawn is-sentenzi jorbtu. U aħna naraw li dawn jitwettqu. U li dan iseħħ f'kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

Dan għaliex il-ħarsien tal-Istat tad-Dritt mhux biss xi għan nobbli, iżda huwa wkoll xogħol iebes u ġlieda kontinwa għat-titjib.

**Ir-rapporti tagħna dwar l-Istat tad-Dritt** huma, permezz tar-riforma, parti minn dan il-proċess. Eżempji ta' dan huma r-riformi fis-sistema ġudizzjarja f'Malta jew l-investigazzjonijiet dwar il-korruzzjoni fis-Slovakkja.



> Huwa għalhekk li qed insegwu approċċ doppju ta' djalogu *u* ta' azzjoni deċiża.

**U mill-2022 'il quddiem ir-rapporti tagħna dwar l-Istat tad-Dritt se jkun fihom rakkomandazzjonijiet konkreti addizzjonali lill-Istat Membri.**

Minkejja dan, f'xi Stati Membri qed iseħħu żviluppi li jħassbu. **U hawnhekk importanti ħafna għalija li ngħid li l-ewwel u qabel kollox irid isir djalogu.**

Iżda dan mhux għan fih innifsu, id-djalogu jrid ikun iwassal għal riżultat. U għalhekk aħna nsegwu l-proċess doppju magħmul minn djalogu kif ukoll minn azzjoni deċiża.

Dan huwa dak li għamilna l-ġimgħa l-oħra. U hekk se nerġgħu nagħmlu.

Id-dritt għal ġustizzja indipendenti, id-dritt li quddiem il-liġi wieħed ikun ipproċessat b'mod ugwali, fuq dawn id-drittijiet kulħadd irid ikollu moħħu mistrieħ, u dan kullimkien fl-Ewropa u irrilevanti jekk inti tkunx parti minn maġġoranza jew inkella minn minoranza.

Onorevoli Membri,

Il-baġit Ewropew huwa l-ġejjini tal-Unjoni tagħna espress f'numri. U għalhekk irid jitħares.

Irridu naraw li kull euro u kull ċenteżmu jwassal tabilħaqq għall-għan li għalih hu maħsub

u li jintnefaq skont il-prinċipji tal-istat tad-dritt. Ma jistax ikun li l-investimenti li permezz tagħhom uliedna jista' jkollhom ġejjieni aħjar jispiċċaw jinħlew f'irkejjen mudlama.

Il-korruzzjoni mhix biss hija serq mingħand dawk li jħallsu t-taxxi. Il-korruzzjoni tbeżża' lil min irid jagħmel l-investiment. Il-korruzzjoni twassal biex b'ħafna flus jinxtraw ħafna pjaċiri u b'hekk min hu b'saħħtu jkun jista' jinjora r-regoli tad-demokrazija.

Fejn jidħol il-ħarsien tal-baġit tagħna, se nsegwu kull każ bis-saħħa kollha li għandna.

Onorevoli Membri,

**Meta niddefendu l-valuri tagħna, inkunu qegħdin niddefendu wkoll il-libertà. Il-libertà li nistgħu nkunu dak li aħna, il-libertà li ngħidu dak li jkollna f'moħħna, il-libertà li nħobbu lil min irridu.**

Il-libertà, iżda, tfisser ukoll li nkunu ħielsa mill-biża'. Matul il-pandemija ħafna nisa nsterqilhom dan il-ħelsien.

Kien żmien tassew tal-biża' għal dawk kollha li ma kellhom imkien fejn jinħbew, għal dawk li ma kellhom imkien fejn jaħarbu minn dawk li jweġġgħuhom. Irridu issa ndawlu din id-dalma, irridu nuru toroq lil hinn mit-tbatija, dawk li ġagħluhom ibatu jridu jitressqu quddiem il-qrati.

**U n-nisa jridu jkunu mill-ġdid liberi li jgħixu ħielsa u li jiddeċiedu huma dwar ħajjithom.**

Għalhekk, **sa tmiem is-sena, se nressqu liġi għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa.** Se tkun liġi li ġġib fis-seħħ proċessi effettivi kontra dan ir-reat, se tittratta l-prevenzjoni u l-protezzjoni, kemm jekk fuq l-internet kif ukoll jekk lil hinn minnu.

**Hawnhekk qed nitkellmu fuq id-dinjità ta' kull wieħed u waħda minna, u fuq il-ġustizzja. Din hija r-ruħ tal-Ewropa. U rridu nsaħħuha.**



Onorevoli Membri,

Ejja issa nagħtu ħarsa lejn libertà li tagħti leħen lil-libertajiet l-oħra kollha - qed ngħid għal-libertà tal-istampa.

Qed jiġu attakkati ġurnalisti sempliċement għaliex ikunu qed jagħmlu dmirhom.

Xi wħud jiġu mhedda u msawta, oħrajn traġikament jinqatlu. Fil-qalba tal-Unjoni Ewropea tagħna. Hawnhekk nixtieq insemmi xi wħud. Daphne Caruana Galizia. Jan Kuciak. Peter de Vries.

Jista' jkun li d-dettalji tal-ġrajjiet tagħhom huma differenti. Iżda huma għandhom ħaġa komuni bejniethom: Kollha kemm huma ġġieldu għad-dritt tagħna għall-informazzjoni. Huma mietu għal dan.

**L-informazzjoni hija ġid pubbliku. Irridu nipproteġu lil dawk li jsawru t-trasparenza, lill-ġurnalisti.**

Għalhekk illum ippreżentajna rakkomandazzjoni dwar protezzjoni aħjar lill-ġurnalisti.

U rridu nieqfu lil dawk li qed jheddu l-libertà tal-istampa. Id-djar tal-pubblikazzjoni mhumiex sempliċement impriżi bħall-oħrajn.

L-indipendenza tagħhom hi essenzjali. Huwa għalhekk li l-Ewropa għandha bżonn liġi li tiggarantixxi din l-indipendenza.

U hija proprja **liġi bħal din dwar il-libertà tal-istampa** li se nippreżentaw is-sena d-dieħla.

> Hemm bżonn li nieqfu lil dawk li qed jheddu l-libertà tal-media.

**Għaliex ikun meta niddefendu l-libertà tal-media tagħna li nkunu qegħdin ukoll niddefendu lid-demokrazija tagħna.**

## Konklużjoni

Onorevoli Membri,

It-tisħiħ tal-ideal Ewropew ta' Schuman li invokajt qabel huwa ħidma kontinwa.

U m'għandniex ninħbew mill-inkonsistenzi u l-imperfezzjonijiet tagħna.

**Għax għalkemm mhijiex perfetta, l-Unjoni tagħna hija kemm unika kif ukoll sabiħa fid-diversità tagħha.**

Hija Unjoni fejn insaħħu l-*libertà individwali* tagħna permezz tas-*saħħa tal-komunità tagħna*.

Unjoni ffurmata skont l-istorja u l-valuri *komuni* tagħna daqskemm mill-kulturi u l-perspettivi *differenti* tagħna.

**Unjoni b'ruħ**.

Mhuwiex faċli li wieħed jesprimi l-essenza ta' dan is-sentiment fi kliem. Isir aktar faċli jekk jissellef il-kliem mingħand xi ħadd li jispirah. Għalhekk stedint mistieden ta' unur biex ikun magħna llum.

Bosta minnkom jafuha - **rebbieħa ta' midalja tad-deheb mill-Italja** u li dan is-sajf serqitli qalbi.

Iżda forsi għadkom ma tafux li f'April li għadda ħajjitha kienet fil-periklu. Għamlet operazzjoni, iġġieldet, u rnexxielha tirkupra.

Wara biss 119-il jum li ħarġet mill-isptar, rebħet midalja Paralimpika tad-deheb. Onorevoli Membri, issieħbu miegħi biex nagħtu merħba lil **Beatrice Vio.** Bebe għadha żgħira, imma diġà għaddiet minn bosta esperjenzi.

L-istorja tagħha hija waħda ta' ġlieda kontra kull ostaklu. Ta' suċċess grazzi għat-talent, għall-qlubija u għall-pożittività ma taqta qatt. Hija xbieha tal-ġenerazzjoni tagħha: Persuna minn ta' quddiem u promotura ta' dak li temmen fih.

U rnexxielha tikseb kull ma kisbet billi tgħix it-twemmin tagħha - *xejn mhu impossibbli. Se sembra impossibile, allora si può fare.*

Dan huwa l-ispirtu tal-fundaturi tal-Ewropea u dan huwa **l-ispirtu tal-ġenerazzjoni Ewropea li jmiss.** Mela ejjew nispiraw ruħna minn Bebe u miż-żgħażagħ li jistgħu jibdlu l-perċezzjoni ta' dak li hu possibbli.

Dawk li juruna li nistgħu nirnexxu. U li meta *temmen* f'ħaġa jirnexxielek *tiksibha.*

Onorevoli Membri:

Din hija *ruħ* l-Ewropa.

Dan huwa l-*ġejjieni* tal-Ewropa.

Ejjew inqawwuha flimkien.

**Viva l-Ewropa.**



***Ursula von der Leyen***



L-ISTAT TAL-UNJONI

# ITTRA TA' INTENZJONI

LILL-PRESIDENT DAVID MARIA SASSOLI U

LILL-PRIM MINISTRU JANEZ JANŠA

*Brussell, il-15 ta' Settembru 2021*

*Għażiż President Sassoli,*

*Għażiż Prim Ministru Janša,*

*L-okkażjoni tal-lum hija l-għaxar darba li President tal-Kummissjoni jkun qed jagħmel diskors dwar l-Istat tal-Unjoni lill-Parlament Ewropew. L-evoluzzjoni fit-temi tad-diskorsi preċedenti tirrifletti n-natura li qed tinbidel tal-attenzjoni tagħna u l-ħeffa tat-tranżizzjonijiet fid-dinja. Huma jindikaw il-perkors ta' kriżijiet differenti ħafna, u kif irkuprajna minnhom. Iżda jfakkruna wkoll f'verità dejjiema:* ***l-Unjoni tagħna tkun b'saħħitha u ambizzjuża biss daqs kemm tkun magħquda u deċiża.***

*Il-kisbiet tal-aħħar sena huma xhieda ta' dan. Nixtiequ nirringrazzjaw lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-appoġġ tagħhom u s-sens tagħhom ta' skop kondiviż. Dan ippermettielna naġixxu malajr u nibqgħu ambizzjużi matul l-aħħar sena.* ***Nistgħu nkunu kburin b'dak li kisbet l-UE.***

*Tnax-il xahar ilu, it-tilqim kien għadu ma ġiex approvat. Sena wara, l-Unjoni Ewropea issa laqqmet aktar minn 70 % tal-popolazzjoni adulta u hija l-akbar produttur tal-vaċċin fid-dinja. Tajna aktar minn 700 miljun vaċċin fl-Unjoni tagħna u aktar minn 700 miljun lill-bqija tad-dinja. Ilħaqna qbil fi żmien rekord dwar Ċertifikat Diġitali tal-COVID tal-UE li ppermetta li jiġu ġġenerati aktar minn 400 miljun ċertifikat individwali mill-bidu tas-sajf.*

*Dan għen lin-nies jivvjaġġaw u jgawdu s-sajf tagħhom, u ppermetta lill-ekonomija tagħna terġa' tiftaħ il-bibien tagħha u tirpilja aktar malajr milli kien mistenni. Dsatax-il ekonomija tal-Istati Membri issa huma mistennija li jerġgħu lura għal-livelli ta' qabel il-pandemija sa tmiem is-sena. Dan seta' jkun possibbli wkoll bis-saħħa tal-ftehim storiku li ntlaħaq dwar il-programm ta' rkupru tagħna. NextGenerationEU issa qed jopera proġetti ta' finanzjament u riformi li jinvestu fl-irkupru tal-lum u l-ekonomija ta' għada.*

*Aċċellerajna l-ħidma tagħna fejn tidħol l-aġenda ambizzjuża u trasformattiva li konna stabbilejna l-ewwel darba fil-Linji Gwida Politiċi. Fl-aħħar sena, l-UE approvat l-ewwel Liġi Ewropea dwar il-Klima u ppreżentajna l-proposti tagħna biex inwettquha. L-UE hija l-ewwel ekonomija ewlenija li b'mod konkret stabbiliet kif se tilħaq l-għanijiet klimatiċi tagħha. Għamilna wkoll proposti rivoluzzjonarji dwar is-servizzi diġitali, is-swieq diġitali u l-identità diġitali u aġġornajna l-istrateġija industrijali l-ġdida tagħna u ħdimna biex insaħħu l-ktajjen tal-provvista tagħna.*

*Dawn il-kisbiet komuni jagħtuna fiduċja għas-sena li ġejja. Iżda hekk kif il-pandemija għadha għaddejja, jeħtieġ li nuru l-istess determinazzjoni li wrejna matul is-sena li għaddiet. B'differenzi kbar bejn ir-rati tat-tilqim fl-UE u madwar id-dinja, l-ewwel prijoritajiet se jkomplu jkunu l-ġestjoni tal-pandemija u l-ħarsien tal-ħajjiet u tal-għajxien.*

*Irridu nħarsu wkoll lejn il-marka li ma titħassarx li ħalliet il-kriżi fuq in-nies u s-soċjetà. L-implimentazzjoni kontinwa tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-impenji maqbula f'Porto aktar kmieni din is-sena se jkunu prijoritajiet ewlenin. Aħna ser inkomplu niddefendu l-valuri, il-ġustizzja u l-ugwaljanza, u nippromwovu u niddefendu l-istat tad-dritt u l-libertà tal-media madwar l-UE. Nixtiequ niffukaw fuq il-futur billi nagħmlu progress fil-ħidma fuq il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa u billi nonoraw liż-żgħażagħ kollha billi nagħmlu l-2022 is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ.*

*L-isfidi esterni li qed niffaċċjaw se jimmultiplikaw ukoll hekk kif id-dinja ssir aktar kontestata. Se nkomplu nsaħħu s-sħubija tagħna man-NATO u l-alleati tagħna, u niddiskutu t-triq 'il quddiem*

*komuni dwar id-difiża u s-sigurtà. Se nkomplu niżviluppaw sħubiji globali u nappoġġaw il-viċinat tagħna, b'mod partikolari l-Balkani tal-Punent, fis-summit li jmiss organizzat mill-Presidenza Slovena tal-Kunsill. Fl-aħħar nett, aħna ser nibqgħu impenjati li nimplimentaw il-ftehimiet internazzjonali tagħna u se nibqgħu magħqudin fl-appoġġ tagħna tal-Irlanda u tal-paċi fil-gżira tal-Irlanda.*

*Matul it-tnax-il xahar li ġejjin, il-Kummissjoni se tidħol fit-tieni nofs tal-mandat tagħha. S'issa, iffukajna fuq it-tfassil u l-leġiżlazzjoni meħtieġa biex titwettaq it-trasformazzjoni li neħtieġu. L-attenzjoni issa ddur għal fuq it-twettiq u l-implimentazzjoni. Jeħtieġ li nkomplu l-ħidma fuq il-proposti leġiżlattivi li diġà ġew ippreżentati fis-sitt ambizzjonijiet il-kbar kollha tal-Kummissjoni.*

*Hawn taħt hawn lista ta' inizjattivi ġodda li għandhom jiġu proposti mill-Kummissjoni, li jiffukaw fuq l-implimentazzjoni tal-viżjoni tagħna għall-Ewropa. Għal dawn l-inizjattivi kollha se nqisu t-tagħlimiet meħuda mill-kriżi, kif ukoll il-ħtieġa li l-koleġiżlaturi jingħataw żmien biex jilħqu ftehim. B'mod parallel, se nkomplu nimplimentaw il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2021.*

*Il-lista tispira ruħha mid-diskussjonijiet tagħna mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill. Mhix eżawrjenti u se tiġi kkomplementata mill-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni li jmiss, mid-djalogu interistituzzjonali tagħna u mid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Prijoritajiet Leġiżlattivi li għandhom jiġu ffirmati mit-tliet istituzzjonijiet.*

*L-Unjoni tagħna wriet li nistgħu nagħmlu l-affarijiet aħjar meta nagħmluhom flimkien. Dan huwa l-impenn tagħna għas-sena li ġejja u nistennew bil-ħerqa li naħdmu magħkom biex dan iseħħ.*

***Ursula von der Leyen*** ***Maroš Šefčovič***

# INIZJATTIVI ĠODDA EWLENIN GĦALL-2022

## Patt Ekoloġiku Ewropew

- *Proposta leġiżlattiva dwar il-ġestjoni integrata tal-ilma - sustanzi niġġiesa tal-ilma tas-superfiċje u ta' taħt l-art*
- *Proposta leġiżlattiva dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju*
- *Proposta leġiżlattiva dwar id-dritt għat-tiswija*
- *Proposta leġiżlattiva dwar qafas tal-UE għall-kejl armonizzat tal-emissjonijiet tat-trasport u l-loġistika*
- *Proposta leġiżlattiva għat-tnaqqis tar-rilaxx ta' mikroplastiċi fl-ambjent u għal restrizzjoni fuq iż-żieda ta' mikroplastiċi għall-prodotti*

## Ewropa Lesta għall-Era Diġitali

- *Att Ewropew dwar ir-reżiljenza ċibernetika*
- *Att Ewropew dwar iċ-ċipep*
- *Pjan direzzjonali dwar it-teknoloġiji tas-sigurtà u d-difiża*
- *Proposta leġiżlattiva dwar it-tiswir ta' sistema ta' komunikazzjoni globali sikura tal-UE bbażata fl-ispazju*
- *Rieżami tal-politika tal-kompetizzjoni: - li tkun lesta għal sfidi ġodda*
- *Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-titjib fil-provvista ta' ħiliet diġitali*
- *Proposta leġiżlattiva dwar Strument ta' Emerġenza għas-Suq Uniku*
- *Proposta leġiżlattiva dwar servizzi multimodali ta' mobbiltà diġitali*

## Ekonomija għas-servizz tan-nies

- *Proposta leġiżlattiva dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema kontra r-riskji marbuta mal-esponiment għall-asbestos fuq il-post tax-xogħol*
- *Proposta leġiżlattiva għall-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-kapital minn impriżi żgħar u medji*
- *Inizjattiva dwar pagamenti istantanji fl-UE*
- *Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar is-swieq kapitali inkluż l-inizjattiva dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tad-dritt sostantiv dwar il-proċedimenti ta' insolvenza*
- *Proposta leġiżlattiva dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim dinji tal-OECD dwar ir-riallokazzjoni tad-drittijiet ta' tassazzjoni*
- *Proposta leġiżlattiva dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim dinji tal-OECD dwar tassazzjoni minima effettiva*

## Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja

- *Inizjattiva dwar Portal Dinji għall-konnettività*
- *Emenda għar-Regolament dwar l-Istatut tal-Imblukkar*
- *Strateġija dwar l-impenn internazzjonali fl-enerġija*
- *Komunikazzjoni Konġunta dwar il-governanza internazzjonali tal-oċeani*
- *Komunikazzjoni Konġunta dwar sħubija mal-Golf*

## Promozzjoni tal-Istil ta' Ħajja Ewropew Tagħna

- *Strateġija Ewropea dwar l-Indukrar*
- *Proposta leġiżlattiva dwar l-obbligu tal-linji tat-trasport li jikkomunikaw data antiċipata dwar il-passiġġieri*
- *Proposta leġiżlattiva dwar qafas għal aċċess reċiproku għal uffiċjali ewlenin għal informazzjoni marbuta mas-sigurtà, bejn l-UE u pajjiżi terzi kruċjali, fil-ġlieda kontra t-theddid komuni għas-sigurtà*
- *Proposta għall-aġġornament tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iskrining kontra l-kanċer*

## Spinta ġdida għad-demokrazija Ewropea

- *Att dwar il-Libertà tal-Media*
- *Inizjattiva leġiżlattiva dwar it-trasferiment ta' proċedimenti kriminali*
- *Proposta leġiżlattiva dwar ir-rikonoxximent tal-paternità bejn l-Istati Membri*

L-ISTAT TAL-UNJONI

# IL-KISBIET

# L-EWROPA, LURA LEJN IL-FUTUR

Wara li l-pandemija rendiet is-sena 2020 waħda mill-aktar snin iebsa fl-istorja tagħha, l-Ewropa qed tħares lejn il-futur b'tama mġedda. Il-pandemija tal-ħarifa 2020 laqtitna bi vjolenza aktar qalila minn dik tar-rebbiegħa 2020. L-Ewropea reġgħet daħlet fil-modalità ta' rispons għall-kriżi, b'attenzjoni sħiħa fuq it-trażżin tal-firxa tal-virus. L-Unjoni Ewropea rduppjat l-isforzi tagħha. Ħadmet biex takkwista l-vaċċini, biex iżżid il-produzzjoni tagħhom, biex issaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali kontra l-pandemija u biex l-Ewropa toħroġ mill-kriżi ekonomika permezz tan-NextGenerationEU.

Sadanittant, l-Unjoni Ewropea kollha kemm hi mmobilizzat biex tagħti ħajja lill-pjan ta' rkupru tagħna, in-NextGenerationEU. L-Ewropa għadha ma ħarġitx mill-periklu, iżda sal-aħħar tal-2022 l-Istati Membri kollha għandhom jirritornaw għal-livelli ta' qabel il-kriżi. Sadanittant, poġġejna quddiemna żewġ miri ambizzjużi għat-trasformazzjoni tal-ekonomija tagħna - li nagħmluha aktar ekoloġika, aktar diġitali u aktar ekwa. B'dawn il-miri u bl-investiment min-NextGenerationEU, qed nerġgħu nsawru l-kontinent tagħna għad-deċennji li ġejjin. Għajnejn l-Ewropa għal darb'oħra huma ffukati fuq il-futur.

Sal-aħħar ta' Awwissu 2021,

**70 %**

tal-Ewropej li għandhom 'il fuq minn 18-il sena tlaqqmu bis-sħiħ.

L-ewwel nett, l-istrateġija tal-Kummissjoni biex **takkwista l-vaċċini** b'mod kollettiv, biex tibni portafoll wiesa' u tiddiversifika l-fornituri Ewropej tal-vaċċini kienet suċċess. Wara bidu aktar kajman milli mistenni minħabba ostakli fil-produzzjoni, il-veloċità tal-kampanja ta' tilqim tal-UE ma damitx ma żdiedet. Sa nofs April kienu ġew amministrati 100 miljun doża ta' vaċċini kontra l-COVID-19 liċ-ċittadini tal-UE.

Sal-aħħar ta' Awwissu 2021 kienu ġew imlaqqma totalment 70 % tal-popolazzjoni adulta tal-UE — filwaqt li żammejna l-wegħda tagħna li nilħqu dak l-objettiv "sal-aħħar tas-sajf". Sadanittant, il-Kummissjoni nnegozjat żewġ kuntratti addizzjonali ma' kumpaniji farmaċewtiċi biex tiżgura aktar vaċċini kontra l-COVID-19 - għaż-żgħażagħ tagħna, għas-sħab internazzjonali tagħna, għall-vaċċini booster u biex nitħarsu minn varjanti ġodda. L-għan tal-UE huwa li nitħejjew kontra l-infezzjoni, u b'hekk nibnu l-futur tagħna ta' wara l-pandemija.

It-tieni, il-Kummissjoni Ewropea żiedet ukoll il-ħidma tagħha biex **trażżan il-pandemija f'kontinenti oħra**, billi ħadmet azzjoni id f'id mal-Istati Membri tal-UE bħala t-Tim Ewropa. F'Mejju 2020, il-Kummissjoni organizzat żewġ ċikli ta' donazzjonijiet għar-rispons globali tal-coronavirus. Il-Kummissjoni kienet fundatur u sponsor ewlieni tal-COVAX, il-faċilità globali għall-akkwist ta' vaċċini għal pajjiżi bi dħul baxx u medju, li tiggarantixxi wkoll provvista ta' vaċċini għal dawk l-aktar vulnerabbli. bis-saħħa tal-finanzjament tal-UE, Sa issa l-COVAX bagħtet 200 miljun doża tat-tilqim lejn 138 pajjiż.

F'Mejju 2021 il-President Ursula von der Leyen ikkoospitat l-ewwel **Summit Globali dwar is-Saħħa** flimkien mal-Prim Ministru Taljan Draghi, fejn il-mexxejja globali ffirmaw id-Dikjarazzjoni ta' Ruma dwar it-tħejjija għal pandemiji futuri u l-prevenzjoni tagħhom.



UE newtrali għall-klima sal-2050 u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ b'**55 %** sal-2030.

It-tielet nett, ir-riżorsi min-**NextGenerationEU — il-pjan ta' rkupru storiku tagħna** — bdew deħlin fl-ekonomija. Dan kien possibbli minħabba li l-Ewropa kollha kemm hi mmobilizzat għal dan l-għan. Fi tmiem l-2020 il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu dwar il-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi n-NextGenerationEU. Ilkoll qbilna li n-NextGenerationEU jenħtieġ li tagħti kontribut akbar milli toħroġ lill-Ewropa mill-kriżi; jenħtieġ ukoll li sawwar l-ekonomija tal-Ewropa mill-ġdid, biex tittrasformaha f'waħda aktar ekoloġika, aktar diġitali, aktar reżiljenti u aktar ġusta.

Fix-xhur ta' wara l-Kummissjoni ħadmet mal-Istati Membri hekk kif kienu qed iħejju l-**pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza** tagħhom, b'investiment u riformi għal kull Stat Membru. Sas-sajf ġew approvati 18-il pjan ta' rkupru. Fis-sajf 2021 bdew jaslu l-ewwel fondi - li ssellfu lill-Kummissjoni mis-swieq kapitali - għand l-Istati Membri.

L-irkupru post-pandemiku huwa opportunità ġenerazzjonali biex jissawwar il-ġejjieni tal-Ewropa. L-UE għandha sens ċar ta' direzzjoni, u miri ċari biex jitkejjel is-suċċess biex tagħmel l-aħjar użu mill-investiment u r-riformi li ġejjin. Huwa biss dak li jitkejjel li fl-aħħar jitwettaq. Il-Kummissjoni ħolqot **tliet settijiet ta' miri għall-2030**. F'Ġunju 2021 ġiet adottata l-proposta għal **Liġi Ewropea dwar il-Klima**, li tikkonkretizza l-għanijiet li l-UE ssir newtrali għall-klima sal-2050 u tnaqqas l-emissjonijiet tas-$CO_2$ b'mill-inqas 55 % sal-2030. F'Marzu 2021 il-Kummissjoni ppreżentat il-viżjoni tagħha għad-**Deċennju Diġitali tal-Ewropa**, b'miri ċari dwar l-infrastruttura diġitali, il-ħiliet u d-diġitalizzazzjoni tan-negozji u s-servizzi pubbliċi. Fl-aħħar nett, f'Mejju 2021, matul is-Summit Soċjali ta' Porto l-mexxejja tal-UE approvaw il-proposta tal-Kummissjoni rigward sett ta' **miri soċjali** li jridu jinkisbu sal-2030. Dawn it-tliet settijiet ta' miri huma l-pjan ta' azzjoni għal Ewropa aħjar; Unjoni li lkoll nistgħu nkunu kburin biha. Għajnejn l-Ewropa issa huma ffukati fuq il-futur.

Il-Kummissjoni mmonitorjat l-iżviluppi fl-Unjoni Ewropea dwar **id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali** bħal qatt qabel. F'anqas minn sena l-Kummissjoni ħejjiet żewġ rapporti dwar l-istat tad-dritt, fosthom il-kapitoli li jkopru kull wieħed mis-27 Stat Membru. Sa mill-bidu tal-mandat tagħha l-Kummissjoni nediet madwar 40 każ ta' ksur marbuta mal-protezzjoni tal-istat tad-dritt u ta' valuri oħra tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. L-istat tad-dritt iħares lin-nies mis-saltna tas-setgħana. Il-Kummissjoni Ewropea kompliet taħdem mal-awtoritajiet nazzjonali biex jinstabu soluzzjonijiet sabiex jiġu ggarantiti d-drittijiet u l-libertajiet ta' kuljum taċ-ċittadini.

Dan il-fuljett jiddeskrivi sena ta' ħidma u ta' kisbiet minn meta sar id-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2020. Jibda bl-impenn tal-Kummissjoni li ttemm il-kriżi tal-COVID-19, kemm min-naħa tas-saħħa kif ukoll b'rabta mat-tnedija mill-ġdid tal-ekonomiji tagħna filwaqt li nagħmluhom aktar ekoloġiċi, aktar diġitali u aktar ġusti permezz tan-NextGenerationEU. Imbagħad iħares lejn il-ħidma tal-Kummissjoni rigward kwistjonijiet klimatiċi, id-diġitalizzazzjoni u kwistjonijiet soċjali. Il-kapitoli aħħarija jikkonċernaw l-azzjoni globali tal-Kummissjoni u l-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa.



# 1. INWITTU T-TRIQ BIEX NOĦORĠU MILL-KRIŻI GLOBALI TAS-SAĦĦA

## IT-TILQIM BIEX TINGĦELEB IL-PANDEMIJA

Bis-saħħa tal-**istrateġija tal-UE dwar il-vaċċinazzjonijiet**, il-Kummissjoni żgurat sa 4.6 biljun doża ta' vaċċini kontra l-COVID-19, aktar minn biżżejjed biex tkopri l-popolazzjoni kollha tal-UE u partijiet kbar tad-dinja li jinsabu fil-bżonn.

Il-Kummissjoni għamlet ftehimiet ta' xiri bil-quddiem ma' produtturi individwali tal-vaċċinazzjoni f'isem l-Istati Membri. Bi tpattija għad-dritt li jinxtara numru speċifikat ta' dożi tat-tilqim f'perjodu partikolari u bi prezz partikolari, il-Kummissjoni ffinanzjat parti mill-ispejjeż bil-quddiem tal-produtturi tat-tilqim mill-**Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza**, li jilħaq it-EUR 2.7 biljun. B'dan il-mod, il-Kummissjoni kkontribwiet għall-iżvilupp ta' vaċċini sikuri u effettivi fi żmien rekord, u għat-tħaffif tal-produzzjoni tagħhom.

Il-Kummissjoni żgurat sa **4.6 biljun doża ta' vaċċini** kontra l-COVID-19.

Bħalissa hemm **erba' vaċċini kontra l-COVID-19** li huma awtorizzati li jintużaw fl-UE fuq rakkomandazzjonijiet xjentifiċi pożittivi mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini wara li jkunu għaddew minn provi kliniċi mill-aktar stretti fid-dinja.



Fl-UE tqassmu **639 miljun** doża



Fl-UE ġew amministrati **522.4 miljun** doża



**70 %** tal-popolazzjoni adulta tal-UE mlaqqma għalkollox

*L-aħħar aġġornament: fil-25 ta' Awwissu 2021.*
*Sors: Il-produtturi tal-vaċċini u d-data tal-ECDC*

Il-Kummissjoni ħadet azzjoni biex tiżgura li l-Istati Membri kollha tal-UE jkollhom aċċess ġust u indaqs għall-vaċċini. L-ewwel tilqim kontra l-COVID-19 sar matul il-**Jiem tat-Tilqim tal-UE** f'Diċembru 2020, anqas minn 10 xhur wara li l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ddikjarat il-pandemija.

Fl-ewwel xhur il-kampanja ta' tilqim mxiet aktar bil-mod milli kien mistenni, l-aktar minħabba ostakli fil-produzzjoni u bis-saħħa ta' kumpanija waħda li ma tatx riżultati f'konformità mal-kuntratt tagħha. Madankollu, il-pass tat-tilqim ma damx ma żdied, u b'hekk l-UE setgħet tilħaq il-miri tagħha b'rabta mal-għadd ta' tilqim sas-sajf. Dawn l-avvenimenti wrew biċ-ċar is-saħħa tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tinvesti f'portafoll ta' tilqim wiesa'. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ħadmet mal-manifatturi biex **iżidu l-kapaċitajiet ta' produzzjoni tagħhom** fl-Ewropa.



Hekk kif tfaċċaw varjanti ġodda tal-coronavirus, il-Kummissjoni mmobilizzat fondi għal riċerka urġenti u kompliet tikkonkludi ftehimiet ta' xiri bil-quddiem għal **dożi booster** u għall-**adattament tal-vaċċini** għal varjanti ġodda.

## L-ESTENSJONI TAR-RISPONS GĦALL-KRIŻI TAS-SAĦĦA

Mill-bidu tal-pandemija l-Kummissjoni Ewropea rduppjat l-isforzi tagħha biex ittaffi l-impatt soċjoekonomiku tal-kriżi billi adottat 2 179 miżura.

L-azzjoni tal-UE żgurat id-disponibbiltà ta' vaċċini sikuri u effettivi. Il-Kummissjoni ħadmet mal-Istati Membri biex ittejjeb il-kapaċitajiet u l-istrateġiji tagħhom tal-ittestjar u tat-traċċar, u biex tiggarantixxi fluss kostanti ta' merkanzija, ħarsien tajjeb tal-impjiegi u informazzjoni ta' kwalità għolja dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa fuq il-bażi ta' kodiċi tal-kuluri komuni li jintuża minn aktar minn 30 pajjiż Ewropew.

Fl-ispirtu tas-solidarjetà Ewropea, l-**Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza** offra kważi EUR 100 miljun għall-akkwist ta' tagħmir ta' protezzjoni personali u mediċini. Immobilizza wkoll EUR 100miljun biex jixtri direttament aktar minn 20 miljun test rapidu tal-antiġeni biex jikkumplimenta l-istrateġiji nazzjonali tal-ittestjar.

F'Marzu 2021 il-Kummissjoni pproponiet li tagħti EUR 530 miljun mill-**Fond ta' Solidarjetà Ewropew** għall-appoġġ ta' miżuri nazzjonali ta' emerġenza tas-saħħa minn 17-il Stat Membru u tliet pajjiżi ta' adeżjoni. Ġew riallokati aktar minn EUR 7.6 biljun mill-Inizjattiva ta' **Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus** tal-politika ta' koeżjoni għal azzjoni fil-qasam tal-kura tas-saħħa.

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni pprovdiet EUR 2.5 miljuni biex tħarreġ grupp multidixxiplinari ta' professjonisti tal-kura tas-saħħa biex jappoġġaw u jassistu l-unitajiet tal-kura intensiva. Il-programm ta' taħriġ ġie implimentat madwar l-UE, u jkopri 700 sptar u 17 000 tabib u infermier.

Ġew riallokati aktar minn **EUR 7.6 biljun** mill-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus tal-politika ta' koeżjoni għal azzjoni fil-qasam tal-kura tas-saħħa.

Il-Kummissjoni stabbilixxiet l-elementi ewlenin tal-**istrateġiji ta' ttestjar komprensivi** li għandhom jiġu kkunsidrati għall-approċċi tal-ittestjar nazzjonali, reġjonali jew lokali, bħall-kamp ta' applikazzjoni, il-gruppi ta' prijorità, il-kapaċitajiet u r-riżorsi tal-ittestjar tagħhom, u indikazzjonijiet dwar meta l-aħjar li jsir l-ittestjar rapidu tal-antiġeni.

Il-Kummissjoni appellat lill-Istati Membri biex iżidu s-sekwenzjar tal-ġenoma u jimmonitorjaw il-preżenza ta' varjanti għal tal-inqas 5 %, u preferibbilment 10 %, tar-riżultati pożittivi tat-testijiet, u pprovdiet EUR 110 miljun f'appoġġ permezz taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard.

Barra minn hekk, ġie mobilizzat ammont ta' EUR 123 miljun mill-programm tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni - Orizzont Ewropa - għal riċerka urġenti tal-varjanti. Il-kapaċità strateġika Ewropea tar-**rescEU** ta' tagħmir mediku ta' emerġenza kompliet tagħti solidarjetà tanġibbli u ssalva l-ħajjiet matul il-pandemija tal-coronavirus. Mill-ħolqien tar-RescEU fl-2020 l-UE bagħtet aktar minn 6.6 miljun prodott mediku vitali mill-ħażna ta' dan il-mekkaniżmu lill-Istati Membri (liċ-Ċekja, lil Franza u lill-Kroazja) u lill-pajjiżi parteċipanti (lill-Montenegro, lill-Maċedonja ta' Fuq u lis-Serbja). L-UE mmobilizzat ukoll sitt timijiet mediċi ta' emerġenza (wieħed mill-Belġju, wieħed mid-Danimarka u wieħed mir-Rumanija għas-Slovakkja, wieħed mill-Ġermanja għall-Papua New Guinea u ieħor għall-Guinea; u wieħed mir-Rumanija għat-Tuneżija).



Biex jiġi żgurat rispons aħjar għall-isfidi tal-ġejjieni, ġiet stabbilita leġiżlazzjoni riveduta dwar il-protezzjoni ċivili tal-UE, li daħlet fis-seħħ f'Mejju 2021 u li lill-UE tagħtiha kapaċitajiet addizzjonali biex twieġeb għal riskji ġodda fl-Ewropa u fid-dinja, filwaqt li tagħti spinta lir-riżerva tar-rescEU.

## IL-FTUĦ MILL-ĠDID B'MOD SIKUR TAL-EWROPA

Il-Kummissjoni Ewropea appoġġat lill-Istati Membri biex iħarsu l-moviment liberu sikur bejn il-fruntieri, skont is-sitwazzjoni epidemjoloġika. Stabbilixx-i et **kodiċi tal-kuluri komuni** li jgħinu fl-applikazzjoni aħjar tal-miżuri u biex il-vjaġġaturi jingħataw informazzjoni aktar ċara. Il-Kummissjoni introduċiet ukoll kriterji komuni għaż-żoni ta' riskju għoli u stabbiliet mekkaniżmu ta' "brejk ta' emerġenza" biex trażżan l-ivvjaġġar minn pajjiżi mhux tal-UE affettwati minn varjanti ġodda ta' interess jew ta' tħassib.

Hekk kif ir-rati tat-tilqim bdew jiżdiedu u s-sitwazzjoni tas-saħħa rpiljat, il-Kummissjoni fasslet it-triq lejn ftuħ mill-ġdid sikur u gradwali.

Iċ-**Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE** huwa simbolu ta' Ewropa miftuħa u sikura. Lill-vjaġġaturi tahom il-fiduċja li jivvjaġġaw b'mod sikur fl-UE. Dan għamilha wkoll aktar faċli għall-awtoritajiet u l-linji tal-ajru biex jivverifikaw id-dokumentazzjoni meħtieġa. Iċ-ċifri juru li l-attività tal-avjazzjoni rkuprat għal aktar minn 70 % tal-livell ta' qabel il-kriżi. Iċ-ċertifikati diġitali jew stampati huma bla ħlas, u jistgħu jintużaw bħala prova tat-tilqim, tal-ittestjar jew tal-irkupru. Kull Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE fih kodiċi QR b'firma diġitali li tipproteġih mill-falsifikazzjoni. Biex tiżgura l-verifika affidabbli taċ-ċertifikati bejn il-fruntieri, il-Kummissjoni żviluppat infrastruttura diġitali sikura li tgħaqqad is-sistemi nazzjonali u li bdiet tiffunzjona fl-1 ta' Ġunju. Sal-aħħar ta' Awwissu, ġew iġġenerati madwar 400 miljun ċertifikat. Permezz taċ-ċertifikat, l-UE qed tistabbilixxi wkoll standard globali u turi tmexxija teknoloġika: Sal-aħħar ta' Awwissu żdiedu disa' pajjiżi mhux tal-UE mas-sistema: L-Iżlanda, il-Liechtenstein, il-Maċedonja ta' Fuq, in-Norveġja, San Marino, l-Iżvizzera, it-Turkija, l-Ukrajna u l-Istat tal-Belt tal-Vatikan, u għaddejjin taħditiet ma' madwar 20 pajjiż ieħor.

Iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jiffaċilita **l-ivvjaġġar sikur** tal-persuni fl-UE madwar l-Ewropa.

L-UE qiegħda tiftaħ l-ivvjaġġar internazzjonali mill-ġdid u b'mod gradwali fejn dan jista' jsir b'mod sikur. F'Mejju 2021 l-Istati Membri tal-UE qablu li jiftħu l-fruntieri tagħhom għal vjaġġaturi mhux imlaqqma minn barra l-UE.

**Re-open EU** kompliet taġixxi bħala ċentru għall-informazzjoni dwar il-miżuri nazzjonali u dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa biex tgħin lin-nies jinnavigaw il-pandemija f'31 pajjiż. Inizjalment din ġiet introdotta bħala sit web, iżda issa l-pjattaforma hija disponibbli wkoll bħala app li tinkludi pjanifikatur tal-ivvjaġġar.





# NITĦEJJEW GĦALL-FUTUR: INWITTU T-TRIQ GĦAL EWROPA AKTAR B'SAĦĦITHA

Biex inħallu warajna l-pandemija u ntejbu s-saħħa taċ-ċittadini fl-Ewropa hemm bżonn ta' aktar minn sempliċiment vaċċini: Hemm bżonn ta' trattamenti sikuri u effettivi.

L-**istrateġija Ewropea dwar il-Prodotti Terapewtiċi kontra l-COVID-19**, li ġiet proposta mill-Kummissjoni f'Mejju 2021, se tappoġġa l-iżvilupp u d-disponibbiltà tal-mediċini, inkluż għall-pazjenti li qed jirkupraw mill-COVID-19. Il-Kummissjoni identifikat ħames terapiji promettenti tal-COVID-19 bil-ħsieb li sal-ħarifa 2021 tfassal portafoll ta' 10.

Il-pandemija tal-COVID-19 tefgħet enfasi qawwija fuq is-saħħa pubblika. Il-Kummissjoni qed tibni s-sisien ta' **unjoni Ewropea tas-saħħa** b'27 Stat Membru li jaħdmu flimkien biex jidentifikaw emerġenzi tas-saħħa, iħejju għalihom u jirrispondu b'mod kollettiv. L-unjoni tas-saħħa Ewropea se tgħin biex l-UE tkun attrazzata biex tipprevjeni u tindirizza aħjar il-pandemiji futuri, ittejjeb ir-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa u ssaħħaħ il-prevenzjoni, it-trattament u l-kura ta' segwitu għall-mard bħall-kanċer.

L-ewwel pilastru tal-unjoni tas-saħħa Ewropea huwa t-tħejjija u r-rispons għall-kriżijiet. Il-Kummissjoni pproponiet li ssaħħaħ iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini. Dan se jipprovdi appoġġ akbar lill-Istati Membri, b'sorveljanza, analiżi xjentifika u gwida aktar b'saħħithom qabel il-kriżi u matulha.

Il-Kummissjoni qed taħdem ukoll biex toħloq l-**Awtorità Ewropea għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa** (European Health Emergency Preparedness and Response Authority, HERA). L-aħjar mod kif jintrebħu l-pandemiji tal-ġejjieni huwa li jiġu indirizzati saħansitra qabel ma jibdew, li se tkun il-missjoni ta' HERA. HERA se tipprovdi struttura permanenti għall-immudellar tar-riskju, għas-sorveljanza tas-saħħa globali, għall-kapaċitajiet flessibbli tal-manifattura, għall-iżvilupp tat-tilqim u għar-riċerka medika.

Fi terminu qasir, il-Kummissjoni Ewropea qed tħaddem pjan ġdid ta' tħejjija għall-bijodifiża msejjaħ l-**inkubatur HERA**, li jlaqqa' flimkien lir-riċerkaturi, lill-kumpaniji tal-bijoteknoloġija, lill-manifatturi, lir-regolaturi u lill-awtoritajiet pubbliċi biex jidentifikaw u jikkaratterizzaw varjanti ġodda b'mod rapidu, jadattaw it-tilqim kif meħtieġ u jtejbu l-kapaċitajiet ta' produzzjoni eżistenti. Għal dan il-għan grupp ta' esperti dedikat dwar il-varjanti qed jivvaluta theddid ġdid minn varjanti u jirrakkomanda azzjoni biex ninżammu mħejjija sew. **Vaccelerate** - l-ewwel network madwar l-UE għall-provi tal-vaċċini tal-COVID-19 varat bħala parti mill-inkubatur HERA - huwa s-sinsla pan-Ewropea biex jitħaffew il-provi tal-vaċċin u jikkollega l-partijiet ikkonċernati kollha tal-iżvilupp tal-vaċċin biex ifasslu u jwettqu provi kliniċi.

It-tieni pilastru tal-unjoni tas-saħħa Ewropea huwa l-pjan **Ewropew biex negħlbu l-kanċer**, li ġie ppreżentat fi Frar 2021. B'teknoloġiji ġodda, u bir-riċerka u l-innovazzjoni bħala l-punt tat-tluq tiegħu, il-pjan jistabbilixxi approċċ ġdid tal-UE għall-prevenzjoni, għat-trattament u għall-kura tal-kanċer permezz ta' allokazzjoni ta' EUR 4 biljun f'investiment.

It-tielet pilastru, **l-istrateġija farmaċewtika għall-Ewropa**, li ġiet adottata mill-Kummissjoni fil-25 ta' Novembru 2020, se tiżgura li l-pazjenti jkollhom aċċess għal mediċini innovattivi u affordabbli u se tappoġġa l-kompetittività, il-kapaċità innovattiva u s-sostenibbiltà tal-industrija farmaċewtika tal-UE. L-istrateġija se tikkontribwixxi wkoll għall-bini tal-awtonomija strateġika tal-Ewropa, b'mod partikolari billi tindirizza l-iskarsezzi tal-mediċini u l-vulnerabbiltajiet fil-katina tal-provvista li ħarġu fid-dieher mill-pandemija.

Fl-istess spirtu, **il-programm il-ġdid l-UE għas-Saħħa** huwa r-rispons ambizzjuż tal-UE għas-sejħa għal appoġġ min-naħa tal-isptarijiet u tas-servizzi mediċi. Il-programm UE għas-Saħħa (EU4health) se jmur lil hinn mir-rispons għall-kriżijiet u se jsaħħaħ is-sistemi tal-kura tas-saħħa nazzjonali b'aktar minn EUR 5.3 biljun f'investiment biex jinbnew sistemi tal-kura tas-saħħa nazzjonali aktar b'saħħithom u aktar reżiljenti. Fl-2021 se jintefqu sa EUR 311-il miljun.

Itejjeb u jrawwem is-saħħa fl-Unjoni

Iħares lin-nies fl-Unjoni minn theddid transfruntier serju fuq saħħithom

Itejjeb il-prodotti mediċinali, l-apparat mediku u l-prodotti rilevanti għall-kriżijiet

Isaħħaħ is-sistemi tas-saħħa

Fl-istess spirtu, il-programm il-ġdid **l-UE għas-Saħħa** huwa r-rispons ambizzjuż tal-UE għas-sejħa għal appoġġ min-naħa tal-isptarijiet u tas-servizzi mediċi.

## L-UE FUQ QUDDIEM NETT TAS-SOLIDARJETÀ DINJIJA: NGĦINU LID-DINJA TEGĦLEB IL-PANDEMIJA

L-Ewropea mhijiex se tkun sikura sakemm il-bqija tad-dinja ma tkunx sikura. Kampanja ta' tilqim dinjija se tkun kruċjali għat-trażżin tal-pandemija u għall-prevenzjoni ta' varjanti ġodda. Biex tiżgura l-għoti ta' tilqim madwar id-dinja, l-UE kienet strumentali biex timmobilizza l-wegħdiet u ħolqot l-**Aċċeleratur tal-Aċċess għall-Għodod kontra l-COVID-19 (ACT-A)** u l-pilastru tal-vaċċini tiegħu, il-**COVAX.** Il-COVAX huwa l-mezz primarju għall-kondiviżjoni globali tat-tilqim li jinvolvi l-parteċipazzjoni ta' 191 pajjiż.

L-UE kienet strumentali fil-mobilizzazzjoni tal-wegħdiet billi waqqfet l-**Aċċelleratur ACT** u l-pilastru tat-tilqim tiegħu, il-**COVAX**.

L-ACT-A għen fl-identifikazzjoni ta' terapija li ssalva l-ħajja mill-COVID-19. Bis-saħħa tal-ACT-A, issa t-testijiet tal-COVID-19 huma disponibbli f'pajjiżi bi dħul baxx għal inqas minn USD 2.50. Sa tmiem is-sena, il-faċilità COVAX jenħtieġ li tkun tat 1.8 biljun doża ta' vaċċini lil 92 pajjiż bi dħul baxx u medju - jew bi prezz affordabbli jew b'xejn. Dan huwa possibbli bis-saħħa tal-kontribut sostanzjali mit-**Tim Ewropa** (jiġifieri l-UE u l-Istati Membri tagħha, flimkien mal-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej). It-Tim Ewropa huwa wieħed mill-akbar kontributuri għall-COVAX u sa issa ta kważi EUR 3 biljun f'għotjiet u garanziji bankarji.




Biex tikkomplementa l-isforzi enormi tal-COVAX, il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet **Mekkaniżmu tal-UE għall-Kondiviżjoni tal-Vaċċini** li jgħin

Is-**Summit Globali dwar is-Saħħa** li sar f'Ruma mmarka l-bidu ta' kapitolu ġdid u kuraġġuż fil-politika tas-saħħa globali.

lill-Istati Membri tal-UE jiffaċilitaw id-donazzjonijiet bilaterali lil pajjiżi terzi. Il-**Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili** jipprovdi appoġġ operazzjonali, b'aktar minn 5 miljun doża tat-tilqim u aktar minn 180 miljun oġġett ta' tagħmir mediku li ngħataw minn meta bdiet il-pandemija, li jvarjaw minn tagħmir protettiv personali (maskri, gogils, ħwejjeġ) għal oġġetti mediċi (sanitizzaturi tal-idejn, ingwanti, fradal, ġkieket ta' iżolament, labar u siringi), testijiet tal-COVID-19, konċentraturi tal-ossiġenu u ventilaturi użati għat-trattament tal-pazjenti bil-COVID-19.

L-UE hija l-protagonist globali fl-esportazzjonijiet tat-tilqim, u tipprovdi trasparenza u responsabbiltà. Il-Kummissjoni waqqfet **Mekkaniżmu ta' Awtorizzazzjoni għall-Esportazzjoni tat-Tilqim**, li jirrikjedi li l-kumpaniji jinnotifikaw lill-awtoritajiet tal-Istati Membri bl-intenzjoni tagħhom li jesportaw vaċċini prodotti fl-UE. B'kollox ġew awtorizzati aktar minn 700 miljun doża ta' vaċċini kontra l-COVID-19 biex jiġu esportati f'konformità mal-mekkaniżmu lejn 49 destinazzjoni differenti - minbarra l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi bi dħul baxx u medju li jinsabu fuq il-lista tal-COVAX. Wara li bejn wieħed u ieħor esportat vaċċini daqs kemm qassmet liċ-ċittadini tagħha, l-UE qed taġixxi bħala l-ispeżerija tad-dinja.

Fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2020, il-President von der Leyen ħabbret li l-Kummissjoni Ewropea se tospita b'mod konġunt l-ewwel **Summit Globali dwar is-Saħħa** flimkien mal-Italja. L-avveniment, li sar f'Ruma fil-21 ta' Mejju 2021, immarka l-bidu ta' kapitolu ġdid u kuraġġuż fil-politika tas-saħħa globali. Dan laqqa' mexxejja minn madwar id-dinja impenjati għall-kooperazzjoni globali dwar is-saħħa pubblika. Is-summit adotta d-**Dikjarazzjoni ta' Ruma**, li tistabbilixxi prinċipji komuni biex tingħeleb il-COVID-19 u għall-prevenzjoni u t-tħejjija għall-pandemiji tal-ġejjieni. Dawn il-prinċipji jinkludu ċ-ċaħda tal-projbizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet, il-ħarsien tal-ktajjen tal-provvista globali u l-ħidma biex tiġi estiża l-kapaċità tal-produzzjoni tat-tilqimiet kullimkien, speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Is-summit juri s-setgħa li għandha l-UE li tlaqqa' pajjiżi differenti u t-tmexxija tagħha fit-tiswir tal-arkitettura tas-sigurtà tas-saħħa globali.

Fis-Summit Globali dwar is-Saħħa, il-President von der Leyen ħabbret ukoll inizjattiva tat-Tim Ewropa dwar il-manifattura u l-aċċess għat-tilqim, il-mediċini u t-teknoloġiji tas-saħħa fl-**Afrika**, b'kontribuzzjoni ta' EUR 1 biljun mill-baġit tal-UE u mill-istituzzjonijiet Ewropej tal-finanzjament għall-iżvilupp bħall-Bank Ewropew tal-Investiment. L-inizjattiva se tgħin biex jinħoloq ambjent favorevoli għall-manifattura lokali tat-tilqim fl-Afrika u se tindirizza l-ostakli kemm fuq in-naħa tal-provvista kif ukoll fuq in-naħa tad-domanda billi tipprovdi, fost għanijiet oħra, appoġġ għall-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-Afrika minn Marzu 2020. Fil-futur anki reġjuni oħra se jkunu jistgħu jiġu assoċjati mal-inizjattiva tat-Tim Ewropa.

It-Tim Ewropa diġà mmobilizza aktar minn EUR 46 biljun b'appoġġ għal iktar minn 130 pajjiż sieħeb madwar id-dinja biex jindirizza l-ħtiġijiet umanitarji, isaħħaħ is-saħħa, is-sistemi tal-ilma u tas-sanità u jtaffi l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-pandemija.




It-Tim Ewropa diġà mmobilizza appoġġ għal iktar **minn130 pajjiż** madwar id-dinja.

# 2. IL-WEGĦDA STORIKA TAN-NEXTGENERATIONEU

L-ekonomija Ewropea qed tirpilja b'mod qawwi, u qed twitti t-triq għall-**irkupru tal-UE** u għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. Il-miżuri ta' emerġenza li ddaħħlu fis-seħħ mill-UE taw il-frott. It-**tbassir ekonomiku tas-sajf tal-2021** jipprevedi li l-ekonomija tal-UE mistennija tespandi b'4.8 % fl-2021 u b'4.5 % fl-2022. Filwaqt li l-ħeffa tal-irkupru tista' tvarja madwar l-UE, sa tmiem l-2022 l-Istati Membri kollha kemm huma mistennija li tal-anqas jilħqu l-livell ekonomiku tagħhom ta' qabel il-kriżi.

Fl-2021 l-ekonomija tal-UE mistennija tespandi b'**4.8 %** u b'**4.5 %** fl-2022.

Dan huwa r-riżultat tad-deċiżjonijiet ta' politika li ttieħdu sa mill-bidu nett tal-pandemija. Dan sar possibbli permezz tal-**għoti tat-tilqim b'rata mgħaġġla** u permezz tal-**miżuri ta' stimolu ekonomiku** bla preċedent li tlaqqgħu flimkien fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali. Il-Kummissjoni ħadet azzjoni immedjata biex ittaffi l-impatt ekonomiku tal-pandemija - kemm billi awtorizzat azzjoni qawwija mill-Istati Membri kif ukoll permezz ta' miżuri ekonomiċi ta' emerġenza bħall-ewwel inizjattiva tal-UE għall-finanzjament ta' xogħol b'ħinijiet iqsar (SURE).

Sadanittant, bdiet il-ħidma fuq l-irkupru fit-tul tagħna. Il-Kummissjoni ilha li stabbilixxiet il-pjanijiet tagħha għal pakkett ta' rkupru ta' EUR 2 triljun sa mir-rebbiegħa 2020, u l-proposta ġiet approvata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill f'Diċembru 2020. Imbagħad kien f'idejn l-Istati Membri li jfasslu l-**pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza**, li ġew approvati mill-Kummissjoni sas-sajf 2021. L-Unjoni Ewropea kollha kemm hi mmobilizzat biex twettaq l-akbar pjan ta' rkupru għall-Ewropa minn żmien il-Pjan Marshall. Qegħdin niktbu l-istorja, għaliex bin-NextGenerationEU qed nerġgħu nsawru l-kontinent tagħna għad-deċennji li ġejjin.

## MIŻURI EKONOMIĊI TA' EMERĠENZA LI JIBNU S-SISIEN TAL-IRKUPRU SOSTENIBBLI

L-UE għamlet kull sforz biex ittaffi l-impatt ekonomiku tal-kriżi globali tas-saħħa. **L-ewwel attivazzjoni li qatt saret tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir** kompliet tapplika matul l-2021 u dan ippermetta lill-Istati Membri jieħdu azzjoni ekonomika b'saħħitha. Il-klawżola se tkompli tapplika fl-2022. Il-fondi eżistenti tal-UE ġew orjentati mill-ġdid u ngħatat id-disponibbiltà ta' fondi ġodda fl-Istati Membri u fir-reġjuni kollha.

Il-Kummissjoni adottat ukoll qafas temporanju minnufih li jippermetti lill-Istati Membri jużaw il-flessibbiltà sħiħa tar-**regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat** biex jipprovdu l-appoġġ meħtieġ lill-ekonomija matul il-kriżi, filwaqt li jħarsu l-kundizzjonijiet ekwivalenti. B'kollox, minn Marzu 2020, il-Kummissjoni ħadet aktar minn 629 deċiżjoni li japprovaw aktar minn EUR 3.08 triljuni ta' għajnuna relatata mal-COVID-19 madwar l-UE.

Fl-2020 biss, SURE għen biex jitħares l-impjieg ta' bejn **25 miljun u 30 miljun** ruħ fl-UE.

Fil-21 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet l-ewwel bonds soċjali tagħha biex tiffinanzja l-**appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji tal-qgħad fi skema ta' emerġenza** (SURE). Minn dakinhar il-Kummissjoni ttrasferiet il-fondi li ngabru lill-Istati Membri benefiċjarji fil-forma ta' self. Sal-lum l-istrument SURE ta EUR 90 biljun lil 19-il Stat Membru biex jappoġġa skemi nazzjonali ta' xogħol b'ħinijiet iqsar. Fl-2020 biss, SURE għen biex jitħares l-impjieg ta' bejn 25 miljun u 30 miljun ruħ fl-UE.

Bejn 1.5 miljun u 2.5 miljun kumpanija bbenefikaw mix-SURE, li ppermettielhom iżommu l-ħaddiema.

L-Istati Membri ffrankaw madwar EUR 5.8 biljun f'pagamenti ta' mgħax billi użaw SURE minflok joħorġu dejn sovran huma stess.

Fl-ewwel erba' ħarġiet ta' bonds il-Kummissjoni ġabret EUR 53.5 biljun, li fuq medja ġew sottoskritti b'aktar minn 10 darbiet aktar milli ħareġ għall-bejgħ.

## L-istrument SURE: EUR 94.3 biljun

| | | | |
|---|---|---|---|
| **EUR 8.2 biljun** Il-Belġju | **EUR 21.3 biljun** Spanja | **EUR 957 miljun** Il-Litwanja | **EUR 5.9 biljun** Il-Portugall |
| **EUR 511-il miljun** Il-Bulgarija | **EUR 1 biljun** Il-Kroazja | **EUR 504 miljun** L-Ungerija | **EUR 4.1 biljun** Ir-Rumanija |
| **EUR 2 biljun** Iċ-Ċekja | **EUR 27.4 biljun** L-Italja | **EUR 420 miljun** Malta | **EUR 1.1 biljun** Is-Slovenja |
| **EUR 2.5 biljun** L-Irlanda | **EUR 603 miljun** Ċipru | **EUR 11.2-il biljun** Il-Polonja | **EUR 630 miljun** Is-Slovakkja |
| **EUR 5.3 biljun** Il-Greċja | **EUR 305 miljun** Il-Latvja | **EUR 230 miljun** L-Estonja | |

L-ammonti huma arrotondati.

Il-**finanzjament tal-politika ta' koeżjoni** kompla jkollu rwol ċentrali fl-appoġġ lill-Istati Membri biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' emerġenza fis-setturi tal-kura tas-saħħa, tan-negozju u tal-impjiegi bis-saħħa tal-Inizjattivi ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus.



## EUR 7.6 biljun

⇢ bħala **għajnuna lill-isptarijiet** biex jiksbu apparat mediku, tagħmir ta' protezzjoni personali, ventilaturi u għall-ittestjar.



## EUR 11.2-il biljun

⇢ bħala **għajnuna lin-negozji** fis-setturi kollha tal-ekonomija, fosthom dawk li ntlaqtu l-agħar bħall-kultura, it-turiżmu u s-servizz tal-ikel.



## EUR 4.1 biljun

⇢ bħala **għajuna diretta lill-persuni**, inklużi l-ħaddiema, permezz tal-implimentazzjoni u l-appoġġ ta' skemi ta' ħarsien tal-impjiegi.

Il-miżuri ta' emerġenza fl-ambitu tal-Inizjattivi ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus tal-politika ta' koeżjoni tkomplew u ġew estiżi skont strument ġdid iffinanzjat min-NextGenerationEU: L-Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa (Recovery Assistance for Cohesion and the Territories of Europe, REACT-EU). Dan l-istrument jipprovdi appoġġ ta' emerġenza lis-settur tas-saħħa, lin-negozji u lill-ħaddiema u tippromwovi l-investiment diġitali u ekoloġiku li jikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku.

## NOĦORĠU AKTAR B'SAĦĦITNA MILL-PANDEMIJA

Fi tmiem l-2020 l-UE għamlet ftehim tassew storiku dwar l-akbar pakkett li qatt ġie ffinanzjat mill-baġit tal-UE, b'valur ta' EUR 2.018 triljun (fi prezzijiet attwali). Dan jikkonsisti mill-**baġit fit-tul tal-UE** ta' bejn l-2021 u l-2027, li jammonta għal EUR 1.211 triljun, miżjud bi EUR 806.9 biljun (fi prezzijiet attwali) permezz tan-**NextGenerationEU**, strument temporanju maħsub biex jenerġizza l-irkupru.

**In-NextGenerationEU huwa aktar minn pjan ta' rkupru.** Għandna opportunità ta' darba biex nibdlu l-ekonomiji tagħna u noħolqu opportunitajiet u impjiegi għal Ewropa adattata għall-futur. Il-qofol tagħha huwa l-**Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza**, li tikkonsisti minn EUR 723.8 biljun (fi prezzijiet attwali) f'għotjiet u self biex jiġu appoġġati r-riformi u l-investimenti mwettqa mill-Istati Membri tal-UE.

Ħamsa u għoxrin Stat Membru diġà ppreżentaw il-**pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza** lill-Kummissjoni Ewropea biex jibbenefikaw mill-appoġġ tal-faċilità. Il-pjanijiet jistabbilixxu pakkett koerenti ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jikkontribwixxu għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-Ewropa u jagħmlu l-kontinent tagħna aktar imħejji u ġust għall-futur. Minħabba l-kobor tal-investimenti ta' kwalità għolja u l-importanza tal-implimentazzjoni tar-riformi li qed jiġu promossi, il-Kummissjoni pprovdiet assistenza ddedikata lill-Istati Membri fit-tħejjija tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza fl-ambitu tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku.




*Diversi programmi taħt dawn l-intestaturi jirċievu allokazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 (ir-"Regolament QFP" (MFFR)) (Orizzont Ewropa, InvestEU, EU4Health, Erasmus +, Ewropa Kreattiva, Ġustizzja, Ċittadini, programmi dwar l-ugwaljanza d-drittijiet u l-valuri u l-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri), mill-użu mill-ġdid ta' diżimpenji skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 (ir-"regolament finanzjarju" (RF)) (Orizzont Ewropa) u minn riflussi mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (l-Istrument Ewropew għall-Iżvilupp). L-allokazzjonijiet addizzjonali preċiżi se jiġu stabbiliti kull sena.*
*L-ammonti kollha huma f'biljun ta' EUR, fi prezzijiet attwali, minn Novembru 2020.*
*Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.*

Sa tmiem Awwissu l-Kummissjoni vvalutat u approvat 18-il pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza li ġew ippreżentati. L-analiżi tagħha kkunsidrat jekk l-investimenti u r-riformi stabbiliti fil-pjanijiet jappoġġawx it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali; Jekk jikkontribwixxux biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi identifikati fis-Semestru Ewropew; u jekk dawn isaħħux il-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, il-koeżjoni territorjali u r-reżiljenza ekonomika u soċjali u istituzzjonali ta' kull Stat Membru bħala prerekwiżit għal irkupru bbilanċjat.

L-ewwel żborżi, b'ammont ta' aktar minn EUR 48 biljun, kienu diġà waslu fil-Belġju, fil-Ġermanja, fil-Greċja, fi Spanja, Franza, fl-Italja, fil-Litwanja, fil-Lussemburgu u fil-Portugall, sas-26 ta' Awwissu.



## IN-NEXTGENERATIONEU: IL-KARATTERISTIĊI EWLENIN

**IL-FAĊILITÀ GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA**
EUR 723.8 biljun
**EUR 338.0 biljun** f'sovvenzjonijiet
**EUR 385.8 biljun** f'self

**ENERĠIZZAZZJONI**
Teknoloġiji nodfa u rinnovabbli

**RINNOVAZZJONI**
Effiċjenza enerġetika tal-bini

**IĊĊARĠJAR U RIFORNIMENT TAL-KARBURANT**
Stazzjonijiet tat-trasport u tal-iċċarġjar sostenibbli

**INGĦAQAD MAL-OĦRAJN**
L-introduzzjoni ta' servizzi broadband rapidi

**MODERNIZZAZZJONI**
Id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi

**TISĦIĦ**
Cloud tad-*data* u proċessuri sostenibbli

**TAĦRIĠ MILL-ĠDID U TITJIB TAL-ĦILIET**
Edukazzjoni u taħriġ biex jiġu appoġġati l-ħiliet diġitali




**Il-Kontribuzzjoni tan-NextGenerationEU għal programmi oħra**
**EUR 83.1** biljun

**REACT-EU**
EUR 50.6 biljun

**IL-FOND GĦAL TRANŻIZZJONI ĠUSTA**
EUR 10.9 billion

**L-IŻVILUPP RURALI**
EUR 8.1 biljun

**INVESTEU**
EUR 6.1 billion

**ORIZZONT EURO PE**
EUR 5.4 biljun

**RESCEU**
EUR 2.0 biljun

*L-ammonti kollha huma fi prezzijiet attwali.*

Il-pjanijiet nazzjonali jenħtieġ li jiddedikaw minimu ta' 37 % tal-allokazzjoni totali tagħhom għal miżuri li jappoġġaw l-objettivi klimatiċi, u minimu ta' 20 % għal miżuri li jappoġġaw it-tranżizzjoni diġitali. Il-Kummissjoni pproponiet **seba' oqsma ewlenin** għal proġetti fl-oqsma ekoloġiċi u diġitali, biex tgħin fil-koordinazzjoni tal-miżuri fil-pjanijiet nazzjonali.



**Enerġizzazzjoni.** Il-forniment minn qabel ta' teknoloġiji nodfa li jibqgħu validi fil-futur u l-aċċellerazzjoni tal-iżvilupp u l-użu ta' sorsi rinnovabbli.



**Rinnovazzjoni.** It-titjib tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tal-binjiet pubbliċi u privati.



**Iċċarġjar u rironiment tal-karburant.** Il-promozzjoni ta' teknoloġiji nodfa u validi għall-futur biex jiġi aċċellerat l-użu ta' stazzjonijiet tat-trasport, tal-iċċarġjar u tal-karburant li huma sostenibbli, aċċessibbli u intelliġenti u jiġu estiż it-trasport pubbliku.



**Ingħaqad mal-oħrajn.** L-introduzzjoni rapida tas-servizzi tal-broadband rapidu għar-reġjuni u d-djar kollha, inklużi n-networks tal-fibra u tal-5G.



**Modernizzazzjoni.** Id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni u s-servizzi pubbliċi, inklużi s-sistemi ġudizzjarji u tal-kura tas-saħħa.



**Tisħiħ.** Iż-żieda tal-kapaċitajiet tal-cloud tad-*data* industrijali Ewropea u l-iżvilupp tal-aktar proċessuri b'saħħithom, avvanzati u sostenibbli.



**Taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet.** L-adattament tas-sistemi edukattivi biex jappoġġaw il-ħiliet diġitali u t-taħriġ edukattiv u vokazzjonali għall-etajiet kollha.

Il-pjanijiet kollha akkoppjaw l-investimenti ma' riformi biex jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż identifikati fis-Semestru Ewropew, pereżempju dwar is-swieq tax-xogħol, l-edukazzjoni, il-kultura, il-kura tas-saħħa, il-ġustizzja u s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. Pereżempju, **iċ-Ċekja** se tintroduċi miżuri estensivi e-gvern,

riforma tal-proċeduri biex jingħataw il-permessi tal-kostruzzjoni u miżuri kontra l-korruzzjoni, filwaqt li l-pjan tal-**Ġermanja** jipprevedi miżuri biex jiġu indirizzati l-ostakli għall-investiment u jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi. **Spanja** se ssaħħaħ il-klima imprenditorjali, billi qed tippjana azzjoni għal regolamentazzjoni aħjar, tnaqqis tal-pagamenti tard u riforma tal-qafas tal-insolvenza u l-akkwist pubbliku. **Franza** se ttejjeb is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u se tappoġġa lin-negozji biex jaċċessaw il-finanzjament. **L-Italja** se tħaffef is-sistema ġudizzjarja tagħha u se tnaqqas il-burokrazija għan-negozji. **Il-Litwanja** se tirriforma l-benefiċċji u l-pensjonijiet, biex issaħħaħ ix-xibka ta' sikurezza. **L-Awstrija** se tirriforma s-sistema tat-taxxa tagħha biex tnaqqas l-emissjonijiet tas-$CO_2$, permezz ta' inċentivi għal teknoloġiji li ma jagħmlux ħsara lill-klima. Dawn huma kollha riformi li l-Ewropej kienu qed jitolbu s-snin, li issa qed jinbidlu f'realtà bis-saħħa ta' NextGenerationEU.

F'Ġunju 2021, il-Kummissjoni ġġenerat EUR 20 biljun **fl-ewwel tranżazzjoni tagħha min-NextGenerationEU**.

**Kull pjan għall-irkupru u reżiljenza se jkollu jinkludi minimu ta'**




37 %
tan-nefqa għal investimenti u riformi KLIMATIĊI

20 %
tan-nefqa għat-trawwim tat-tranżizzjoni DIĠITALI

## IL-FINANZJAMENT TAL-IRKUPRU

Biex tiffinanzja n-NextGenerationEU, il-Kummissjoni - f'isem l-UE - qed tissellef riżorsi mis-swieq kapitali. Fil-15 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni ġabret EUR 20 biljun **fl-ewwel tranżazzjoni tagħha fl-ambitu tan-NextGenerationEU**, permezz ta' bond ta' 10 snin. Din kienet l-akbar ħarġa istituzjonali ta' bonds li qatt kien hawn fl-Ewropa, l-akbar tranżazzjoni istituzzjonali b'segment wieħed u l-akbar ammont li l-UE qatt ġabret fi tranżazzjoni waħda. Minbarra t-tranżazzjonijiet l-oħra li saru f'Ġunju u f'Lulju, sa issa l-Kummissjoni ġabret EUR 45 biljun permezz ta' bonds fit-tul u żgurat finanzjament addizzjonali permezz ta' mezzi oħra bis-saħħa tal-istrateġija ta' self diversifikata tagħha għan-NextGenerationEU.

Dawn l-operazzjonijiet huma possibbli minħabba li sal-aħħar ta' Mejju 2021 l-Istati Membri kollha kienu rratifikaw - fi żmien rekord - id-deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji, li tistabbilixxi kif jiġi ffinanzjat il-baġit tal-UE. Id-Deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji introduċiet ukoll **sors ġdid ta' finanzjament** għall-baġit tal-UE. Ir-riżorsa proprja mill-plastik, li hija kontribuzzjoni bbażata fuq l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat, ġiet introdotta b'mod retroattiv minn Jannar 2021 bħala sors ta' dħul ġdid għall-baġit tal-UE għall-2021-2027. Flimkien mal-fluss tal-introjtu fiskali, dan se jġib benefiċċji addizzjonali billi jżid l-azzjoni klimatika. Fis-snin li ġejjin il-Parlament Ewropew, l-Kunsill u l-Kummissjoni, se jaħdmu flimkien biex jintroduċu riżorsi proprji ġodda għall-baġit tal-UE biex jindirizzaw objettivi ta' politika bħat-tibdil fil-klima u t-tranżizzjoni diġitali filwaqt li jiġbru fondi għall-irkupru Ewropew. Bħala l-ewwel pass, fit-tieni nofs tal-2021 il-Kummissjoni biħsiebha tippreżenta pakkett ta' riżorsi proprji. Dan il-pakkett se jinkludi wkoll soluzzjoni ta' finanzjament u mekkaniżmi baġitarji meħtieġa għall-ħolqien ta' Fond Soċjali għall-Klima biex jgħin itaffi l-konsegwenzi soċjali fuq terminu qasir tat-tranżizzjoni klimatika.

## Qafas Finanzjarju Multiannwali 2021-2027




*Iffinanzjati mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali biss. Xi politiki bħall-koeżjoni, u programmi bħall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, InvestEU, rescEU u Orizzont Ewropa - jirċievu allokazzjonijiet supplimentari min-NextGenerationEU. L-FSE + huwa allokat EUR 0.8 biljun addizzjonali għall-impjiegi u l-innovazzjoni soċjali, barra mill-politika ta' koeżjoni. Diversi programmi jirċievu allokazzjonijiet supplimentari addizzjonali skont l-Artikolu 5 tal-MFFR, mill-użu mill-ġdid ta' diżimpenji skont l-Artikolu 15 tar-RF u minn rimborżi potenzjali mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp. L-allokazzjonijiet addizzjonali preċiżi se jiġu stabbiliti kull sena.*
*L-ammonti kollha huma f'biljun ta' EUR, fi prezzijiet attwali, minn Novembru 2020.*
*Sors: Infografika oriġinarjament imfassla mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.*



# 3. NIBNU EWROPA AKTAR EKOLOĠIKA, AKTAR DIĠITALI U AKTAR SOĊJALMENT ĠUSTA

## IL-PATT EKOLOĠIKU EWROPEW

Saħħitna stess tiddependi fuq saħħet il-pjaneta tagħna. Hija biss pjaneta b'saħħitha li tista' tappoġġa l-benesseri fit-tul taċ-ċittadini tal-UE. Fl-istess ħin, it-tranżizzjoni ekoloġika toffri opportunitajiet ekonomiċi tremendi, u tista' tixpruna l-irkupru tal-Ewropa. Matul il-pandemija, il-Kummissjoni Ewropea żiedet il-ħidma tagħha biex il-**Patt Ekoloġiku Ewropew** isir realtà. Flimkien man-NextGenerationEU, il-Kummissjoni ippreżentat leġiżlazzjoni ġdida li se tgħin lill-poplu tagħna u lill-ekonomija tagħna jkomplu jirnexxu filwaqt li jitgħallmu jgħixu f'konfini planetarji.

F'Ġunju 2021, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw il-**Liġi Ewropea dwar il-Klima**, pass ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Fil-leġiżlazzjoni hija tistabbilixxi l-impenn tal-UE li tilħaq in-newtralità klimatika sal-2050 u l-mira intermedja li jitnaqqsu l-emissjonijiet netti tal-gassijiet b'effett ta' serra b'mill-inqas 55 % sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

Biex twettaq dawn il-miri ambizzjużi, fl-14 ta' Lulju 2021 il-Kummissjoni ppreżentat il-**pakkett tal-Patt Ekoloġiku Ewropew**. Fil-pakkett - li tħabbar għall-ewwel darba mill-President von der Leyen fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2020 - il-Kummissjoni ppreżentat 12-il proposta differenti.

Il-**Liġi Ewropea dwar il-Klima** tistabbilixxi fil-leġiżlazzjoni l-impenn tal-UE li tilħaq in-newtralità klimatika sal-2050.



Skema msaħħa tal-UE għall-**iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet**, tapplika l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għat-trasport bit-triq, il-bini u s-settur marittimu, b'Fond Soċjali għall-Klima biex jagħmel it-tranżizzjoni ġusta billi jgħin lill-familji vulnerabbli tal-UE fil-kontijiet tal-enerġija tagħhom, fixxiri ta' vetturi elettriċi jew fir-rinnovazzjoni ta' djarhom.



Miri nazzjonali ogħla skont ir-**regolament dwar il-kondiviżjoni tal-isforzi** li jistabbilixxi miri annwali vinkolanti dwar l-emissjonijiet għal kull Stat membru, ibbażati fuq il-prinċipji tal-ġustizzja, il-kosteffiċjenza u l-integrità ambjentali.



**Żieda fl-effiċjenza enerġetika** u sehem akbar ta' sorsi ta' **enerġija rinnovabbli** fis-sistemi tal-enerġija tal-UE.



Inċentivi aktar b'saħħithom għar-**restawr u t-tkabbir ta' bjar tal-karbonju naturali** mis-settur tal-użu tal-art skont regolament rivedut dwar l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija.



**Standards tal-emissjonijiet tas-$CO_2$** riveduti u aktar stretti **għall-karozzi u għall-vannijiet** biex tiġi żgurata triq ċara lejn l-ilħuq tal-mobilità b'emissjonijiet żero fl-2050, flimkien ma' infrastruttura suffiċjenti u xierqa ta' karburanti alternattivi.



Proposti biex jiżdied l-**għadd ta' persuni li jużaw karburanti alternattivi fis-settur tal-avjazzjoni u dak tal-baħar** biex b'hekk jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ relatati.



Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri biex **tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju** u titrawwem l-ambizzjoni klimatika f'pajjiżi mhux tal-UE, filwaqt li jiġu rispettati r-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.



Proposti biex it-**tassazzjoni** fuq il-prodotti tal-enerġija u l-elettriku **tiġi allinjata** mal-ambizzjonijiet klimatiċi msaħħa tagħna.

Dan huwa biss l-aħħar pass f'sena ta' ħafna inizjattivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Ftit wara d-diskors tal-Istat tal-Unjoni tas-sena l-oħra, fl-14 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta dwar l-istrateġija tal-**mewġa ta' rinnovazzjoni**, bil-għan li tagħti spinta lir-rinnovazzjoni tal-bini kemm pubbliku kif ukoll privat biex isiru aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Il-mewġa ta' rinnovazzjoni għandha l-għan li tirdoppja r-rati annwali ta' rinnovazzjoni tal-enerġija matul l-10 snin li ġejjin, ittejjeb il-kwalità tal-ħajja għan-nies, tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Ewropa u toħloq sa 160 000 impjieg ekoloġiku addizzjonali fis-settur tal-kostruzzjoni. Meta kważi 34 miljun ċittadin Ewropew ma għandhomx il-mezzi finanzjarji biex isaħħnu djarhom kif suppost, ir-renovazzjoni se ttejjeb ukoll is-saħħa u l-benesseri tal-persuni vulnerabbli filwaqt li tnaqqas il-kontijiet tagħhom tal-enerġija.

Biex tiġi żgurata tranżizzjoni soċjalment ġusta u bbilanċjata lil hinn mill-karburanti fossili u l-industriji li jniġġsu ħafna, il-finanzjament bil-**Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta**, inkluż il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Faċilità ta' Self għas-Settur Pubbliku, sar disponibbli għall-Istati Membri fl-2021, b'mod partikolari biex tiġi promossa d-diversifikazzjoni tal-impjiegi u n-negozji fir-reġjuni l-aktar milquta.

Fit-18 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat l-approċċ komprensiv tagħha biex twettaq l-**għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti**. L-għada hija ppreżentat l-**istrateġija tal-UE dwar l-enerġija rinnovabbli offshore**, li għandha l-għan li tistimula żieda fil-produzzjoni tal-enerġija offshore.

Il-pjan ta' azzjoni ta' tniġġis żero jistabbilixxi miri ewlenin għall-2030: **it-titjib tal-kwalità tal-arja u tal-ilma** b'**55 %** u **50 %** rispettivament.

Fid-9 ta' Diċembru 2020 il-Kummissjoni adottat l-**istrateġija tagħha għal mobilità sostenibbli u intelliġenti** flimkien ma' pjan ta' azzjoni li jikkonsisti fi 82 inizjattiva, li jistabbilixxu perkors ċar lejn il-kisba ta' tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra relatati mat-trasport sal-2050.

Il-Kummissjoni adottat ukoll **strateġija ġdida tal-UE għall-adattament għat-tibdil fil-klima** fit-23 ta' Frar 2021, li turi kif l-UE tista' ssir reżiljenti għall-klima sal-2050. F'Mejju il-Kummissjoni żammet il-wegħda tagħha għal **pjan ta' azzjoni ta' tniġġis żero** u pproponiet approċċ ġdid għal **ekonomija blu sostenibbli**, bil-għan li tipprovdi aktar koerenza u sinerġiji għall-industriji li joperaw madwar l-oċeani, l-ibħra u l-kosti. Il-pjan ta' azzjoni ta' tniġġis żero jistabbilixxi miri ewlenin għall-2030: it-titjib tal-kwalità tal-arja u tal-ilma b'55 % u 50 % rispettivament.

L-investituri jeħtieġu regoli ċari biex jorjentaw mill-ġdid l-investiment lejn teknoloġiji u negozji aktar sostenibbli, u biex jappoġġaw l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Għal din ir-raġuni, f'April 2021, il-Kummissjoni pproponiet kriterji tekniċi biex tikklassifika l-attivitajiet ekonomiċi sostenibbli permezz tal-**Att Delegat dwar it-Tassonomija tal-UE dwar il-Klima**, li jkopri s-setturi responsabbli għal 80 % tal-gassijiet serra diretti fl-UE. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll **direttiva dwar ir-rappurtar korporattiv dwar is-sostenibbiltà**, li tirrikjedi li l-kumpaniji l-kbar kollha jiżvelaw ir-rekord tagħhom dwar il-klima u s-sostenibbiltà. F'Lulju 2021 adottat **strateġija għall-finanzjament tat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli**, li tiċċara kif is-setturi kollha tal-ekonomija reali jistgħu jaqilbu lejn is-sostenibbiltà, kif is-settur finanzjarju jenħtieġ li jikkontribwixxi għal din it-tranżizzjoni, kif il-finanzi sostenibbli jistgħu jsiru aktar inklużivi u kif tiġi asserita t-tmexxija globali tal-UE f'dan il-qasam. F'Lulju 2021 il-Kummissjoni adottat ukoll proposta għal regolament li jistabbilixxi standard għall-**bonds ekoloġiċi Ewropej**.

Bl-**istrateġija dwar il-metan**, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat pjan direzzjonali ċar lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fl-UE. L-**istrateġija għas-sostenibbiltà tas-sustanzi kimiċi** għandha l-għan li ssaħħaħ l-innovazzjoni għal sustanzi kimiċi sikuri u sostenibbli u żżid il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll qafas regolatorju ġdid dwar il-**batteriji** biex tagħmilhom aktar sostenibbli matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom.

Il-**politika agrikola komuni** li għadha kemm ġiet riformata, li dwarha ntlaħaq ftehim proviżorju f'Ġunju 2021, għandha tippermetti lill-biedja Ewropea ssir aktar ekoloġika, aktar ġusta u aktar flessibbli. Dan imur id f'id mal-**pjan ta' azzjoni għall-produzzjoni organika** ta' Marzu 2021, li għandu l-għan li jittrasforma 25 % tal-art agrikola f'art għall-biedja organika sal-2030. Fis-16 ta' Lulju il-Kummissjoni adottat **strateġija ġdida għall-foresti** biex tiżgura foresti b'saħħithom u reżiljenti li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex ireġġgħu lura t-telf tal-bijodiversità u biex tinkiseb in-newtralità klimatika.



Din hija l-aktar riforma ambizzjuża tal-leġiżlazzjoni tal-UE mmirata lejn it-tħejjija tal-ekonomija Ewropea għal futur newtrali għall-klima u l-indirizzar tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u l-iskarsezza tar-riżorsi. Flimkien mar-riżorsi enormi li ġejjin min-NextGenerationEU, dan huwa pass kbir għall-kontinent tagħna biex jilħaq **l-għan tan-newtralità klimatika sal-2050**.

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew mhuwiex biss inizjattiva ambjentali jew ekonomika ambizzjuża – huwa wkoll proġett kulturali ġdid. Il-**Bauhaus Ewropea l-Ġdida** – inizjattiva mħabbra mill-President von der Leyen fid-diskors tagħha tal-Istat tal-Unjoni tal-2020 – stabbilixxiet spazju ta' ħolqien konġunt fejn l-arkitetti, l-artisti, l-istudenti, l-inġiniera u d-disinjaturi jaħd-



mu flimkien biex ilaqqgħu l-istil mas-sostenibbiltà. Il-**Bauhaus Ewropew Ġdid** beda moviment madwar it-trasformazzjoni tal-ambjent mibni u l-iżvilupp ta' stil ta' ħajja aktar ekoloġiku u aktar ġust, u eluf ta' kontribuzzjonijiet u avvenimenti madwar l-Ewropa kollha wittew it-triq għall-passi li jmiss tal-inizjattiva.

Il-**programm Orizzont Ewropa** se jkun strumentali wkoll biex jintlaħqu l-miri tal-Patt Ekoloġiku, billi se jikkontribwixxi mill-inqas 35 % tal-baġit ġenerali tiegħu għall-objettivi klimatiċi, inkluż permezz ta' sħubijiet fit-tul mal-industrija f'oqsma ewlenin bħall-idroġenu nadif, l-avjazzjoni u l-batteriji.

L-UE użat EUR 1 biljun fl-ewwel Patt Ekoloġiku fid-dinja sejħa għar-riċerka u l-innovazzjoni biex tavvanza t-teknoloġija, ittejjeb l-għarfien tagħna fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' azzjoni klimatika u sostenibbiltà u ssaħħaħ l-involviment taċ-ċittadini mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Kien hemm rispons kbir mill-komunità tar-riċerka, minn setturi pubbliċi u privati b'valur ta' aktar minn **EUR 8 biljuni.**

L-UE użat **EUR 1 biljun** fl-ewwel sejħa fid-dinja għar-riċerka u l-innovazzjoni mill-Patt Ekoloġiku.

Hemm ukoll azzjoni ġdida biex tappoġġa, tippromwovi u tesibixxi 100 belt Ewropea fit-trasformazzjoni sistemika tagħhom lejn klima newtrali sal-2030, u li dawn l-ibliet isiru hubs ta' esperimentazzjoni u innovazzjoni għall-ibliet kollha.

Is-sostenibbiltà teħtieġ trasformazzjoni profonda tal-mentalità tagħna u l-involviment dirett taċ-ċittadini. Kull ċittadin jista' jkollu rwol fit-tranżizzjoni ekoloġika. Huwa għalhekk li l-Kummissjoni nediet **il-Patt Klimatiku Ewropew** f'Diċembru, bħala parti mill-Patt Ekoloġiku. Il-Patt ilaqqa' nies minn kull qasam tal-ħajja u jippermettilhom jispiraw u jitgħallmu minn xulxin filwaqt li jaġixxu bħala ambaxxaturi volontarji tal-Patt Klimatiku. Aktar minn 501 ambaxxatur mill-Istati Membri kollha huma diġà parti min-network.

## INVARAW ID-DEĊENNJU DIĠITALI TAL-EWROPA

Il-pandemija tal-coronavirus uriet il-benefiċċji essenzjali tad-diġitalizzazzjoni. L-infrastruttura diġitali tal-Ewropa ta' klassi dinjija ġabet magħha vantaġġi kbar matul il-pandemija, minn kapaċità ta' konnessjoni mal-ħbieb u l-familja sax-xogħol middar u t-tgawdija tax-xiri online. Madankollu, il-pandemija wriet ukoll il-ħtieġa li t-trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa tiġi aċċellerata aktar.

Fid-9 ta' Marzu 2021 il-Kummissjoni ppreżentat viżjoni ġdida għat-trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa sal-2030. Id-**Deċennju Diġitali tal-Ewropa** jistrieħ fuq erba' pilastri kardinali, kif spjegat fil-grafika li ġejja.



### Ħiliet

- **Speċjalisti fl-ICT**
  20 miljun, u titjib fil-konverġenza bejn il-ġeneri
- **Ħiliet Diġitali Bażiċi**
  Mhux anqas minn 80 % tal-popolazzjoni



### Infrastrutturi diġitali siguri u sostenibbli

- **Il-konnettività**
  Gigabit għal kulħadd, 5G kullimkien
- **Semikondutturi mill-aktar avvanzati**
  Sehem doppju tal-UE tal-produzzjoni globali
- ***Data* — edge u cloud**
  10 000 nodi tal-edge b'livell għoli ta' sigurtà u newtrali għall-klima
- **Computing**
  L-ewwel kompjuter b'aċċellerazzjoni *quantum*

### It-trasformazzjoni diġitali tan-negozji

- **L-użu tat-teknoloġija**
  75 % tal-kumpaniji tal-UE li jużaw *cloud/IA/big data*
- **Innovaturi**
  Tkabbir ta' negozji li qed jespandu u finanzjament biex jirdoppjaw il-"unicorns" fl-UE
- **Dawk li jadottaw tard**
  Aktar minn 90 % tal-SMEs Ewropej jilħqu mill-inqas livell bażiku ta' intensità diġitali

### Id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi

- **Is-servizzi pubbliċi ewlenin**
  100 % online
- **e-saħħa**
  100 % taċ-ċittadini b'aċċess għar-rekords mediċi
- **L-identità diġitali**
  80 % taċ-ċittadini li jużaw ID diġitali

Dawn l-erba' oqsma jikkostitwixxu l-**kumpass diġitali tal-Ewropa** - gwida li se tittraduċi l-ambizzjonijiet diġitali tal-UE għall-2030 f'riżultati konkreti permezz ta' stadji importanti ewlenin, struttura ta' governanza konġunta robusta u proġetti possibbli multinazzjonali li jikkombinaw investimenti mill-UE, mill-Istati Membri u mis-settur privat. Sabiex kull ċittadin tal-UE jingħata s-setgħa u jiġi protett, il-Kummissjoni se tipproponi li tinkludi tali sett ta' prinċipji u drittijiet diġitali f'**dikjarazzjoni interistituzzjonali solenni**.

Biex tirfed it-tranżizzjoni diġitali, il-Kummissjoni ppreżentat għadd ta' proposti leġiżlattivi ewlenin mid-diskors tal-Istat tal-Unjoni tas-sena li għaddiet. L-ewwel nett, fil-15 ta' Diċembru 2020 hija pproponiet riforma ambizzjuża tal-ispazju diġitali permezz tal-**Att dwar is-Servizzi Diġitali** u l-**Att dwar is-Swieq Diġitali**. L-għan tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali huwa li l-valuri li ngħożżu fid-dinja offline jiġu rrispettati wkoll online. Fil-livell l-aktar bażiku tiegħu, dan ifisser li dak li huwa illegali jenħtieġ li jkun illegali online ukoll. L-att dwar is-Servizzi Diġitali jiċċara wkoll li l-akbar pjattaformi tal-media soċjali għandu jkollhom responsabbiltà akbar minn sempliċi sit web jew suq lokali. L-Att dwar is-Swieq Diġitali jirregola l-attivitajiet ta' pjattaformi diġitali kbar biex jiżgura li s-suq uniku diġitali Ewropew jibqa' miftuħ u kontestabbli.

Meħuda flimkien, dawn iż-żewġ biċċiet ta' leġiżlazzjoni joħolqu ġabra ta' regoli moderna għas-suq uniku, bil-valuri Ewropej fil-qalba tiegħu. Dawn se jrawmu l-innovazzjoni, it-tkabbir u l-kompetizzjoni, u se jipprovdu lill-utenti b'servizzi online ġodda, aħjar u aktar affidabbli.



Aktar tard, fil-25 ta' Novembru l-Kummissjoni ppreżentat **l-Att dwar il-Governanza tad-*Data***, biex tiffaċilita l-kondiviżjoni tad-data madwar l-UE u bejn is-setturi u biex tappoġġa l-ispazji tad-data Ewropej; **id-direttiva l-ġdida dwar is-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni**, biex tiżdied ir-reżiljenza ċibernetika tas-setturi kritiċi pubbliċi u privati bħall-isptarijiet, il-grilji tal-enerġija, il-ferroviji, iċ-ċentri tad-data, l-amministrazzjonijiet pubbliċi, il-laboratorji tar-riċerka u l-faċilitajiet li jimmanifatturaw apparat mediku kritiku u mediċini; l-ewwel qafas legali li qatt sar dwar **l-intelliġenza artifiċjali**, biex jiġu garantiti s-sikurezza u d-drittijiet fundamentali tal-persuni u n-negozji filwaqt li jissaħħu l-adozzjoni, l-investiment u l-innovazzjoni tal-intelliġenza artifiċjali madwar l-UE; u proposta għal **identità diġitali Ewropea** li se tkun disponibbli għaċ-ċittadini, ir-residenti u n-negozji kollha tal-UE biex jagħtu prova tal-identità tagħhom, jikkondividu dokumenti elettroniċi u jaċċessaw servizzi online.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni nediet inkjesta settorjali dwar l-internet tal-oġġetti relatat mal-konsumatur biex tidentifika, minn kmieni, kwistjonijiet potenzjali ta' kompetizzjoni f'dan is-settur li qed jikber. Hija tkompli wkoll tinforza b'mod vigoruż ir-regoli tal-kompetizzjoni, bil-ftuħ ta' investigazzjonijiet ġodda dwar abbużi potenzjali minn gwardjani diġitali f'diversi swieq, bħar-reklamar diġitali. Dawn l-inizjattivi kollha huma fil-qalba biex il-viżjoni tal-Kummissjoni tad-**Deċennju Diġitali tal-Ewropa** ssir realtà.

Biex issaħħaħ il-vantaġġ teknoloġiku tal-Ewropa u tappoġġa l-bażi industrijali tagħha, fit-22 ta' Frar 2021 il-Kummissjoni adottat pjan ta' azzjoni ta' 11-il punt**dwar is-sinerġiji bejn l-industriji ċivili, tad-difiża u tal-ispazju**.

Is-servizzi finanzjarji diġitali qed jimmodernizzaw l-ekonomija Ewropea u qed jibdlu lill-Ewropa f'attur diġitali globali. Bħala tali, f'Settembru 2020, il-Kummissjoni pproponiet **pakkett dwar il-finanzi diġitali**, għal settur finanzjarju kompetittiv tal-UE li jagħti lill-konsumaturi aċċess għal prodotti finanzjarji innovattivi, filwaqt li jiggarantixxi l-protezzjoni tal-konsumatur u l-istabbiltà finanzjarja. Il-pakkett jinkludi **strateġija għall-finanzi diġitali** u proposti dwar **il-kriptoassi** u **r-reżiljenza operazzjonali diġitali**. L-adozzjoni tal-finanzi diġitali se tillibera l-innovazzjoni Ewropea u tgħin biex jiġu żviluppati prodotti finanzjarji aħjar għall-konsumaturi, inkluż għal persuni li bħalissa ma għandhomx aċċess għal servizzi finanzjarji. Dan jiżblokka modi ġodda ta' kif il-finanzjament jiġi dirett lejn in-negozji tal-UE, b'mod partikolari l-SMEs.

Hemm bżonn li l-UE jkollha settur finanzjarju diġitali kompetittiv li jagħti lill-konsumaturi aċċess għal prodotti finanzjarji innovattivi, filwaqt li jiggarantixxi l-protezzjoni tal-konsumatur u l-istabbiltà finanzjarja. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ċentrali Ewropew, fil-livell tekniku, qegħdin flimkien jeżaminaw sett ta' kwistjonijiet legali, tekniċi u ta' politika li jistgħu jirriżultaw fil-kuntest tal-introduzzjoni possibbli ta' **euro diġitali**.

Aktar tard, il-Kummissjoni ppreżentat l-**Att dwar il-Governanza tad-*Data***, biex tiffaċilita l-kondiviżjoni tad-*data* madwar l-UE u bejn is-setturi u biex tappoġġa l-ispazji tad-*data* Ewropej.

## SUQ UNIKU AKTAR B'SAĦĦTU GĦALL-IRKUPRU TAL-EWROPA

Biex tibni suq uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa, fil-5 ta' Mejju 2021 il-Kummissjoni Ewropea **aġġornat l-istrateġija industrijali tal-UE tas-sena li għaddiet**. Il-miżuri l-ġodda se jkunu ta' benefiċċju kbir għall-impriżi ż-żgħar u dawk ġodda permezz ta' suq uniku msaħħaħ u billi ma jibqgħux jiddependu daqstant fuq il-provvista. Dawn il-miżuri se jgħinu wkoll biex tissawwar l-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Il-progress sinifikanti li sar fl-iżvilupp ta' ktajjen tal-valur li huma sostenibbli, innovattivi u kompetittivi f'livell dinji kien possibbli minħabba approċċ ibbażat fuq l-alleanzi, jiġifi-

eri l-Alleanza Ewropea tal-Batteriji, l-Alleanza Ewropea dwar il-Materja Prima u l-Alleanza Ewropea għall-Idroġenu Nadif.

## NIBNU EWROPA SOĊJALI B'SAĦĦITHA

L-UE għandha **ekonomija soċjali tas-suq** unika. Il-pandemija kkawżat tibdil immedjat u drastiku fl-impjiegi tagħna, fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħna u fil-ħajja soċjali tagħna. Saħansitra qabel il-pandemija, is-swieq tax-xogħol u l-ekonomiji tagħna kienu qed jissawru mill-ġdid bl-impatti tat-tibdil fil-klima, id-diġitalizzazzjoni u x-xejriet demografiċi. Biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' dawn it-trasformazzjonijiet fit-tul, u biex tindirizza l-impatt immedjat tal-pandemija, l-UE teħtieġ kodiċi soċjali ġdid biex ikun żgurat li, anki f'dinja li qed tinbidel, il-wegħda soċjali tal-Unjoni Ewropea ma tinbidilx.




Is-**Summit Soċjali ta' Porto** ġab bidla radikali għad-drittijiet soċjali fl-Ewropa. Il-mexxejja tal-UE, is-sħab soċjali u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili ltaqgħu fis-7 u t-8 ta' Mejju 2021 u impenjaw ruħhom li jkomplu jimplimentaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u ddikjaraw li wasal iż-żmien li tittieħed azzjoni. F'Porto, il-mexxejja tal-UE

approvaw il-proposta tal-Kummissjoni biex jinħoloq sett ġdid ta' miri soċjali miżurabbli li għandhom jintlaħqu sal-2030.



2021 → 2030

Mill-inqas

**78 %**

tal-popolazzjoni li jkollhom bejn l-20 u l-64 sena jenħtieġ li jkunu **impjegati** sal-2030



Mill-inqas

**60 %**

tal-adulti kollha jenħtieġ li **jipparteċipaw f'taħriġ** kull sena sal-2030

2021 → 2030



Mill-inqas

**15-il miljun**

persuna inqas **fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali** sal-2030

Il-proposta għal direttiva dwar **il-pagi minimi adegwati** ppreżentata f'Ottubru 2020 tistabbilixxi qafas li jiżgura li persuni li jaqilgħu l-paga minima ma jkunux f'riskju ta' faqar u jkunu jistgħu jaqilgħu għixien deċenti li jippromwovi konverġenza soċjali u ekonomika 'l fuq. Dan iwieġeb il-prinċipju 6 tal-Pilastru.

Il-**Patt għall-Ħiliet**, imniedi f'Novembru 2020, ilaqqa' flimkien partijiet ikkonċernati minn ekosistemi sħaħ biex jiddefinixxi kif jistgħu jimpenjaw ruħhom għal taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema, sabiex ikollhom il-ħiliet ġusti għall-impjiegi tal-lum u ta' għada. Dan iwieġeb il-prinċipju 1 tal-Pilastru u se jgħinna nilħqu l-mira ta' 60 % tal-adulti li jipparteċipaw fit-taħriġ kull sena.

Ir-rakkomandazzjoni dwar **appoġġ attiv effettiv** għall-impjiegi wara l-kriżi tal-COVID-19, ippreżentata f'Marzu 2021, tipprovdi gwida konkreta lill-Istati Membri dwar miżuri ta' politika, appoġġati minn possibbiltajiet ta' finanzjament tal-UE, biex gradwalment issir tranżizzjoni mill-miżuri ta' emerġenza meħuda biex jiġu ppreservati l-impjiegi fil-kriżi tal-COVID-19 sal-miżuri ġodda meħtieġa għal irkupru li kkaratterizzat minn abbundanza ta' impjiegi. Ir-rakkomandazzjoni għandha l-għan li tgħin lin-nies jimxu minn setturi li qed ibattu għal oħrajn li qed jespandu sabiex jaħsdu l-benefiċċji tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Dan iwieġeb il-prinċipju 4 tal-Pilastru u se jgħinna nilħqu l-mira li jkun hemm mill-inqas 78 % tal-adulti f'impjieg.

Il-**garanzija Ewropea għat-tfal**, ippreżentata f'Marzu 2021, ġiet adottata mill-Istati Membri fi żmien rekord: xahrejn biss. Bi 18-il miljun minorenni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali qabel il-pandemija, hemm bżonn urġenti li tittieħed azzjoni biex jinkiser iċ-ċiklu vizzjuż tal-iżvantaġġ u jiġu ggarantiti opportunitajiet indaqs. Il-garanzija għat-tfal tipprovdi aċċess bla ħlas jew affordabbli għas-servizzi essenzjali lit-tfal fil-bżonn. Dan iwieġeb il-prinċipju 11 tal-Pilastru u se jgħinna nilħqu l-mira li mill-inqas ħames miljun minorenni jinħarġu mill-faqar.

Fl-Ewropa, l-istennija tal-għomor mat-twelid żdiedet b' **10 snin** matul dawn l-aħħar ħames deċennji.

**Il-qafas strateġiku** aġġornat **għas-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol**, ippreżentat f'Ġunju 2021, jiżgura li nkunu aġġornati bl-aħħar bidliet fid-dinja tax-xogħol. Huwa jipprovdi gwida biex tittejjeb il-prevenzjoni tal-aċċidenti u l-mard, kemm fiżiċi kif ukoll mentali. Permezz tiegħu se nkunu mħejjijin aħjar għal kriżijiet tas-saħħa fil-ġejjieni. Dan iwieġeb il-prinċipju 10 tal-Pilastru.

L-inizjattiva dwar **iż-żona Ewropea tal-edukazzjoni** u **l-pjan ta' azzjoni** l-ġdid **għall-edukazzjoni diġitali** 2021-2027 se jiżguraw l-inklużività u l-kwalità tal-edukazzjoni.

L-Ewropa għaddiet minn tibdil demografiku profond u għadha għaddejja minnu. Madankollu, minkejja l-isfidi enormi tal-pandemija tal-COVID-19, qed ngħixu ħajja aktar b'saħħitha u itwal. L-istennija tal-għomor fit-twelid żdiedet b'madwar 10 snin kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa matul dawn l-aħħar ħames deċennji. Dan huwa riżultat eċċezzjonali, u juri s-saħħa u l-valur tal-ekonomija soċjali tas-suq tagħna. Madankollu, popolazzjoni li qed tixjieħ għandha impatt fuq il-mod kif ngħixu, u l-mudell soċjali u l-politiki tagħna jeħtieġ li jiġu adattati għall-pass ta' din ir-realtà l-ġdida. Huwa għalhekk li l-Kummissjoni Ewropea adottat il-**Green Paper dwar it-tixjiħ** kmieni din is-sena, u nediet dibattitu pubbliku wiesa' dwar l-isfidi u l-opportunitajiet li jittrattaw l-impatti fit-tul tat-tixjiħ, li jaffettwa lill-ġenerazzjonijiet kollha. L-eżitu tal-konsultazzjoni pubblika se jinforma l-inizjattivi ta' politika li jmiss tagħna, pereżempju dwar il-kura fit-tul fl-2022.

Il-futur tal-Ewropa jiddependi wkoll fuq iż-żoni rurali, fejn jgħixu kważi 30 % tal-popolazzjoni tal-UE (137 miljun ruħ) u jkopru 80 % tat-territorju tagħha. Iż-żoni rurali huma atturi attivi fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-UE. Kienet l-ambizzjoni tagħna li ntejbu b'mod sinifikanti l-kwalità tal-ħajja tagħhom. Il-**viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali**, imnedija f'Ġunju 2021, tistabbilixxi t-triq lejn żoni rurali b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperi sal-2040. **Patt Rurali** ġdid se jinvolvi l-ilħna u l-fehmiet tal-komunitajiet rurali, filwaqt li **pjan ta' azzjoni rurali** se jagħti spinta ġdida liż-żoni rurali u jittrasforma l-viżjoni fit-tul f'realtà. L-għanijiet tagħna huma li ma nħallu lil ħadd u l-ebda post lura, u li nġibu lill-UE eqreb lejn iċ-ċittadini tagħha sabiex insawru futur komuni.



# UNJONI TA’ UGWALJANZA



L-Unjoni Ewropea hija Unjoni ta’ ugwaljanza. Aħna unjoni ta’ Stati Membri b’soċjetajiet diversi: id-diversità hija parti intrinsika minna. Nistgħu nkunu b’saħħitna biss jekk ninkludu lil kulħadd u kulħadd ikun jista’ jirnexxi. Hekk tfisser “Magħquda fid-diversità”.

Biex niksbu dan l-għan, qed nistabbilixxu politiki u miżuri li jikkonfrontaw id-diskriminazzjoni strutturali u l-istereotipi li spiss insibuhom fis-soċjetajiet tagħna. Dan għandu l-għan li joħloq il-kundizzjonijiet biex kulħadd jgħix, jirnexxi u jmexxi irrispettivament mis-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali tiegħu. **Unjoni ta’ ugwaljanza** se tiżgura wkoll li t-teħid tad-deċiżjonijiet iqis il-ħtiġijiet ta’ kulħadd fis-soċjetajiet tagħna, u tindirizza d-diskriminazzjoni intersezzjonali.

Il-**pjan ta’ azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu adottat** fit-18 ta’ Settembru 2020 jistabbilixxi għadd ta’ azzjonijiet biex jiġi ttrattat ir-razziżmu permezz tad-dritt tal-UE iżda wkoll b’mezzi oħra, bħall-kollaborazzjoni mal-Istati Membri, fosthom l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi nazzjonali, il-mezzi tax-xandir u s-soċjetà ċivili; l-użu ta’ għodod disponibbli u futuri tal-UE; u ħarsa lejn ir-riżorsi umani proprji tal-Kummissjoni. Fost għanijiet oħrajn, il-pjan ta’ azzjoni jinvoka infurzar aħjar tad-dritt tal-UE; koordinazzjoni aktar mill-qrib ma’ persuni bi sfond razzjali jew etniku minoritarju, flimkien ma’ pulizija u protezzjoni ġusti; azzjoni msaħħa fil-livell nazzjonali permezz ta’ pjanijiet ta’ azzjoni nazzjonali; u żieda fid-diversità fost il-persunal tal-UE. Għal dawn il-finijiet, f’Ġunju 2021 il-Kummissjoni Ewropea ħatret l-ewwel **koordinatur tal-UE kontra r-razziżmu**.

Nistgħu nkunu b’saħħitna biss jekk **ninkludu lil kulħadd** u kulħadd ikun jista’ jirnexxi.

Jenħtieġ li r-Rom kollha jkollhom l-opportunità li jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom u li jinvolvu ruħhom fil-ħajja politika, soċjali, ekonomika u kulturali. Biex tikseb dawn il-miri, il-Kummissjoni adottat il-**qafas strateġiku l-ġdid tal-UE dwar ir-Rom għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni** sabiex tħaffef il-progress, b’punti ta’ riferiment ċari li hemm bżonn jintlaħqu sal-2030. Il-gwida u l-miżuri jvarjaw mill-iżvilupp ta’ sistemi ta’ appoġġ għall-vittmi tad-diskriminazzjoni li huma Rom, sal-kampanji ta’ sensibilizzazzjoni fl-iskejjel, l-appoġġ għal-litteriżmu finanzjarju, il-promozzjoni tal-impjieg tar-Rom fl-istituzzjonijiet pubbliċi, u t-titjib tal-aċċess għal eżamijiet mediċi ta’ kwalità, l-iskrinjar, u l-ippjanar tal-familja għan-nisa Rom.

L-Unjoni Ewropea għandha tkun minn ta’ quddiem fl-isforzi biex tipproteġi aħjar id-drittijiet tal-persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneri, intersesswali u queer (LGBTIQ). Għalhekk, fil-11 ta’ Novembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea adottat **l-istrateġija għall-ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025**, li tindirizza l-inugwaljanzi u l-isfidi li jaffettwaw lil din il-komunità u tistabbilixxi għadd ta’ politiki mmirati għall-ħames snin li ġejjin. Din hija l-ewwel strateġija tal-UE dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ. Il-**politiki** jiffukaw fuq erba’ pilastri ewlenin: l-indirizzar tad-diskriminazzjoni; l-iżgurar tas-sikurezza; il-bini ta’ soċjetajiet inklużivi; u li nkunu protagonisti fis-sejħa għall-ugwaljanza tal-persuni LGBTIQ madwar id-dinja

- L-indirizzar tad-diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBTIQ
- L-iżgurar tas-sikurezza tal-persuni LGBTIQ
- Il-bini ta’ soċjetajiet inklużivi għal-LGBTIQ;
- Inkunu protagonisti fis-sejħa għall-ugwaljanza tal-persuni LGBTIQ madwar id-dinja

F'Marzu 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta biex tiggarantixxi li n-nisa u l-irġiel fl-UE jkollhom **paga ugwali għal xogħol ugwali**.

**L-ugwaljanza bejn il-ġeneri** qatt ma kellha daqshekk prijorità fl-aġenda tal-UE. Il-mira hi Unjoni fejn in-nisa u l-irġiel ikunu liberi li jsegwu t-triq li jagħżlu huma fil-ħajja, ikollhom opportunitajiet indaqs biex jirnexxu u jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod ugwali fis-soċjetà Ewropea tagħna u jmexxuha. Għal dan il-għan, fl-4 ta' Marzu 2021 il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposta biex tiżgura li n-nisa u l-irġiel fl-UE **jirċievu paga ugwali għal xogħol ugwali**. Il-proposta tistabbilixxi miżuri ta' trasparenza fil-pagi, bħall-informazzjoni dwar il-pagi għal dawk li qed ifittxu impjieg, id-dritt li jkunu jafu l-livelli tal-pagi għall-ħaddiema li jagħmlu l-istess xogħol u l-obbligi tal-kumpaniji l-kbar li jirrappurtaw id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi. Il-proposta ssaħħaħ ukoll l-għodod biex il-ħaddiema jitolbu d-drittijiet tagħhom u tiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja.

L-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija wkoll fil-qalba tal-azzjoni esterna tal-UE. Il-**Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri** varat f'Novembru 2020, jiddeskrivi aġenda ambizzjuża u operattiva ġdida favur il-promozzjoni tal-ugwaljanza u jiġi żgurat li n-nisa u l-bniet madwar id-dinja jingħataw is-setgħa li jipparteċipaw fit-tiswir tad-demokrazija, il-ġustizzja, il-paċi u s-sigurtà. Sal-2025, 85 % tal-politiki esterni l-ġodda tal-UE, fis-setturi kollha, se jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għall-emanċipazzjoni tan-nisa.

Fit-3 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni Ewropea adottat **l-istrateġija għad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà**, li twitti t-triq għal Ewropa mingħajr ostakli li se tiggarantixxi li l-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jipparteċipaw għalkollox fis-soċjetà u fl-ekonomija fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor fl-UE u lil hinn minnha. L-istrateġija għandha l-għan li tagħmel progress fl-oqsma kollha tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri.

Biex l-Ewropa ssir adattata għall-ġenerazzjoni ta' Ewropej li jmiss, fl-24 ta' Marzu 2021 il-Kummissjoni ppreżentat **strateġija** komprensiva ġdida **tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal**.

L-istrateġija hija mibnija fuq il-prinċipju ewlieni li kull tifel u tifla fl-Unjoni Ewropea u madwar id-dinja jenħtieġ li jgawdu mill-istess drittijiet u jgħixu ħielsa mid-diskriminazzjoni. L-istrateġija tinvolvi miżuri konkreti f'sitt prijoritajiet tematiċi, fosthom il-parteċipazzjoni tat-tfal fil-ħajja demokratika u politika; il-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal u kull forma ta' vjolenza kontra t-tfal; it-tisħiħ tal-ġustizzja adatta għat-tfal; l-appoġġ u l-protezzjoni tat-tfal permezz tat-tranżizzjoni diġitali; u l-intensifikar tal-ħidma tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal fl-azzjoni esterna tagħha. Kemm l-istrateġija kif ukoll il-garanzija Ewropea għat-tfal ġew infurmati permezz ta' konsultazzjonijiet estensivi maċ-ċittadini, mal-partijiet ikkonċernati u, l-aktar importanti, ma' aktar minn 10 000 tifel u tifla. Dan huwa parti minn sforz qawwi biex it-tfal jitqiegħdu fiċ-ċentru tat-tfassil tal-politika tal-UE.



# IL-PROTEZZJONI TAD-DEMOKRAZIJI EWROPEJ U TAL-ISTAT TAD-DRITT

F'Settembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat l-ewwel **rapport** annwali **dwar l-istat tad-dritt**, li pprovda sintesi tas-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-UE, flimkien ma' 27 kapitolu speċifiku għall-pajjiż. L-UE kabbret is-sett ta' għodod eżistenti tagħha u tat spinta lil dibattitu inkluživ dwar il-kultura tal-istat tad-dritt madwar l-UE.

F'Lulju 2021, il-Kummissjoni ppubblikat **it-tieni rapport dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-UE** li kkunsidra l-iżviluppi ġodda minn Settembru li għadda 'l hawn. Ir-rapport tal-2021 approfondixxa l-valutazzjoni tal-kwistjonijiet identifikati fir-rapport preċedenti u qies l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19. Kollox ma' kollox, ir-rapport wera ħafna żviluppi pożittivi fl-Istati Membri, fosthom f'każijiet fejn qed jiġu ttrattati l-isfidi identifikati fir-rapport tal-2020. Madankollu, it-tħassib għadu hemm u f'ċerti Stati Membri dan żdied, pereżempju fir-rigward tal-indipendenza tal-ġudikatura u s-sitwazzjoni tal-media. Ir-rapport enfasizza wkoll ir-reżiljenza qawwija tas-sistemi nazzjonali matul il-pandemija tal-COVID-19. Il-pandemija wriet ukoll l-importanza tal-kapaċità li tinżamm sistema ta' kontrokontrolli, għall-ħarsien tal-istat tad-dritt.

L-UE hija mgħammra b'mekkaniżmu li **jipproteġi l-baġit tagħha** kontra l-ksur tal-istat tad-dritt.

Ir-rapport huwa parti minn sforzi usa' tal-UE biex tippromwovi u tiddefendi l-valuri fundaturi tagħha. Din il-ħidma tinkludi l-pjan ta' azzjoni għad-demokrazija Ewropea u l-Istrateġija mġedda għall-Implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, flimkien mal-mekkaniżmu ġdid ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE..

Ir-rispett għall-istat tad-dritt huwa prekundizzjoni essenzjali għal ġestjoni finanzjarja tajba u għal finanzjament effettiv mill-UE. Għall-ewwel darba, l-UE hija mgħammra b'mekkaniżmu li jipproteġi l-baġit tagħha, inkluż NextGenerationEU, kontra l-ksur tal-prinċipju tal-istat tad-dritt. Dan il-**mekkaniżmu ta' kondizzjonalità** se jippermetti li l-UE tissospendi, tnaqqas jew tirrestrinġi l-aċċess għall-fondi tal-UE b'mod li jkun proporzjonat man-natura, il-gravità u l-ambitu tan-nuqqasijiet. Ir-regolament **japplika mill-1 ta' Jannar 2021 'il quddiem**, u kull ksur li jseħħ minn dak il-jum huwa kopert.

F'Diċembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat l-istrateġija l-ġdida biex issaħħaħ l-applikazzjoni tal-**Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE**, u kkonfermat impenn imġedded għall-applikazzjoni sħiħa tagħha.

F'demokrazija b'saħħitha u li tirnexxi, iċ-ċittadini jesprimu liberament il-fehmiet tagħhom, jagħżlu l-mexxejja politiċi u jiddeterminaw il-futur tagħhom. Il-**pjan ta' azzjoni għad-demokrazija Ewropea**, ippreżentat f'Diċembru 2020, stabbilixxa miżuri biex l-elezzjonijiet fl-UE jinżammu liberi u ġusti, biex tissaħħaħ il-libertà tal-media u tiġi kkonfrontata d-diżinformazzjoni. Bir-rivoluzzjoni diġitali li għaddejja bħalissa, iċ-ċittadini jridu jkunu kapaċi jiddistingwu l-fatti mill-finzjoni, u media ħielsa u s-soċjetà ċivili jridu jkunu jistgħu jipparteċipaw f'dibattitu miftuħ, ħieles mill-interferenza malizzjuża. B'mod aktar konkret, il-Kummissjoni se tipproponi azzjoni legali dwar ir-**reklamar politiku** li tindirizza l-isponsors ta' kontenut imħallas u ta' kanali ta' produzzjoni u ta' distribuzzjoni, inklużi l-pjattaformi online, dawk li jirreklamaw u l-konsulenzi politiċi, u tiċċara r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom. Il-Kummissjoni se tirrakkomanda wkoll miżuri biex tiġi indirizzata s-**sikurezza tal-ġurnalisti** u se tippreżenta inizjattiva biex tipproteġihom minn kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika.



L-**Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew** beda l-operazzjonijiet tiegħu fl-1 ta' Ġunju 2021.

Fis-26 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni pproponiet li ssaħħaħ il-**Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni** – l-ewwel tat-tip tagħha madwar id-dinja – billi tistabbilixxi gwida li permezz tagħha l-kodiċi jsir għodda aktar effettiva għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u t-trawwim tal-fiduċja fl-informazzjoni online.

Il-Kummissjoni ħolqot ukoll l-**Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew**, li beda jopera fl-1 ta' Ġunju 2021. Dan jiftaħ kapitolu ġdid fil-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera. L-ewwel servizz supranazzjonali tas-servizz ta' prosekuzzjoni se jkun li jipproteġi l-flus tal-kontribwenti tal-UE: se jinvestiga u jipproċessa reati bħall-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni u l-frodi transfruntiera tal-VAT.

## UNJONI TAS-SIGURTÀ

Il-Kummissjoni hija impenjata li tipprovdi sigurtà lill-Ewropej, kemm online kif ukoll offline. Mill-adozzjoni tal-istrateġija tal-unjoni tas-sigurtà tal-UE f'Lulju 2020, il-Kummissjoni ppreżentat inizjattivi leġiżlattivi ġodda importanti biex **issaħħaħ il-Europol** u **tipproteġi l-infrastruttura kritika fiżika u diġitali**. Il-Kummissjoni adottat ukoll **aġenda tal-UE kontra t-terroriżmu** u inizjattivi biex tittratta l-**kriminalità organizzata**, it-traffikar tal-bnedmin, id-drogi, l-abbuż sesswali tat-tfal u t-traffikar tal-armi tan-nar, flimkien ma' **strateġija** ġdida **tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà**. Fi Frar 2021, bdew japplikaw regoli ġodda tal-UE li jillimitaw l-aċċess għall-prekursuri tal-isplussivi madwar l-UE kollha, biex b'hekk sar aktar diffiċli għat-terroristi biex jibnu splussivi artiġjanali. F'Ġunju, daħlu fis-seħħ regoli storiċi tal-UE dwar kif jiġi indirizzat it-tixrid ta' kontenut terroristiku online. Pjattaformi online se jkollhom ineħħu kontenut terroristiku li jindikaw l-awtoritajiet tal-Istati Membri fi żmien siegħa. F'Lulju 2020, il-Kummissjoni ressqet strateġija ġdida għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal kemm offline kif ukoll online. Abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, fl-2021 daħlu fis-seħħ regoli interim għal miżuri volontarji mill-fornituri tas-servizzi online biex jidentifikaw u jirrappurtaw l-abbuż sesswali tat-tfal online u biex ineħħu l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.

F'Ġunju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta biex tinbena **Ċiberunità Konġunta** ġdida. L-għan tal-unità huwa li tittratta l-għadd dejjem jikber ta' inċidenti ċibernetiċi serji li għandhom impatt fuq is-servizzi pubbliċi, l-impriżi u l-ħajja taċ-ċittadini madwar l-Unjoni Ewropea.

Iċ-Ċiberunità Konġunta se taġixxi bħala pjattaforma biex tiżgura **rispons koordinat tal-UE** għal inċidenti u kriżijiet ċibernetiċi fuq skala kbira, kif ukoll biex toffri assistenza fl-irkupru minn dawn l-attakki. Illum, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom bosta entitajiet involuti f'diversi oqsma u setturi. Filwaqt li s-setturi jistgħu jkunu speċifiċi, it-theddid spiss ikun komuni, għalhekk hemm il-ħtieġa ta' koordinazzjoni, ta' kondiviżjoni tal-għarfien u saħansitra ta' allerti.

F'Lulju 2021, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat pakkett ambizzjuż ta' proposti leġiżlattivi biex issaħħaħ **ir-regoli tal-UE kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu**. Il-pakkett jinkludi wkoll proposta għall-ħolqien ta' awtorità ġdida tal-UE biex tiġġieled kontra l-ħasil tal-flus. L-għanijiet ta' dan il-pakkett huma li titjieb l-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet u attivitajiet suspettużi, u li jingħalqu l-lakuni użati mill-kriminali għall-ħasil ta' rikavati illeċiti jew għall-finanzjament ta' attivitajiet terroristiċi permezz tas-sistema finanzjarja. Ir-regoli tal-UE kontra l-ħasil tal-flus huma fost l-aktar rigorużi fid-dinja. Iżda issa jeħtieġ li jiġu applikati b'mod konsistenti u sorveljati mill-qrib, biex jiġi żgurat li verament ikollhom l-effett mixtieq.

## IL-PATT ĠDID DWAR IL-MIGRAZZJONI U L-AŻIL

Fit-23 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni adottat il-**Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil**, li joffri bidu ġdid dwar il-migrazzjoni. Il-Patt jikkombina ġestjoni tal-fruntieri robusta u ġusta ma' regoli effiċjenti u umani dwar l-ażil u l-migrazzjoni. Il-Patt huwa approċċ ġdid għar-responsabbiltà u s-solidarjetà, is-sħubijiet ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE u għall-perkorsi legali. Il-Patt diġà qed jiggwida l-azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-migrazzjoni, pereżempju l-involviment ma' pajjiżi sħab. Qed isir progress dwar bidliet leġiżlattivi, hekk kif il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw id-**Direttiva dwar il-Karta Blu** u r-regolament dwar **l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil**.



Fiduċja aktar b'saħħitha mrawma minn proċeduri aħjar u aktar effettivi



Fruntieri esterni u ta' Schengen ġestiti tajjeb



Solidarjetà effettiva



Ħiliet u talent



Approfondiment tas-sħubijiet internazzjonali



Flessibbiltà u reżiljenza

Biex tiġi ggarantita integrazzjoni aktar inklużiva u rikonoxximent ulterjuri tal-kontribut importanti tal-migranti għas-soċjetajiet u l-ekonomiji tal-Unjoni Ewropea, f'Novembru 2020 il-Kummissjoni ppreżentat il-**pjan ta' azzjoni dwar l-integrazzjoni u l-inklużjoni għall-2021-2027**. Fi Frar 2021, adottat komunikazzjoni u l-ewwel rapport dwar il-kooperazzjoni għar-ritorn u r-riammissjoni ma' pajjiżi rilevanti li mhumiex fl-UE. Filwaqt li rriflettiet l-importanza li titrawwem il-mobilità legali, f'Ġunju 2021 il-Kummissjoni organizzat ukoll avveniment ta' tnedija ta' livell għoli għas-sħubijiet ta' talent.

**L-ewwel strateġija tal-UE dwar ir-ritorn volontarju u r-riintegrazzjoni tal-migranti** ġiet adottata f'April 2021. Din għandha l-għan li tiffaċilita r-ritorn volontarju mill-Istati Membri u mill-pajjiżi ta' tranżitu; li ttejjeb il-kwalità tal-programmi ta' ritorn u riintegrazzjoni; u li ssaħħaħ ir-rabtiet ma' inizjattivi ta' żvilupp u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi sħab.



Fit-2 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat **strateġija ġdida biex issaħħaħ iż-żona Schengen** biex tiżgura l-ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni tal-UE; iżżid il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja; ittejjeb it-tħejjija u l-governanza; u tiffinalizza t-tkabbir taż-żona Schengen.

F'Awwissu 2021, il-**Belarussja** istigat fluss ta' migranti irregolari lejn il-fruntiera Litwana (sal-10 ta' Awwissu 2021 kienu waslu madwar 4 120, 55 darba taċ-ċifra totali fl-2020) – sforz biex jiġu strumentalizzati l-ħajjiet umani u t-tbatija umana għal raġunijiet politiċi. L-UE appoġġat lil-Litwanja b'sett wiesa' ta' azzjonijiet: tliet aġenziji tal-UE assistew lil-Litwanja fil-post b'aktar minn 150 persuna; il-Kummissjoni tat EUR 37.6 miljun f'finanzjament ta' emerġenza għall-faċilitajiet ta' akkoljenza, is-servizzi u l-appoġġ għal madwar 8000 migrant; 16-il Stat Membru u n-Norveġja bagħtu għajnuna umanitarja permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili; il-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għamlu kuntatt mal-pajjiżi ta' oriġini, b'mod partikolari l-Iraq; u l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili Iraqina ssospendiet it-titjiriet kollha mill-Iraq lejn il-Belarussja. Laqgħa tal-IPCR fil-livell ministerjali fit-18 ta' Awwissu kkonfermat l-approċċ tal-UE.

Wara l-iżviluppi fl-**Afganistan** matul is-sajf 2021, il-Kummissjoni ddeskriviet approċċ komprensiv biex tiġi indirizzata l-kriżi, li jinkludi appoġġ għall-persuni spostati fl-Afganistan, appoġġ għall-pajjiżi fir-reġjun li jospitaw ċittadini Afgani b'assistenza umanitarja u għall-iżvilupp u żieda fil-kwoti ta' risistemazzjoni biex tingħata għajnuna lill-persuni vulnerabbli filwaqt li jiġu indirizzati r-riskji tal-migrazzjoni irregolari, il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni tad-dħul klandestin ta' bnedmin u l-iżgurar tal-ġestjoni tal-fruntieri tal-UE. Il-Kummissjoni esprimiet ir-rieda tagħha li teżamina l-mezzi baġitarji meħtieġa biex tappoġġa lill-Istati Membri tal-UE li se jiġu 'l quddiem biex jgħinu fir-risistemazzjoni tar-refuġjati.

# 4. IL-ĠEOPOLITIKA F'DINJA POST-PANDEMIKA

Fl-ewwel jiem tal-pandemija, ħafna mexxejja madwar id-dinja għażlu approċċ ta' "pajjiżi l-ewwel u qabel kollox". Din ma kinitx l-għażla tal-UE. Il-Kummissjoni Ewropea ħadmet qatigħ biex tlaqqa' flimkien atturi internazzjonali differenti, tibni koalizzjonijiet ġodda u inizjattivi ġodda ta' kooperazzjoni biex tiġġieled il-COVID-19 u tniedi rkupru globali sostenibbli.

L-Ewropa kienet il-pern tal-kooperazzjoni globali għat-tilqim. Il-Kummissjoni kienet forza protagonista wara l-**Aċċeleratur ACT** u l-faċilità **COVAX**, il-**ħidma tal-G7** biex taqsam it-tilqim ma' pajjiżi bi dħul baxx u medju u l-ewwel **Summit Globali dwar is-Saħħa**. Apparti dan kollu, ħdimna ma' ekonomiji ewlenin oħra biex infasslu approċċ komuni għall-kriżi ekonomika, u poġġejna s-saħħa tal-pjaneta tagħna u l-**għanijiet ta' żvilupp sostenibbli** fil-qalba tal-irkupru. Ikkollaborajna man-Nazzjonijiet Uniti, ir-Renju Unit, l-Istati Uniti u sħab internazzjonali oħra biex inżidu l-livell globali ta' ambizzjoni qabel il-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima tal-COP26 fi Glasgow, u l-Konferenza tan-NU dwar il-Bijodiversità f'Kunming, iċ-Ċina. L-Ewropa kienet mutur ewlieni tal-kooperazzjoni internazzjonali.





Fl-2021, l-UE baqgħet soda fuq il-valuri u l-interessi ewlenin tagħha, b'rispett għad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. Għall-ewwel darba, l-UE użat ir-**Reġim Globali ta' Sanzjonijiet b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem** li kienet adottat f'Novembru 2020. Inħarġu sanzjonijiet kontra individwi u entitajiet miċ-Ċina, l-Eritrea, il-Libja, ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea, ir-Russja u s-Sudan t'Isfel. Dawn huma responsabbli għal ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jvarjaw minn tortura, eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji u qtil għal għajbien sfurzat ta' persuni, arresti arbitrarji jew detenzjonijiet u l-użu sistematiku ta' xogħol furzat.

## NIFTĦU KAPITOLI ĠODDA MAL-EQREB SĦAB TAGĦNA

Fi tmiem l-2020, l-Unjoni Ewropea fetħet kapitolu ġdid fis-sħubija tagħha mar-Renju Unit. Fl-24 ta' Diċembru 2020, **l-UE u r-Renju Unit laħqu ftehim ta' kummerċ u kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku**, imfassal biex jipproteġi l-interessi komuni taż-żewġ partijiet u jiggarantixxi kompetizzjoni ġusta li taqsam il-Fliegu. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021. Fl-istess ħin, l-UE se tiżgura appoġġ finanzjarju addizzjonali skont ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għal dawk ir-reġjuni u l-attivitajiet ekonomiċi li se jkunu l-aktar milquta mill-ftehim.

L-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit, inkluż il-Protokoll tiegħu dwar l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq, għadha prijorità għall-UE u prerekwiżit għal sħubija mill-qrib u produttiva fuq il-bażi taż-żewġ ftehimiet.

Tmiem is-sena dawwar ukoll paġna ġdida għall-Istati Uniti. Ftit wara l-elezzjonijiet tal-Istati Uniti f'Novembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà stabbilixxew **aġenda ġdida bejn l-UE u l-Istati Uniti għal bidla globali**, biex tissawwar sħubija transatlantika rivitalizzata adattata għax-xenarju globali tal-lum li jkopri erba' oqsma interkonnessi: l-irkupru mill-COVID-19; il-protezzjoni tal-pjaneta u l-prosperità tagħna; it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tagħna fit-teknoloġija, il-kummerċ u l-istandards; u l-ħidma kollaborattiva lejn dinja aktar sikura u demokratika.

Fis-**Summit bejn l-UE u l-Istati Uniti** fil-15 ta' Ġunju 2021 – l-ewwel wieħed f' seba' snin – il-mexxejja tal-UE u l-President tal-Istati Uniti Joe Biden affermaw mill-ġdid id-determinazzjoni transatlantika reċiproka. Is-Summit juri li l-aġenda transatlantika l-ġdida diġà qed tagħti frott: l-UE u l-Istati Uniti stabbilixxew **Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija** ta' livell għoli **bejn l-UE u l-Istati Uniti** biex iservi bħala forum għall-koordinazzjoni ta' approċċi għal kwistjonijiet kummerċjali, ekonomiċi u teknoloġiċi globali ewlenin, u biex japprofondixxu r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi fuq il-bażi ta' valuri demokratiċi kondiviżi sabiex flimkien jimmassimizzaw l-opportunitajiet għal kollaborazzjoni transatlantika xprunata mis-suq, isaħħu t-tmexxija teknoloġika u industrijali taż-żewġ naħat u jespandu l-kummerċ u l-investiment bilaterali.

L-UE u l-Istati Uniti stabbilixxew **Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija** ta' livell għoli.

B'mod parallel mal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija, se jiġi stabbilit Djalogu Konġunt bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni fit-Teknoloġija li se jiffoka fuq l-iżvilupp ta' approċċi komuni u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-politika tal-kompetizzjoni u l-infurzar fis-settur teknoloġiku. L-UE u l-Istati Uniti ħadu l-impenn ukoll li jsaħħu l-kooperazzjoni biex jittrattaw it-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali u t-telf tal-bijodiversità, u li jippromwovu t-tkabbir ambjentalment sostenibbli, jipproteġu l-oċeani tagħna u li jinkoraġġixxu atturi importanti oħra jkunu ambizzjużi fl-azzjonijiet tagħhom.

## IT-TRATTAMENT MAĊ-ĊINA U R-RUSSJA

Il-Kummissjoni ddeskriviet pjan komprensiv ta' appoġġ ekonomiku għal **Belarussja** demokratika futura.

Tmiem l-2020 immarka t-tmiem ta' negozjati intensi maċ-Ċina li rriżultaw fi ftehim dwar ftehim komprensiv ambizzjuż dwar l-investiment. **Iċ-Ċina** hija kompetitur ekonomiku, saħansitra rivali sistemiku, iżda wkoll sieħeb f'kooperazzjoni mal-UE f'termini tal-ittrattar tal-isfidi ambjentali u kummerċjali globali b'1.4 biljun konsumatur. Il-**ftehim komprensiv dwar l-investiment** għandu l-għan li joħloq kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji tal-UE u jinjetta obbligi ta' sostenibbiltà fir-relazzjonijiet ta' investiment maċ-Ċina.

Sabiex jiġi żgurat li kulħadd jimxi bl-istess regoli fis-suq uniku, f'Mejju 2021 il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal regolament li jikkontrolla s-**sussidji distorsivi** mogħtija minn gvernijiet barranin lil kumpaniji attivi fl-UE. Ma nistgħux naċċettaw aktar li l-kumpaniji fl-UE li huma soġġetti għar-regoli tagħna dwar l-għajnuna mill-Istat jitqiegħdu fi żvantaġġ kontra dawk li jibbenefikaw minn appoġġ mhux ikkontrollat minn bnadi oħra.

Azzjonijiet miċ-Ċina wasslu għall-applikazzjoni – għall-ewwel darba – ta' **sanzjonijiet tal-UE** kontra uffiċjali Ċiniżi responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem kontra l-popolazzjoni Uighur.

Ġie stabbilit ukoll **djalogu ta' livell għoli dwar l-ambjent u l-klima** maċ-Ċina b'rikonoxximent tar-rwol kritiku taċ-Ċina fil-ġlieda globali kontra t-tibdil fil-klima u l-impenn dejjem jiżdied tagħha.

F'Ġunju 2021, il-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli ppreżentaw rakkomandazzjonijiet dwar kif għandha tiġi aġġornata l-**politika tal-UE dwar ir-Russja**. Aħna pproponejna li l-UE simultanjament tirrespinġi, tillimita u tinvolvi lir-Russja. Impenn kostruttiv mit-tmexxija Russa huwa indispensabbli biex b'hekk jiġi invertit l-andament mhux produttiv attwali f'din ir-relazzjoni importanti. L-UE kompliet topponi bil-qawwa l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tiddefendi l-valuri demokratiċi. F'Marzu 2021, l-UE introduċiet sanzjonijiet kontra erba' persuni minħabba rabta diretta li kellhom mal-arrest arbitrarju, il-prosekuzzjoni u l-kundanna tal-politiku tal-oppożizzjoni Russu Alexei Navalny mill-awtoritajiet Russi, kif ukoll ir-repressjoni li wettqu fuq protesti paċifiċi.

F'Mejju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill id-deskrizzjoni tagħha għal pjan komprensiv ta' appoġġ ekonomiku għal **Belarussja** demokratika futura, li jiswa sa EUR 3 biljun. Minn Ottubru 2020, l-UE progressivament imponiet miżuri restrittivi kontra individwi u entitajiet responsabbli għan-natura frodulenti tal-elezzjonijiet presidenzjali ta' Awwissu 2020, u għall-intimidazzjoni u r-repressjoni vjolenti ta' dimostranti paċifiċi, membri tal-oppożizzjoni u ġurnalisti. Total ta' 166 persuna u 15-il entità bħalissa huma soġġetti għal miżuri restrittivi, li jinkludu l-iffriżar ta' assi applikabbli kemm għall-individwi kif ukoll għall-entitajiet u l-projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar ta' individwi.

L-UE wieġbet b'firmezza wkoll għall-inżul furzat tat-23 ta' Mejju 2021 ta' ġett ta' Ryanair f'Minsk billi introduċiet projbizzjoni fuq it-titjiriet li jgħaddu minn fuq l-ispazju tal-ajru tal-UE u fuq l-aċċess għall-ajruporti tal-UE minn trasportaturi Bjelorussi ta' kull tip, u billi adottat sanzjonijiet ekonomiċi speċifiċi.



# NIMPENJAW RUĦNA MAL-ĠIRIEN TAGĦNA FIL-BALKANI TAL-PUNENT U L-MEDITERRAN

Fi sforz imġedded biex jiġi affermat li post il-Balkani tal-Punent huwa fl-UE, il-Kummissjoni adottat il-pakkett annwali tat-tkabbir f'Ottubru 2020, li jistabbilixxi l-prijoritajiet ta' riforma li l-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali jridu jindirizzaw. B'mod parallel, il-Kummissjoni adottat ukoll **pjan ekonomiku u ta' investiment għall-Balkani tal-Punent** appoġġat minn EUR 9 biljun ta' finanzjament għal inizjattivi ta' investiment emblematiċi. Il-pjan, flimkien mal-aġenda ekoloġika li takkumpanjah, għandu l-għan li jixpruna rkupru fit-tul appoġġat mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Fit-2 ta' Ġunju 2021, sar ftehim politiku bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni III, li witta t-triq għall-appoġġ ta' qabel l-adeżjoni, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-pjan ekonomiku u ta' investiment imsemmi hawn fuq.

F'Marzu 2021, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli ppreżentaw komunikazzjoni konġunta lill-Kunsill Ewropew dwar is-sitwazzjoni attwali tar-relazzjonijiet politiċi, ekonomiċi u kummerċjali **bejn l-UE u t-Turkija**. B'approċċ ikkoordinat, proporzjonat u riversibbli, l-UE tinsab lesta li tinvolvi ruħha mat-Turkija biex issaħħaħ il-kooperazzjoni f'għadd ta' oqsma. Dawn huma fl-interess komuni tagħna u jistgħu jiġu segwiti f'passi inkrimentali, dment li nkomplu nsostnu u nsaħħu l-isforzi kostruttivi tat-Turkija. Filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza li jkomplu jiġu appoġġati r-refuġjati Sirjani u l-komunitajiet ospitanti fil-Ġordan, fil-Libanu, fit-Turkija, u f'partijiet oħra tar-reġjun, f'Ġunju 2021 il-Kummissjoni pproponiet li tkompli tipprovdi finanzjament tal-UE, inklużi EUR 3 biljun sal-2024 biex tappoġġa l-azzjonijiet fit-Turkija. Id-djalogu dwar ir-rispett għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tan-nisa għadhom parti integrali mir-relazzjoni bejn l-UE u t-Turkija.

**Aġenda ġdida** ambizzjuża u innovattiva **għall-Mediterran**, adottata fid-9 ta' Frar 2021, qed tgħin biex titnieda mill-ġdid u tissaħħaħ is-sħubija strateġika bejn l-UE u l-Viċinat tan-Nofsinhar tagħha. Din tinkludi pjan ekonomiku u ta' investiment iddedikat biex tingħata spinta lill-irkupru soċjoekonomiku fit-tul fil-Viċinat tan-Nofsinhar. Bl-Istrument il-ġdid ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali tal-UE, se jiġu allokati sa EUR 7 biljun għall-implimentazzjoni tiegħu għall-2021-2027, li jista' jimmobilizza sa EUR 30 biljun f'investiment privat u pubbliku fir-reġjun matul id-deċennju li jmiss.

L-**Unjoni Afrikana** hija sieħeb mill-qrib tal-UE. Flimkien qed nibnu futur aktar għani, paċifiku u sostenibbli għall-popli miż-żewġ naħat tal-Mediterran. Il-ġlieda kontra l-COVID-19 u l-ħtieġa li jiġi indirizzat l-impatt ekonomiku tagħha jagħmluha neċessarja li nintensifikaw l-isforzi f'diversi prijoritajiet ta' sħubija mas-sħab Afrikani tagħna, biex jintlaħaq approċċ konġunt fis-Summit mal-Unjoni Afrikana fl-2022. Flimkien, l-UE u l-Unjoni Afrikana għandhom ukoll l-għan li jimplimentaw b'suċċess l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.








## ĦIDMA MA' DEMOKRAZIJI TAL-ISTESS FEHMA FID-DINJA KOLLHA

Fit-8 ta' Mejju 2021, fis-**Summit bejn l-UE u l-Indja**, iż-żewġ partijiet qablu dwar sħubija ta' konnettività u ssoktaw bin-negozjati dwar ftehim kummerċjali bilanċjat, ambizzjuż, komprensiv u ta' benefiċċju għat-tnejn, kif ukoll li jibdew negozjati dwar Ftehim ta' Protezzjoni awtonomu u dwar ftehim separat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi.

L-**Alleanza ekoloġika UE-Ġappun** tħabbret fis-summit tas-27 ta' Mejju 2021, wara li sar qbil dwar sħubija ta' konnettività s-sena li għaddiet. Permezz tal-Alleanza Ekoloġika, iż-żewġ naħat beħsiebhom jaċċelleraw it-tranżizzjoni tal-ekonomiji tagħhom biex isiru newtrali għall-klima, ċirkolari u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi fid-deċennji li ġejjin. L-UE u l-Ġappun se jkollhom ukoll Djalogu Ekonomiku ta' livell għoli, b'enfasi fuq il-finanzi sostenibbli, aktar tard din is-sena.

Fl-14 ta' Ġunju, il-mexxejja tal-UE ltaqgħu mal-Prim Ministru Justin Trudeau fis-**Summit UE-Kanada**, li rriżulta fl-istabbiliment ta' **Sħubija Strateġika** ambizzjuża **dwar il-Materja Prima u Djalogu** ta' Livell Għoli dwar is-Saħħa, li se jwasslu għal benefiċċji reċiproċi. Il-laqgħa kkonfermat il-livell għoli ta' qbil bejn l-UE u l-Kanada dwar kwistjonijiet ewlenin inklużi s-saħħa, it-tilqim, l-azzjoni klimatika, il-bijodiversità, il-kummerċ, kwistjonijiet diġitali, u l-affarijiet barranin.

## L-EWROPA, IL-QALB TĦABBAT TAL-KOOPERAZZJONI GLOBALI

Is-**sħubija strateġika bejn l-UE u n-NATO** qed tkompli tagħti riżultati konkreti għall-benefiċċju tal-komunità Ewro-Atlantika..

Fi Frar 2021, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli ppreżentaw strateġija ġdida biex jissaħħaħ il-kontribut tal-UE għall-**multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli**. L-istrateġija appellat għat-tisħiħ tas-sħubiji tal-UE permezz ta' alleanzi ġodda ma' pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali u atturi oħra, bħal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, biex jitrawwem multilateraliżmu inklużiv. F'Ġunju 2021, iż-żjara tas-Segretarju Ġenerali tan-NU António Guterres fi Brussell - l-ewwel darba wara li reġa' ġie elett - kienet opportunità biex jittieħed kont tas-sħubija bejn l-UE u n-NU u biex titwitta t-triq għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn it-tnejn.

L-ewwel laqgħa li qatt saret tas-**Segretarju Ġenerali tan-NATO, Jens Stoltenberg** mal-Kulleġġ tal-Kummissarji, f'Diċembru 2020, faħħret il-livell ta' kooperazzjoni bla preċedent bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet. Is-sħubija strateġika bejn l-UE u n-NATO tkompli tagħti riżultati konkreti għall-benefiċċju tal-komunità demokratika Ewro-Atlantika f'firxa wiesgħa ta' oqsma, inklużi l-mobilità militari, it-theddid ibridu, l-indħil dannuż barrani u ċ-ċiberdifiża. Bl-appoġġ qawwi tal-Istati Membri u l-alleati, il-kooperazzjoni qed tissaħħaħ aktar fl-oqsma tar-reżiljenza, it-teknoloġiji emerġenti u fixkiela, il-klima u d-difiża.

F'dinja fejn l-impronta tal-kriżijiet qed tespandi b'mod rapidu u l-prinċipji tal-għajnuna umanitarja qed jiġu kkontestati kif rarament ġara fil-passat, ir-responsabbiltà tal-UE fid-dinja bħala attur umanitarju qatt ma kienet aktar importanti. Fl-10 ta' Marzu, il-Kummissjoni adottat **prospettiva umanitarja strateġika mġedda tal-UE**, li tistabbilixxi pjan immirat lejn it-tisħiħ tal-impatt umanitarju globali tal-Unjoni Ewropea.

L-UE tinsab fuq quddiem nett fl-isforzi biex jissaħħaħ il-kummerċ multilaterali bbażat fuq ir-regoli. Ir-"Rieżami tal-politika kummerċjali" tal-Kummissjoni ta' Frar 2021 – għal politika kummerċjali miftuħa, sostenibbli u assertiva – għandha l-għan li ssawwar sistema ġdida ta' governanza globali u tiżviluppa relazzjonijiet bilaterali ta' benefiċċju reċiproku, filwaqt li tipproteġi lill-UE minn prattiki inġusti u abbużivi. Jistabbilixxi l-approċċ tal-Kummissjoni għar-**riforma tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ** biex ittejjeb il-funzjonijiet ewlenin tagħha: is-soluzzjoni tat-tilwim, it-tfassil tar-regoli u l-monitoraġġ.

L-UE tinsab fuq quddiem nett fl-isforzi biex jissaħħaħ il-**kummerċ multilaterali bbażat fuq ir-regoli**.

L-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ kellha rwol ewlieni matul il-kriżi tal-COVID-19 billi żammet il-ktajjen tal-provvista globali miftuħa u wittiet it-triq għal aċċess ekwu għat-tilqim u t-trattamenti. L-UE kienet protagonista billi pproponiet inizjattiva dwar il-kummerċ u s-saħħa, li tiffoka fuq il-faċilitazzjoni tal-kummerċ, l-eliminazzjoni tar-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni u l-massimizzazzjoni tal-potenzjal tas-sistema tal-proprjetà intellettwali għall-kondiviżjoni tat-tilqim u t-trattamenti.

Wara l-ħatra tal-ewwel **Uffiċjal Kap tal-Infurzar għall-Kummerċ** f'Lulju 2020, il-Kummissjoni ffukat dejjem aktar fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE. Ir-Regolament ta' infurzar emendat daħal fis-seħħ fi Frar 2021, u jagħti s-setgħa lill-UE biex tipproteġi l-interessi kummerċjali tagħha fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

Fit-19 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat **strateġija ġdida biex trawwem il-ftuħ, is-saħħa u r-reżiljenza** tas-sistema ekonomika u finanzjarja tal-UE għas-snin li ġejjin. L-istrateġija għandha l-għan li tippermetti aħjar li l-Ewropa jkollha rwol ewlieni fil-governanza ekonomika globali, filwaqt li tipproteġi lill-UE minn prattiki inġusti u abbużivi.

Bejn il-11 u t-13 ta' Ġunju 2021, il-President von der Leyen u Charles Michel, il-President tal-Kunsill Ewropew, irrappreżentaw lill-UE fis-**Summit tal-Mexxejja tal-G7** f'Carbis Bay, ir-Renju Unit. Fis-Summit, il-mexxejja qablu dwar impenji ulterjuri rigward il-kondiviżjoni tat-tilqim, il-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u li jsir progress konkret lejn soluzzjoni globali għat-tassazzjoni diġitali u għar-riforma tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. L-UE żiedet l-appoġġ tagħha għas-Sħubija Globali għall-Edukazzjoni għal EUR 700 miljun għall-2021-2027.

# 5. INSAWRU L-FUTUR TAL-EWROPA, FLIMKIEN

Element kruċjali għad-demokrazija Ewropea huwa li ċ-ċittadini jkunu jafu ma' min qed jiltaqgħu dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u min qed jipprova jinfluwenza leġiżlazzjoni ġdida u politiki ġodda. Fl-20 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni ffirmat il-ftehim interistituzzjonali ġdid dwar reġistru ta' trasparenza obbligatorju mal-Parlament u mal-Kunsill. Il-ftehim, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2021, jespandi l-ambitu tar-**reġistru ta' trasparenza** u jistabbilixxi l-prinċipji u r-regoli għal approċċ koordinat għar-rappreżentanza tal-interessi fil-livell tal-UE li tkun trasparenti u etika, u jibni kultura komuni ta' trasparenza filwaqt li jqis l-ispeċifiċitajiet rispettivi tal-istituzzjonijiet firmatarji.

Sabiex jitrawwem l-irkupru tal-Ewropa, huwa iktar importanti minn qatt qabel li ssir leġiżlazzjoni bl-iktar mod effiċjenti possibbli, filwaqt li l-liġijiet tal-UE jsiru iktar adattati għall-ħtiġijiet tal-ġejjieni. Għal dan il-għan, f'April 2021 il-Kummissjoni ppreżentat proposta biex taġġorna u tissimplifika l-proċess tal-UE tat-tfassil tal-liġijiet. Bl-adozzjoni tal-**komunikazzjoni dwar regolamentazzjoni aħjar**, il-Kummissjoni qed tkompli tagħmel dan l-approċċ għat-tfassil tal-liġijiet inklużiv kemm jista' jkun biex tiggarantixxi li l-inizjattivi tagħna jkunu adegwati għall-użu tagħhom u jtejbu l-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u tan-negozji.

Il-**Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa** hija eżerċizzju innovattiv f'demokrazija parteċipattiva u deliberattiva. Il-Konferenza twieġeb is-sejħiet taċ-ċittadini għal vuċi akbar f'dak li tagħmel l-UE u kif taħdem għalihom. Tikkonċerna dak li huwa importanti għaċ-ċittadini UE. Il-Konferenza tipprovdi toroq ġodda għaċ-ċittadini biex jiddeliberaw u jkollhom vuċi akbar fit-tfassil tal-prijoritajiet futuri tal-UE. Hija miftuħa għaċ-ċittadini minn kull sfond u minn kull naħa tal-Unjoni Ewropea, b'enfasi speċjali fuq iż-żgħażagħ. Din hija opportunità għall-"maġġoranza siekta" biex tinvolvi ruħha mal-UE.

F'dikjarazzjoni konġunta ffirmata fl-10 ta' Marzu, il-Presidenza Konġunta tal-Konferenza, li tikkonsisti mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew, il-presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea, impenjat ruħha li tittraduċi l-konklużjonijiet tal-konferenza fit-tfassil tal-politika futura.

L-attivitajiet tal-konferenza bdew fid-19 ta' April, meta l-Bord Eżekuttiv, magħmul minn rappreżentanti tat-tliet istituzzjonijiet, nieda l-**pjattaforma diġitali** tal-konferenza, disponibbli fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE. Dan kien segwit minn avveniment inawgurali fil-Parlament Ewropew fi Strasburgu f'Jum l-Ewropa. Il-pjattaforma diġitali hija l-fus tal-konferenza, u l-ewwel waħda tat-tip tagħha fil-livell Ewropew f'termini ta' skala, interattività u multilingwiżmu. Tiġbor flimkien il-kontributi kollha relatati mal-konferenzi, inkluż mill-bordijiet deliberattivi taċ-ċittadini tal-UE u l-plenarji tal-konferenzi.

L-ewwel avveniment taċ-ċittadini tal-UE sar fil-Portugall fis-17 ta' Ġunju u s-sessjoni plenarja saret fi Strasburgu fid-19 ta' Ġunju. Iċ-ċittadini ta' kull età u sfond issa qed jinvolvu ruħhom mal-UE bħal qatt qabel. Kif qalet il-President von der Leyen fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2020, "Il-futur se jkun kif insawruh aħna. U l-Ewropa se tkun kif nixtiquha aħna."


©Juliane Liebermann on Unsplash

# L-ISTAT TAL-UNJONI

# KRONOLOĠIJA

# SETTEMBRU

2020

## 18.9

Unjoni ta' Ugwaljanza: il-Kummissjoni tressaq l-ewwel pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu.





## 23.9

**Patt ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil** jipprevedi proċeduri mtejba u aktar rapidi fis-sistema kollha tal-ażil u l-migrazzjoni u jistabbilixxi ekwilibriju tal-prinċipji ta' kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà u s-solidarjetà.

## 24.9

Il-Kummissjoni Ewropea adottat pakkett ta' finanzjament diġitali, inkluż strateġija ta' finanzjament diġitali u proposti leġislattivi dwar il-kriptoassi u r-reżiljenza diġitali, għal settur finanzjarju kompetittiv tal-UE li lill-konsumaturi jagħtihom aċċess għal prodotti finanzjarji innovattivi, filwaqt li jiġu żgurati l-protezzjoni tal-konsumatur u l-istabbiltà finanzjarja.

# OTTUBRU

2020

## 6.10

**Jiġi adottat pjan ekonomiku u ta' investiment komprensiv** biex jixpruna l-irkupru fit-tul tal-Balkani tal-Punent u jrawwem l-integrazzjoni reġjonali.

## 7.10

Il-Kummissjoni tniedi **pjan** ġdid **ta' 10 snin li jappoġġa lir-Rom fl-UE**.



## 8.10

il-Kummissjoni approvat il-kuntratt mal-kumpanija farmaċewtika Janssen Pharmaceutica NV li jippermetti li l-pajjiżi tal-UE jakkwistaw vaċċini għal 200 miljun persuna u l-possibbiltà li jinxtraw aktar vaċċini għal 200 miljun ruħ oħra. Il-Kummissjoni diġà għamlet l-ewwel ftehim mal-kumpajina farmaċewtika AstraZeneca fl-14 ta' Awwissu. Dan il-ftehim kien jirrappreżenta l-bażi għall-akkwist ta' 300 miljun doża tal-vaċċin, bl-għażla li jinxtraw 100 miljun doża oħra, f'isem l-Istati Membri tal-UE.

## 14.10

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew:
Il-Kummissjoni tadotta **strateġija ġdida dwar is-sustanzi kimiċi** biex taħdem lejn ambjent ħieles mit-tossini.



## 21.10

Il-Kummissjoni toħroġ **bond soċjali inawgurali ta' EUR 17-il biljun** permezz tal-istrument SURE tal-UE biex tħares l-impjiegi u tgħin lin-nies iżommu l-impjiegi.

## 27.10

**EUR 17-il biljun huma żborżati lil Spanja, l-Italja u l-Polonja** bħala l-ewwel pagament tal-appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri skont l-istrument SURE. Sa issa minn SURE ibbenefikaw sa 30 miljun ħaddiem u 2.5 miljun ditta. L-UE diġà pprovdiet total ta' madwar EUR 90 biljun lil 19-il Stat Membru.

## 28.10

Il-Kummissjoni tipproponi Direttiva tal-UE biex tiżgura li l-ħaddiema fl-Unjoni jkunu protetti minn pagi minimi adegwati li jippermettu għixien deċenti irrispettivament minn fejn jaħdmu.

# NOVEMBRU

2020

## 11.11

Titnieda **l-aġenda l-ġdida tal-konsumatur** biex tagħti s-setgħa lill-konsumaturi tal-UE biex ikollhom rwol attiv fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.



## 11.11

Jittieħdu l-ewwel passi lejn il-bini ta' **unjoni Ewropea tas-saħħa**, biex jiġu żgurati tħejjija u rispons aktar b'saħħithom matul il-kriżijiet tas-saħħa attwali u futuri

## 11.11

Il-Kummissjoni approvat il-kuntratt mal-kumpaniji farmaċewtiċi, BioNTech u Pfizer, li jipprevedi l-akkwist inizjali ta' 200 miljun doża f'isem l-Istati Membri kollha tal-UE, flimkien ma' opzjoni li jinxtraw sa 100 miljun doża oħra.



## 12.11

Il-Kummissjoni tippreżenta l-ewwel **strateġija tal-UE għall-ugwaljanza tal-LGBTIQ**.



## 25.11

Il-Kummissjoni approvat il-kuntratt mal-kumpanija farmaċewtika, Moderna, li jipprevedi l-akkwist inizjali ta' 80 miljun doża f'isem l-Istati Membri kollha tal-UE, flimkien ma' għażla li jinxtraw sa 80 miljun doża oħra.

## 25.11

Qed ikun ippreżentat **pjan ta' azzjoni dwar il-ġeneri** biex jippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni tan-nisa fl-aspetti kollha tal-azzjoni esterna tal-UE.

# DIĊEMBRU

2020

## 2.12

Relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti l-UE tipproponi aġenda transatlantika ġdida, li tħares 'il quddiem għall-kooperazzjoni globali.





## 3.12

Il-Kummissjoni tippreżenta **Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea** biex tawtonomizza liċ-ċittadini u tibni demokraziji aktar reżiljenti madwar l-UE.

## 10.12

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew: Qed issir proposta għal **regolament dwar batteriji sostenibbli** għal ekonomija ċirkolari u newtrali għall-klima.



## 15.12

**L-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali**: tiġi proposta riforma ambizzjuża tal-ispazju diġitali, flimkien ma' sett komprensiv ta' regoli ġodda għas-servizzi diġitali kollha.



## 17.12

Il-**baġit fit-tul tal-UE għall-2021-2027**, li jammonta għal EUR 1.211 triljun fi prezzijiet attwali, huwa adottat fil-Kunsill.

## 21.12

Il-Kummissjoni Ewropea tawtorizza **l-ewwel vaċċin sikur u effettiv kontra l-COVID-19**.





## 24.12

Wara negozjati intensivi, il-Kummissjoni tilħaq **ftehim mar-Renju Unit** dwar it-termini tar-relazzjoni futura tiegħu mal-UE.

## 27.12

**L-ewwel Ewropej jitlaqqmu kontra l-COVID-19.**



# JANNAR
## 2021



### 6.1

Tiġi awtorizzata **t-tieni tilqima sikura u effettiva kontra l-COVID-19**.



© Unsplash - Zac Wolff

### 18.1

Il-Kummissjoni tniedi l-fażi tad-disinn tal-inizjattiva "**Bauhaus Ewropea l-Ġdida**", bil-għan li tgħaqqad id-disinn, is-sostenibbiltà u l-investiment biex tgħin fit-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.



### 29.1

Il-Kummissjoni Ewropea tawtorizza **t-tielet vaċċin sikur u effettiv kontra l-COVID-19**.

### 29.1

Il-Kummissjoni tistabbilixxi **mekkaniżmu ta' trasparenza u ta' awtorizzazzjoni għall-esportazzjonijiet tal-vaċċini kontra l-COVID-19**.

# FRAR
## 2021



### 9.2

L-UE tipproponi **aġenda ġdida għall-Mediterran**, biex issaħħaħ is-sħubija strateġika mas-sħab tagħha tal-Viċinat tan-Nofsinhar.

### 10.2

Il-Parlament Ewropew jikkonferma **l-qbil politiku li ntlaħaq dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza**, l-istrument ewlieni fil-qalba ta' NextGenerationEU.

**17.2**

Sabiex l-Ewropa titħejja għat-theddida ta' varjanti ġodda, il-Kummissjoni tipproponi pjan ġdid ta' tħejjija għall-bijodifiża, **l-inkubatur HERA**.



**17.2**

Tiġi ppreżentata strateġija ġdida biex jissaħħaħ il-**kontribut tal-UE għall-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli**.

© Flickr - UNclimatechange

**18.2**

Il-Kummissjoni tistabbilixxi **politika kummerċjali tal-UE** miftuħa, sostenibbli u assertiva għas-snin li ġejjin.



**19.2**

Fis-Summit tal-G7, il-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen tħabbar **l-irduppjar tal-kontribuzzjoni tal-UE għall-COVAX**, il-faċilità dinjija għall-aċċess universali għat-tilqim, minn EUR 500 miljun għal EUR 1 biljun.

# MARZU
## 2021

**3.3**

**Unjoni ta' ugwaljanza**: il-Kummissjoni tippreżenta l-istrateġija tagħha 2021-2030 għad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, biex tiżgura l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fis-soċjetà.



**4.3**

**Trasparenza fil-pagi**: il-Kummissjoni tippreżenta proposta dwar it-trasparenza fil-pagi biex tiżgura li n-nisa u l-irġiel fl-UE jkollhom paga ugwali għal xogħol ugwali.

**4.3**

**Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali** jistabbilixxi ambizzjoni għal Ewropa soċjali b'saħħitha.

**9.3**

**Id-Deċennju Diġitali tal-Ewropa**: il-Kummissjoni tistabbilixxi l-perkors lejn Ewropa b'awtonomizzazzjoni diġitali sal-2030



**10.3**

Illum, il-President tal-Parlament Ewropew, David Sassoli, il-Prim Ministru tal-Portugall António Costa, f'isem il-Presidenza tal-Kunsill, u l-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen iffirmaw id-**Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa**.

**11.3**

**Ir-raba' tilqima sikura u effettiva kontra l-COVID-19** hija awtorizzata għall-użu fl-UE.

© bonnitura - Fotolia

## 17.3

Il-Kummissjoni tipproponi l-ħolqien ta’ **ċertifikat diġitali** li jiffaċilita l-moviment sikur u liberu fl-UE matul il-pandemija tal-COVID-19.



## 18.3

Jitnieda l-**Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni** biex jgħin jibdel l-ideat xjentifiċi f’innovazzjonijiet rivoluzzjonarji.

## 24.3

L-UE tistabbilixxi qafas ta’ politika komprensiv ġdid biex tiżgura li **d-drittijiet kollha tat-tfal jiġu protetti** u tipproponi li tiġi stabbilita Garanzija Ewropea għat-Tfal.



## 25.3

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew: il-Kummissjoni tippreżenta azzjonijiet biex **tkabbar il-produzzjoni organika**.

# APRIL

2021

## 14.4

Biex tfixkel il-mudelli kummerċjali transfruntieri tal-organizzazzjonijiet kriminali, il-Kummissjoni tippreżenta **strateġija tal-UE biex tittratta l-kriminalità organizzata**, flimkien ma’ **strateġija ġdida dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin**, maħsuba biex tgħin fil-prevenzjoni tal-kriminalità, tressaq lit-traffikanti quddiem il-ġustizzja u tagħti s-setgħa lill-vittmi.



## 15.4

**Il-Ftehim ta’ sħubija l-ġdid bejn l-UE u l-membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku** jistabbilixxi l-qafas għall-kooperazzjoni politika, ekonomika u settorjali għall-20 sena li ġejjin.

## 21.4

Il-Kummissjoni tipproponi regoli u azzjonijiet ġodda għall-**eċċellenza u l-fiduċja fl-intelliġenza artifiċjali**, bil-għan li l-UE tinbidel f’ċentru globali għal intelliġenza artifiċjali affidabbli.



## 21.4

**Finanzi Sostenibbli u Tassonomija tal-UE**: il-Kummissjoni tieħu aktar passi biex tidderieġi l-flus lejn attivitajiet sostenibbli.

# MEJJU

2021

## 5.5

Tiġi aġġornata **l-Istrateġija Industrijali tal-UE** biex tiżgura li l-ambizzjoni industrijali tal-Ewropa tqis għalkollox iċ-ċirkostanzi l-ġodda ta' wara l-kriżi tal-COVID-19 u tgħin tmexxi t-trasformazzjoni lejn ekonomija aktar sostenibbli, diġitali, reżiljenti u kompetittiva globalment.



## 7-8.5

L-istituzzjonijiet tal-UE, is-sħab soċjali Ewropej u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jiegħdu li jagħmlu l-almu tagħhom kollu biex jibnu Ewropa soċjali aktar inklużiva fis-**Summit Soċjali f'Porto**.

## 8.5

**Fil-laqgħa bejn il-mexxejja tal-UE u tal-Indja f'Porto, u permezz ta' videokonferenza**, l-UE u l-Indja jikkonkludu ta' konnettività komprensiva, li tikkonferma l-impenn tagħhom li jikkollaboraw biex jappoġġaw konnettività reżiljenti u sostenibbli kemm fl-Indja kif ukoll f'pajjiżi u reġjuni terzi.

## 9.5

F'**Jum l-Ewropa 2021**, l-avveniment inawgurali tal-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa jsir fi Strasburgu.

## 12.5

Sabiex l-UE titmexxa lejn l-għan tal-2050 ta' pjaneta b'saħħitha għal persuni b'saħħithom, il-Kummissjoni tadotta l-**pjan ta' azzjoni tal-UE "Lejn tniġġis żero għall-arja, l-ilma u l-ħamrija"**.



## 15.5

**Fis-Summit dwar il-Finanzjament tal-Ekonomiji Afrikani**, il-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen ħabbret inizjattiva ta' Tim Ewropa b'appoġġ għall-irkupru tal-Afrika mill-pandemija tal-COVID-19.

## 17.5

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew: Il-Kummissjoni tipproponi **ekonomija blu sostenibbli** fl-UE għall-industriji u s-setturi konnessi mal-oċeani, l-ibħra u l-kosti.



## 18.5

Tiġi adottata **komunikazzjoni dwar it-tassazzjoni tal-impriżi għas-Seklu 21** biex tippromwovi sistema tat-taxxa għall-impriżi b'saħħitha, effiċjenti u ġusta fl-UE.

©Presidenza Portugiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 2021 – Pedro Sá da Bandeira

## 20.5

Il-Kummissjoni tiffirma **t-tielet kuntratt mal-kumpaniji farmaċewtiċi BioNTech u Pfizer**, u tirriżerva 1.8 biljun doża addizzjonali tal-vaċċin tagħhom f'isem l-Istati Membri kollha tal-UE bejn tmiem l-2021 u l-2023.






## 20.5

L-Istati Membri tal-UE jaqblu li **jerġgħu jiftħu għal vjaġġaturi mlaqqma minn barra l-UE**.

## 21.5

Il-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen tħabbar inizjattiva ta' **EUR 1 biljun tat-Tim Ewropa** dwar il-manifattura u l-aċċess għat-tilqim, il-mediċini u t-teknoloġiji tas-saħħa fl-Afrika.






## 21.5

**Fis-Summit dwar is-Saħħa Globali** ospitat b'mod konġunt mill-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen u l-Prim Ministru Taljan Mario Draghi, il-mexxejja tal-G20 jimpenjaw ruħhom għal sensiela ta' azzjonijiet biex iħaffu t-tmiem tal-kriżi tal-COVID-19 kullimkien u biex iħejju aħjar għal pandemiji futuri.

## 25.5

EUR 14.1-il biljun huma żborżati lil 12-il Stat Membru bħala s-seba' pagament parzjali tal-**appoġġ finanzjarju skont l-istrument SURE**.



## 26.5

Il-Kummissjoni tippreżenta gwida biex issaħħaħ il-**Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni**, l-ewwel għodda ta' dan it-tip fid-dinja.

## 28.5

L-UE tiddeskrivi pakkett ta' appoġġ ekonomiku ta' EUR 3 biljun għal **Belarussja** demokratika futura.



## 31.5

**Id-Deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji hija rratifikata mill-Istati Membri kollha**, u tippermetti lill-Kummissjoni tibda tissellef biex tiffinanzja l-irkupru skont in-NextGenerationEU.

# ĠUNJU

## 2021

### 1.6

**It-tnedija tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew**, kapitolu ġdid fil-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera.





### 2.6

Il-Kummissjoni tippreżenta strateġija ġdida biex tagħmel l-akbar żona tal-ivvjaġġar liberu fid-dinja – **iż-żona Schengen** – aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti.

### 3.6

Il-Kummissjoni tipproponi qafas għal **identità diġitali Ewropea affidabbli u sigura** li se tkun disponibbli għaċ-ċittadini, ir-residenti u l-impriżi kollha tal-UE.



### 15.6

Fis-Summit fi Brussell, **il-mexxejja tal-UE u tal-Istati Uniti** jimpenjaw ruħhom li jtemmu l-pandemija tal-COVID-19 u li jmexxu 'l quddiem l-irkupru globali.



# LULJU

## 2021

### 6.7

Biex iżżid il-livell ta' ambizzjoni tagħha dwar il-finanzjament sostenibbli, il-Kummissjoni tadotta l-proposta tal-Istandard Ewropew għall-Bonds Ekoloġiċi li toħloq standard volontarju ta' kwalità għolja għall-bonds li jiffinanzjaw l-investiment sostenibbli.

### 14.7

Il-Kummissjoni Ewropea tadotta pakkett ta' proposti sabiex il-politiki tal-UE dwar il-klima, l-enerġija, l-użu tal-art, it-trasport u t-tassazzjoni jsiru adegwati biex **sal-2030** l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jitnaqqsu **b'mill-inqas 55 %**, meta mqabbla mal-livelli tal-1990.



### 16.7

L-**istrateġija** l-ġdida **tal-UE għall-foresti** għandha l-għan li tiggarantixxi foresti b'saħħithom u reżiljenti li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-bijodiversità u l-għanijiet klimatiċi.

### 20.7

**L-Istat tad-Dritt 2021**: ir-rapport tal-UE juri żviluppi pożittivi fl-Istati Membri iżda jindika wkoll tħassib serju.



### 20.7

**Il-ġlieda kontra l-kriminalità finanzjarja**: il-Kummissjoni tagħmel riforma mill-qiegħ tar-regoli kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu.

# AWWISSU

## 2021

### 25.8

522.4 miljun doża tal-vaċċin ġew amministrati fl-UE minn Diċembru 2020, u aktar minn 250 miljun ċittadin tal-UE huma kompletament imlaqqma.



Il-Kummissjoni Ewropea mhijiex responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza li tirriżulta minħabba l-użu mill-ġdid ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021

© L-Unjoni Ewropea, 2021

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija bbażata fuq id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).
Għajr jekk ikun indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC-BY 4.0) (https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess kemm-il darba jingħata kreditu xieraq u jiġu indikati t-tibdiliet kollha.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi.

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea